

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

L 143

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

3 ta' Ġunju 2008

Werrej

I Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 485/2008 tas-26 ta' Mejju 2008 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (Verżjoni kodifikata)** 1
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 486/2008 tat-2 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 10
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 487/2008 tat-2 ta' Ġunju 2008 reġistrazzjoni ta' isem fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Casatella Trevigiana (DPO))** 12
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 488/2008 tat-2 ta' Ġunju 2008 li jimponi dazju provviżorju ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina** 13
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 489/2008 tat-2 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 806/2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tal-majjal** 30

II Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2008/406/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar l-ghajjnuna statali C 51/06 (ex N 748/06) li l-Polonja implimentat għal Arcelor Huta Warszawa (notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6077) ⁽¹⁾.....** 31

2008/407/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2004/432/KE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet tal-monitoraġġ tar-residwi sottomessi minn pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2297) ⁽¹⁾** 49



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 485/2008

tas-26 ta' Mejju 2008

dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

(Verżjoni kodifikata)

IL- KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4045/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mis-sezzjoni ta' Garanziji tal-Gwida Agrikola u tal-Fond ta' Garanziji ta' l-Unjoni Ewropea u li qed iħassar id-Direttiva Nru 77/435/KEE ⁽²⁾ ġie emendat kemm-il darba ⁽³⁾ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Skond Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 fuq il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ⁽⁴⁾, l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità u partikularment sabiex tiġi aċċertata l-ġenwinità u l-konformità tal-operazzjoni iffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u jipprevjenu u jsewgi irregolaritajiet u sabiex jirkupra somom mitlufa bħala riżultat ta' irregolaritajiet jew negliġenza.

⁽¹⁾ Opinjoni tad-19 ta' Ġunju 2007 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2154/2002 (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 4).

⁽³⁾ Ara l-Anness I.

⁽⁴⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1 Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 1)

(3) Skrutinju ta' dokumenti kummerċjali ta' l-impriżi li jirċievu jew li jagħmlu pagament jistgħu jkunu mezz effettiv ħafna ta' sorveljanza tat-transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-FAEG. Dan l-iskrutinju jissupplementa spezzjonijiet oħra li diġà jsiru mill-Istati Membri. Barra minn dan, dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-iskrutinju li huma aktar estensivi minn dawk li hemm f'dan ir-Regolament m'humix affettwati minnu.

(4) Id-dokumenti wżati bħala bażi għal dan l-iskrutinju għandhom ikunu stabbiliti b'mod illi jippermetti li jsir skrutinju sħiħ.

(5) L-impriżi li għandhom jkunu skrutinati għandhom jint-għażlu skond il-baży tan-natura tat-transazzjonijiet li jsiru fuq responsabilità tagħhom u rendikont ta' l-impriżi li qed jirċievu jew jagħmlu pagamenti skond l-importanza finanzjarja tagħhom fis-sistema ta' finanzjament tal-FAEG.

(6) Barra minn dan, huwa neċessarju li jiġi provdut numru minimu ta' spezzjonijiet ta' dokumenti kummerċjali. Dan in-numru għandu jkun stabbilit b'metodu li jeskludi differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri skond differenzi fl-istruttura ta' l-ispiża tal-FAEG. Dan il-metodu jista' jitwaqqaf billi jirreferu għan-numru ta' impriżi ta' ċerta importanza finanzjarja fis-sistema ta' finanzjament tal-FAEG.

(7) Il-poteri ta' l-uffiċjali responsabbli mill-iskrutinju u l-obbligazzjonijiet ta' l-impriżi sabiex jagħmlu d-dokumenti kummerċjali disponibbli lil dawn l-uffiċjali għal perjodu speċifikat u sabiex jissupplixxu dik l-informazzjoni li tista' tintalab lillhom għandha tkun definita. Għandu jkun stipulat ukoll illi dokumenti kummerċjali jistgħu f'ċerti każi jinqabdu.

- (8) Huwa neċessarju li tkun organizzata kooperazzjoni bejn l-Istati Membri minħabba l-istruttura ta' interpretazzjoni tan-negozju fil-kamp ta' l-agrikoltura u bil-ħsieb li jseħħ il-funzjonament tas-suq intern. Huwa wkoll neċessarju li jkun hemm sistema ta' dokumentazzjoni ċentrallizzata dwar impriża riċevitur jew ħlasijiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li jitwaqqfu fuq-livell tal-Komunità.
- (9) Filwaqt illi hija r-responsabilità ta' l-Istati Membri fl-ewwel waqt li jaddotaw il-programmi ta' skrutinju tagħhom, huwa neċessarju illi dwan il-programmi jkunu komunikati lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista tassumi l-irwol tagħha ta' superviżjoni u koordinazzjoni u tassigura illi l-programmi jkunu addottati fuq il-bażi ta' kriterji xierqa. L-iskrutinju jista' għalhekk ikun konċentrat fuq setturi jew impriżi fejn ir-riskju ta' frodi huwa għoli.
- (10) Huwa essenzjali illi kull Stat Membru jkollu dipartiment speċjali għas-sorveljanza ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għal koordinament ta' l-iskrutinju li jsir skond dan ir-Regolament. L-uffiċjali tad-dipartiment jistgħu jagħmlu spezzjonijiet ta' l-impriżi skond dan ir-Regolament.
- (11) Id-Dipartimenti li jwettqu l-iskrutinju skond dan ir-Regolament għandhom ikunu organizzati indipendentement mid-Dipartimenti li jwettqu l-iskrutinju qabel il-ħlas.
- (12) L-informazzjoni miġbura matul l-iskrutinju ta' dokumenti kummerċjali għandha tkun protetta bis-sigriet professjonali.
- (13) Għandhom isiru arranġamenti għal skambju ta' informazzjoni fil-livell tal-Komunità sabiex ir-riżultati ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikun jista' jintuża għal effett akbar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament għandu x'jaqsam ma' l-iskrutinju tad-dokumenti kummerċjali ta' dawġ l-entitajiet li jkunu jirċievu jew iħallsu pagamenti li jkollhom x'jaqsmu direttament jew indirettament mas-sistema tal-finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), jew ir-rappreżentanti tagħhom, minn hawn 'il quddiem imsejja "intrapriżi", sabiex jiġi aċċertat jekk transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mill-FAEG ikunux attwalment twettqu u esegwiti b'mod korrett.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal miżuri koperti bis-sistema integrata ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll li jaqgħu taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa⁽¹⁾. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, tistabbilixxi lista ta' miżuri oħra li għalihom dan ir-Regolament ma japplikax.

3. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) "dokumenti kummerċjali" tfisser il-kotba, reġistri, fatturi u dokumenti li jappoġġjawhom, rekords taż-żamm tal-kotba, tal-produzzjoni u dwar il-kwalità, u korrispondenza li għandha x'taqsam ma' l-attività kummerċjali ta' l-impriża, kif ukoll dettalji kummerċjali, fi kwalunke forma li jistgħu ikunu fiha, inkluża l-informazzjoni maħżuna elettronikament, sakemm dawn id-dokumenti jew l-informazzjoni jkollhom x'jaqsmu direttament jew indirettament mat-transazzjonijiet li ssir riferenza għalihom fil-paragrafu 1;
- (b) "terza persuna" tfisser kull persuna naturali jew legali direttament jew indirettament konnessa mat-transazzjonijiet imwettqa fis-sistema tal-FAEG.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu skrutinju ta' dokumenti kummerċjali ta' l-impriżi u jieħdu in konsiderazzjoni t-transazzjonijiet li għandhom ikunu skrutinati. L-Istati Membri għandhom jassiguraw illi l-għażla ta' l-impriżi għall-iskrutinju tagħti l-aħjar assigurazzjoni possibbli ta' l-effiċjenza tal-miżuri sabiex jipprevjenu u jsibu l-irregolaritajiet skond is-sistema ta' finanzjament tal-FAEG. *Inter alia*, l-għażla għandha tieħu in konsiderazzjoni l-importanza finanzjarja ta' l-impriżi f'dik is-sistema u fatturi oħra ta' riskju.

2. L-iskrutinju li jagħmel riferenza għalih il-paragrafu 1 għandu japplika, għal kull perjodu ta' skrutinju li l-paragrafu 7 jagħmel riferenza għalih għal numru ta' impriżi li jistgħu ikunu mhux anqas minn nofs l-impriżi li l-irċevuti jew pagamenti, jew somom tagħhom, skond is-sistema ta' finanzjament tal-FAEG, ammontaw għal aktar minn EUR 150 000 fis-sena finanzjarja tal-FAEG għas-sena kalendarja preċedenti għall-imsemmi perjodu ta' skrutinju.

⁽¹⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 293/2008 (ĠU L 90, 2.4.2008, p. 5).

3. Fir-rigward ta' kull perjodu kurrenti ta' skrutinju, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet tagħhom kif definiti fil-paragrafu 1, jagħżlu l-impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati skond il-bażi ta' l-analiżi tar-riskju fis-settur ta' rifiżjonijiet fuq l-esportazzjoni, u għall-miżuri l-oħrajn kollha meta huwa prattikabbli li jsir hekk. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni il-proposti tagħhom għall-użu tal-analiżi tar-Riskju. Il-proposti għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha rilevanti dwar it-trattament li għandu jintuża, il-metodi ta' teknika, il-kriterji u l-metodu ta' l-implimentazzjoni. Għandhom jiġu preżentati mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena preċedenti tal-perjodu tal-iskrutinju li għalih għandhom jiġu applikati. L-Istati Membri għandhom jieħdu akkont tal-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-proposti, li għandhom jingħataw fi żmien tmien ġimgħat mill-wasla tagħhom.

4. Għal miżuri li għalihom Stat Membru jqis li l-użu ta' l-analiżi tar-riskju ma jkun prattikabbli, għandu jkun obligatorju għall-impriżi li s-somma tad-dħul jew tal-ħlasijiet tagħhom jew is-somma ta' dawk iż-żewġ ammonti fi ħdan is-sistema ta' finanzjament tal-FAEG kienet aktar minn EUR 350 000 u li ma jkunux ġew skrutinizzati skond dan ir-Regolament matul xi wieħed miż-żewġ perjodi ta' skrutinju preċedenti, li jiġu skrutinizzati.

5. Impriżi li l-irċevuti tagħhom jew pagamenti jammontaw għal inqas minn EUR 40 000 għandhom ikunu skrutinizzati skond dan ir-Regolament għar-raġunijiet speċifiċi li jkunu indikati mill-Istati Membri biss fil-programm annwali kif jagħmel riferenza għalih Artikolu 10 jew mill-Kummissjoni fi kwalunkwe emenda proposta għal dak il-programm.

6. F'każijiet xierqa, l-iskrutinju li hemm fil-paragrafu 1 għandu jiġi estiż għall-persuni naturali u ġuridiċi li magħhom l-impriżi li huma skond Artikolu 1 huma assoċjati u għal dawk il-persuni naturali jew ġuridiċi li jistgħu jkunu rilevanti sabieb jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

7. Il-perjodu ta' skrutinju għandu jdum mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

L-iskrutinju għandu jkopri perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar li jintemmu waqt il-perjodu ta' skrutinju ta' qabel; jista' jiġi estiż għal perjodi, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru, li jiġu qabel jew wara l-perjodu ta' 12-il xahar.

8. L-iskrutinju li jsir skond dan ir-Regolament m'għandux jippreġudika l-ispezzjonijiet mibdija skondl-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Artikolu 3

1. L-eżattezza tad-dettalji primarji taħt l-iskrutinju għandha tkun verifikata b'numru ta' kontrolli bir-reqqa, inklużi, meta jkun meħtieġ, id-dokumenti kummerċjali ta' partijiet terzi, xierqa skond il-grad ta' riskju ppreżentat, inklużi, inter alia:

(a) paraguni mad-dokumenti kummerċjali ta' fornituri, klienti, ġarrara u partijiet terzi oħrajn;

(b) verifiki fiżiċi, meta xieraq, fuq il-kwantità u n-natura tal-ħażniet;

(c) tixbieh mar-rekords ta' flussi finanzjarji li jwasslu jew huma konsegwenza ta' transazzjonijiet li jsiru fi ħdan is-sistema ta' finanzjament tal-FAEG, u

(d) jiċċekkja, fejn jidħlu ż-żamma tal-kotba u reġistri ta' attività finanzjarja li juru fiż-żmien ta' l-iskrutinju, li d-dokumenti miżmuma mill-aġenzija li tkun tagħmel il-ħlas ta' għajjnuna lill-benefiċjarju huma preċiżi.

2. B'mod partikolari, billi l-impriżi huma rikjesti li jżommu rekords ta' ħażniet fi ktieb speċifiku skond dispożizzjonijiet tal-Komunità jew nazzjonali, l-iskrutinju ta' dawn ir-rekords għandu, fil-każijiet xierqa jinkludi tixbieh mad-dokumenti kummerċjali u, fejn xieraq, mal-kwantitajiet attwali fil-ħażniet.

3. Fl-għażla ta' transazzjonijiet biex jiġu verifikati, għandu jittieħed akkont sħiħ tal-grad tar-riskju preżentat.

Artikolu 4

L-impriżi għandhom iżommu d-dokumenti kummerċjali għal mill-anqas tlett snin, li jibdeu mill-aħħar tas-sena meta jkunu saru.

L-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu perjodu itwal ta' kemm dawn id-dokumenti jistgħu jinżammu.

Artikolu 5

1. Il-persuni responsabbli għall-impriża, jew terzi persuni, għandhom jassiguraw li d-dokumenti kummerċjali kollha u l-informazzjoni addizzjonali jiġu provduti lill-uffiċjali responsabbli għall-iskrutinju jew lill-persuni maħtura għal dak l-iskop. Dettalji maħżuna elettronikament għandhom ikunu provduti fuq medja xieraq li tappoġġa d-dettalji.

2. L-uffiċjali responsabbli mill-iskrutinju jew il-persuni awtorizzati għal dan l-iskop jistgħu jitolbu li partijiet jew kopji tad-dokumenti li jagħmel riferenza għalihom il-paragrafu 1 tingħata lilhom.

3. Meta, waqt l-iskrutinju mwettaq skond dan ir-Regolament, id-dokumenti kummerċjali miżmuma sabiex fil-futur iżżomm rekords bħal dawk skond kif meħtieġ mill-Istat Membru responsabbli għall-iskrutinju, mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet stipulati fir-Regolamenti l-oħrajn li għandhom x'jaqsmu mas-settur involut.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-data li minnha dawk ir-rekords għandhom jibdeu jinżammu.

Meta d-dokumenti kummerċjali kollha jew parti minnhom meħtieġa sabiex jiġu skrutinizziati skond dan ir-Regolament ikunu jinsabu għand l-impriża fl-istess grupp kummerċjali, soċjetà bi sħab jew assoċjazzjoni ta' l-impriżi mmexxija fuq bażi unifikata bħall-impriża li tkun qed tiġi skrutinizzata, sew jekk tkun tinsab 'il ġewwa jew 'il barra mit-territorju tal-Komunità, l-impriża għandha ttipprovi dawk id-dokumenti kummerċjali lill-uffiċjali responsabbli għall-iskrutinju, f'post u ħin li jiġi deċiż mill-Istati Membri responsabbli għat-twettiq ta' l-iskrutinju.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw illi l-uffiċjali responsabbli għall-iskrutinju għandhom l-awtorità illi jaqbd u dokumenti kummerċjali, jew li jordnaw illi jinqabdu. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat b'rispett għad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti u m'għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni tar-regoli li jirregolaw proċeduri f'materji kriminali li jikkonċernaw il-qbid ta' dokumenti.

2. L-Istati Membri għandhom jaddottaw il-miżuri xierqa sabiex jippenalizzaw il-persuni naturali jew ġuridiċi li jonqsu milli jagħmlu l-obbligazzjonijiet tagħhom skond dan ir-Regolament.

Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin għall-iskopijiet tat-twettiq ta' l-iskrutinju kif hemm ipprovdut dwar dan l-Artikolu 2 u 3 fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta impriża jew terza persuna hija stabbilita fi Stat Membru li mhux dak li fih il-ħlas ta' l-ammont f'dan il-każ kien jew kellu jsir jew jasal;

(b) meta impriża jew terza persuna hija stabbilita fi Stat Membru li mhux dak li fih jinsabu d-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa għall-iskrutinju.

Il-Kummissjoni tista' tikkoordina azzjonijiet konġunti li jinvolvu assistenza reċiproka bejn żewġ Stati Membri jew aktar. Dispożizzjonijiet għal dik il-koordinazzjoni għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Fejn żewġ Stati Membri jew iżjed minn tnejn jinkludu fil-programm mibgħut taħt l-Artikolu 10 (2) xi proposta għal azzjoni konġunta li tinvolvi għajna reċiproka estensiva, il-Kummissjoni tista', jekk tkun mitluba, tippermetti tnaqqis sa massimu ta' 25 % ta' l-iżgħar għadd ta' skrutinji kif stabbilit taħt l-Artikolu 2(2) sa (5) għall-Istati Membri kkonċernati.

2. Waqt l-ewwel tlett xhur wara s-sena finanzjarja ta' ħlas tal-FAEG, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lista ta' l-impriżi li ssir riferenza għalihom f'punt (a) tal-paragrafu 1 lil kull Stat Membru li fih dik l-impriża hija stabbilita. Il-lista għandu jkollha fiha d-dettalji kollha meħtieġa sabiex l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun jista' jidentifika l-impriża u jesegwixxi l-obbligazzjonijiet ta' skrutinju tiegħu. L-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun responsabbli għall-iskrutinju ta' dawk l-impriżi skond l-Artikolu 2. Kopja ta' kull lista għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

L-Istat Membru li jirċevi jew jagħmel il-pagament jista' jitlob lill-Istat Membru li fih l-impriża hija stabbilita sabiex jiskrutinizza wħud mill-impriżi fuq dik il-lista skond l-Artikolu 2, waqt li jindika għalfejn huwa meħtieġ li jagħmel dik it-talba u partikolarment ir-riskji assoċjati magħha.

L-Istat Membru li jirċevi t-talba għandu jieħu akkont kif jixraq tar-riskji assoċjati mal-impriża, li għandhom jiġu kkomunikati mill-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel it-talba.

L-Istat Membru li jirċevi t-talba għandu jinforma lill-Istat Membru li jagħmel it-talba bl-azzjoni meħuda wara it-talba. Meta jsir l-iskrutinju ta' l-impriża fuq il-lista, l-Istat Membru li jkun irċeva t-talba u li jkun wettaq l-iskrutinju għandu jinforma lill-Istat Membru li jkun għamel it-talba bir-riżultati ta' dak l-iskrutinju mhux aktar tard minn tlett xhur wara t-tmien tal-perjodu tal-iskrutinju.

Deskrizzjoni fil-qosor ta' dawn it-talbiet għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull tlett xhur, mhux aktar minn xahar wara li jagħlaq il-perjodu ta' tlett xhur. Il-Kummissjoni tista' tesiġi li kopja ta' talbiet individwali tiġi fornita.

3. Matul l-ewwel tlett xhur wara s-sena finanzjarja tal-pagament tal-FAEG, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni lista ta' l-impriżi stabbiliti fpajjiż terz li għalihom il-pagament ta' l-ammont f'dak il-każ ikun sar jew suppost li kellu jsir jew li jkun wasal f'dak l-Istat Membru.

4. Jekk informazzjoni addizzjonali tkun meħtieġa minn Stat Membru ieħor bħala parti mill-iskrutinju ta' xi intrapriża skond l-Artikolu 2, u b'mod partikolari ċċekkjar bejn żewġ naħat skond l-Artikolu 3, talbiet speċifiċi għal skrutinju jistgħu jsiru waqt li juru r-raġunijiet għat-talba. Deskrizzjoni fil-qosor ta' talbiet speċifiċi għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull tlett xhur. Il-Kummissjoni tista' tesiġi li kopja ta' talbiet individwali tiġi fornita.

It-talba għal skrutinju għandha tintlaqa' mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tkun waslet; ir-riżultati ta' l-iskrutinju għandhom jitwasslu mingħajr telf ta' żmien lill-Istat Membru u lill-Kummissjoni. In-notifika lill-Kummissjoni għandha tkun kull tlett xhur, mhux aktar minn xahar wara li jagħlaq il-perjodu ta' tlett xhur.

5. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet minimi dwar il-kontenut tat-talbiet li ssir referenza għalihom fil-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

1. Informazzjoni miġbura matul l-iskrutinju kif mitlub f'dan ir-Regolament għandu jittieħed bħala protett bis-sigriet professjonali. Ma jistax ikun komunikat lil xi persuni ħlief dawk li, minħabba d-doveri tagħhom fl-Istati Membri jew fl-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, huma mitluba li jkollhom din l-informazzjoni jew sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dawk d-doveri.

2. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali.

Artikolu 9

1. Qabel l-1 ta' Jannar li jsegwi l-perjodu ta' skrutinju l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni rapport dettaljat dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport għandu juri d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom u l-miżuri li ttieħdu sabiex jingħelbu u jagħmlu, fejn hu xieraq, suġġerimenti għal titjib.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandu jkollhom tibdil regolari ta' opinjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha ta' kull sena tevalwa il-progress miksub, fir-rapport annwali dwar l-amministrazzjoni tal-fondi li jagħmel referenza għalihom Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jippreparaw programmi għall-iskrutinju li jrid isir skond Artikolu 2 matul il-perjodu ta' skrutinju sussegwenti.

2. Kull sena, qabel il-15 ta' April, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni il-programm li jagħmel referenza għalih il-paragrafu 1 u għandhom jispeċifikaw:

(a) in-numru ta' impriżi li ser ikunu skrutinizzati u jinqasmu skond is-settur fuq il-bażi ta' l-ammonti li għandhom x'jaqsmu magħhom;

(b) il-kriterji addottati sabiex sar dan il-programm.

3. Il-programmi mwaqqfa mill-Istati Membri u mgħaddja lill-Kummissjoni, għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri, jekk, fi żmien tmien ġimgħat, il-Kummissjoni m'għarrfitx il-kummenti tagħha.

4. L-emendi magħmula mill-Istati Membri għall-programmi għandhom ikunu suġġetti għall-istess proċedura.

5. B'mod eċċezzjonali, f'kull stadju, il-Kummissjoni tista' titlob l-inklużjoni ta' kategorija partikolari ta' l-impriża fil-programm ta' xi wieħed jew aktar mill-Istati Membri.

Artikolu 11

1. F'kull Stat Membru dipartiment speċjali għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-:

- (a) eżekuzzjoni ta' l-iskrutinju li qed jiġi provdut għalih mill-uffiċjali impjegati direttament mid-dipartiment speċifiku, jew
- (b) koordinament jew is-sorveljanza ġenerali tal-skrutinju magħmul mill-uffiċjali li tappartjeni għal dipartimenti oħra.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu illi l-iskrutinju li ser isir skond dan ir-Regolament ikun imqassam bejn d-dipartiment speċjali u dipartimenti nazzjonali oħra, basta illi dan ta' l-ewwel ikun responsabbli għall-koordinament tagħhom.

2. Id-dipartiment jew dipartimenti responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkun organizzat b'mod illi jkun indipendenti mid-dipartimenti jew ferġat ta' dipartimenti responsabbli għall-pagamenti u għall-iskrutinju li jsir qabel il-pagament.

3. Sabiex jiġi assigurat illi dan ir-Regolament ikun applikat korrettement id-dipartiment speċjali li hemm riferenza għalih fil-paragrafu 1 għandu jieħdu l-miżuri kollha neċessarji.

4. Id-dipartiment speċjali għandu jkun responsabbli wkoll għall-:

- (a) taħriġ ta' uffiċjali nazzjonali responsabbli sabiex iwettqu l-iskrutinju li jaġmel riferenza għalih dan ir-Regolament, sabiex jippermettilhom jakkwistaw biżżejjed għarfien sabiex iwettqu d-doveri tagħhom;
- (b) amministrazzjoni tar-rapporti u għal kull dokument ieħor li għandu x'jaqsam ma' l-iskrutinji mwettqa u provdut għalih b'dan ir-Regolament;
- (c) il-preparazzjoni u l-Komunika tar-rapporti li jaġmel riferenza għalihom Artikolu 9(1) u l-programmi li jaġmel riferenza għalihom Artikolu 10.

5. Id-dipartiment speċjali għandu jingħata mill-Istat Membru konċernat il-poteri kollha neċessarji sabiex jwettaq l-inkarigi li jaġhmlu riferenza għalihom il-paragrafi 3 u 4.

Għandu ikun magħmul min-numru ta' uffiċjali li huma biżżejjed u li huma mħarrġa b'mod adegwat għat-twettiq ta' dawk ix-xogħlijiet.

6. Dan l-Artikolu ma japplikax meta n-numru minimu ta' impriżi li għandhom ikunu kontrollati, skond l-Artikolu 2(2) sa (5), huwa anqas minn 10.

Artikolu 12

L-ammonti f'ewro li jidhru f'dan ir-Regolament għandhom ikunu konvertiti fejn xieraq fil-munità nazzjonali billi tiġi applikata r-rata ta' kambju li tkun qed titħaddem fl-ewwel jum tax-xogħol tas-sena meta jibda l-perjodu ta' skrutinju u jkun publikat fis-serje Ċ tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropeja.

Artikolu 13

Regoli dettaljati dwar it-twettiq ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati fejn hemm bżonn, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Artikolu 14

Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 għandhom japplikaw għall-iskrutinju ta' spiża speċifika finanzjata mill-Komunità skond dan ir-Regolament.

Artikolu 15

1. B'rispett għal-liġijiet nazzjonali rilevanti, l-uffiċjali tal-Kummissjoni għandhom ikollhom aċċess għad-dokumenti kollha preparati jew fid-dawl ta' jew wara l-iskrutinju skond dan ir-Regolament u għall-informazzjoni miżmuma, inklużi dawk miġbura fis-sistemi ta' l-ipproċessar ta' l-informazzjoni. Din id-data għandha tiġi pprovdata ma' talba fuq medja xierqa li tappoġġa d-dettalji.

2. L-iskrutinji referuti fl-Artikolu 2 għandhom jitwettqu mill-uffiċjali tal-Istati Membri.

L-uffiċjali tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn l-iskrutinji. Huma ma jistgħux jeżerċitaw il-poteri ta' skrutinju mogħti lil uffiċjali nazzjonali; b'dankollu, għandu jkollhom aċċess għall-istess fond u għall-istess dokumenti bħall-uffiċjali ta' l-Istati Membri.

3. Fil-każ ta' skrutinji li jsiru permezz ta' l-Artikolu 7, l-uffiċjali ta' l-Istat Membru li jagħmlu t-talba jistgħu jkunu preżenti, bi qbil ma' l-Istat Membru li jkun irċieva t-talba, għall-iskrutinju fl-Istat Membru li jkun irċieva t-talba u jkollhom aċċess għall-istess fond u l-istess dokumenti bħall-uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

L-uffiċjali ta' l-Istat Membru li jagħmel it-talba li jkunu preżenti għall-iskrutinji fl-Istat Membru li jkun irċieva t-talba għandhom f'kull ħin ikunu jistgħu jipproduċu prova tal-kapaċità uffiċjali tagħhom. L-iskrutinji għandhom f'kull ħin jitwettqu mill-uffiċjali ta' l-Istat Membru li jirċievi t-talba.

4. Meta dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-proċeduri kriminali jirriservaw ċerti atti għall-uffiċjali nominati speċifikament mill-liġi nazzjonali, l-uffiċjali tal-Kummissjoni, u lanqas l-uffiċjali tal-Istat Membru referuti fil-paragrafu 3, m'għandhom jieħdu sehem f'dawn l-atti. Fi kwalunkwe każ, m'għandhomx jieħdu

parti fi, partikolarment, żjajjar fid-dar jew l-interrogazzjoni formali tal-persuni fil-kuntest tal-liġi kriminali tal-Istat Membru. Għandhom, b'dankollu, jkollhom aċċess għall-informazzjoni miksuba b'dak il-mod.

Artikolu 16

Ir-Regolament (KE) Nru 4045/89, kif emendat bir-Regolamenti elenkati f'Anness I, huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Mejju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL

ANNEX I

REGOLAMENT IMĦASSAR FLIMKIEN MA' L-EMENDI SUĊĊESSIVI TIEGĦU

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89
(ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3094/94
(ĠU L 328, 20.12.1994, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3235/94
(ĠU L 338, 28.12.1994, p. 16)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2154/2002
(ĠU L 328, 5.12.2002, p. 4)

Artikolu 1(1) biss

ANNEX II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2)	Artikolu 1(3), il-kliem tal-bidu u Artikolu 1 (3)(a)
Artikolu 1(3)	Artikolu 1(3)(b)
Artikolu 1(4)	Artikolu 1(2)
Artikolu 1(5)	—
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 2(3)
Artikolu 2(2) it-tielet subparagrafu	—
Artikolu 2(2), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 2(4)
Artikolu 2(2), il-ħames subparagrafu	Artikolu 2(5)
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(6)
Artikolu 2(4)	Artikolu 2(7)
Artikolu 2(5)	Artikolu 2(8)
Artikolu 3(1), il-kliem tal-bidu	Artikolu 3(1), il-kliem tal-bidu
Artikolu 3(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 3(1)(a)
Artikolu 3(1), it-tieni inciz	Artikolu 3(1)(b)
Artikolu 3(1), it-tielet inciz	Artikolu 3(1)(c)
Artikolu 3(1), ir-raba' inċiż	Artikolu 3(1)(d)
Artikolu 3(2)	Artikolu 3(2)
Artikolu 3(3)	Artikolu 3(3)
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikolu 6
Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-kliem tal-bidu	Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-kliem tal-bidu
Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inciz	Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 7(1), it-tielet subparagrafu	Artikolu 7(1), it-tielet subparagrafu
Artikoli 7(2), (3), (4) u (5)	Artikoli 7(2) sa (5)
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9(1)	Artikolu 9(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 9(2)	Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 9(3)	Artikolu 9(2)

Ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89	Dan ir-Regolament
Artikolu 9(4)	Artikolu 9(3)
Artikolu 9(5)	—
Artikolu 10(1)	Artikolu 10(1)
Artikolu 10(2), kliem tal-bidu	Artikolu 10(2), kliem tal-bidu
Artikolu 10(2), l-ewwel inċiż	Artikolu 10(2)(a)
Artikolu 10(2), it-tieni inċiż	Artikolu 10(2)(b)
Artikoli 10(3), (4) u (5)	Artikoli 10(3), (4) u (5)
Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, il-kliem tal-bidu	Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, il-kliem tal-bidu
Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu
Artikoli 11(2) u (3)	Artikoli 11(2) u (3)
Artikolu 11(4), il-kliem tal-bidu	Artikolu 11(4), il-kliem tal-bidu
Artikolu 11(4), l-ewwel inċiż	Artikolu 11(4)(a)
Artikolu 11(4), it-tieni inċiż	Artikolu 11(4)(b)
Artikolu 11(4), it-tielet inċiż	Artikolu 11(4)(ċ)
Artikoli 11(5) u (6)	Artikoli 11(5) u (6)
Artikolu 18	Artikolu 12
Artikolu 19	Artikolu 13
Artikolu 20	Artikolu 14
Artikolu 21	Artikolu 15
Artikolu 22	—
—	Artikolu 16
Artikolu 23	Artikolu 17
—	Anness I
—	Anness II

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 486/2008**tat-2 ta' Ġunju 2008****li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jstipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

- (2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-3 ta' Ġunju 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2008 li jstabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MA	51,7
	MK	44,3
	TN	105,3
	TR	60,2
	ZZ	65,4
0707 00 05	MK	30,3
	TR	127,0
	ZZ	78,7
0709 90 70	TR	94,9
	ZZ	94,9
0805 50 10	AR	123,8
	IL	134,6
	TR	149,9
	US	152,9
	UY	61,8
	ZA	143,4
	ZZ	127,7
0808 10 80	AR	103,8
	BR	87,0
	CA	61,8
	CL	91,6
	CN	83,4
	NZ	112,0
	TR	85,9
	US	126,6
	UY	94,7
	ZA	86,9
	ZZ	93,4
	0809 20 95	TR
US		508,1
ZZ		505,3

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 487/2008

tat-2 ta' Ġunju 2008

reġistrazzjoni ta' isem fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet
ġeografiċi protetti (Casatella Trevigiana (DPO))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunita' Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel ⁽¹⁾ [traduzzjoni mhux uffiċjali], u partikolarment l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u skond l-Artikolu 17(2) tiegħu, l-applikazzjoni ta' l-Italja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem "Casatella Trevigiana" ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jitniżżel fir-Reġistru.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 417/2008 (ĠU L 125, 9.5.2008, p. 27).

⁽²⁾ ĠU C 204, 1.9.2007, p. 20.

ANNEX

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem, elenkati fl-Anness I tat-Trattat

Klassi 1.3. Ġobon

L-ITALJA

Casatella Trevigiana (DPO)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 488/2008

tat-2 ta' Ġunju 2008

li jimponi dazju provviżorju ta' *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROCĊEDURA

1. Inizjazzjoni

(1) Fit-23 ta' Lulju 2007, tressaq ilment dwar importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina mill-Kunsill Ewropew ta' l-Industrija tal-Kimika (KEIK) ("il-kwerelant") fisem produttur li jirrappreżenta proporzjon ewlieni tal-produzzjoni totali tal-Komunità ta' aċidu ċitriku, f'dan il-każ aktar minn 25 %.

(2) L-ilment kellu xhieda ta' dumping tal-prodott imsemmi u ta' ħsara materjali li tirriżulta minn dan, li tqieset suffiċjenti biex jiġi ġustifikat l-inizjazzjoni ta' proċedura.

(3) Fl-4 ta' Settembru 2007, il-proċedura nbdiat bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' inizjazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾.

2. Il-partijiet ikkonċernati mill-proċedura

(4) Il-Kummissjoni avzta uffiċjalment lill-produtturi esportaturi, lill-importaturi, lill-utenti kkonċernati magħrufin u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom, lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, lir-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi u

lill-produtturi Komunitarji bl-inizjazzjoni tal-proċedura ta' anti-dumping. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' inizjazzjoni.

(5) Biex il-produtturi esportaturi jkunu jistgħu jressqu talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") jew għal trattament individwali ("TI"), f'każ li xtaqu jagħmlu dan, il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' talba lill-produtturi esportaturi Ċiniżi kkonċernati magħrufin u lir-rappreżentanti tar-RPĊ. Tmien produtturi esportaturi, inklużi gruppi ta' kumpaniji relatati, talbu TES skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, jew b'mod alternattiv TI - f'każ li l-investigazzjoni tistabbilixxi li huma ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għal TES.

(6) Minħabba n-numru apparentement kbir ta' produtturi esportaturi u importaturi involuti f'din l-investigazzjoni, kien hemm konsiderazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni fl-avviż ta' inizjazzjoni, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(7) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx se jkun meħtieġ u, jekk ikun il-każ, tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi u l-importaturi u r-rappreżentanti li jaġixxu fisimhom intalbu jippreżentaw lilhom infushom u jipprovd, kif speċifikat fl-avviż ta' inizjazzjoni, tagħrif bażiku dwar l-attivitajiet tagħhom marbuta mal-prodott ikkonċernat fi żmien 15-il jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' l-avviż ta' inizjazzjoni.

(8) Safejn għandhom x'jaqsmu l-produtturi esportaturi, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, intgħażel kampjun fuq il-bażi ta' l-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet ta' aċidu ċitriku fil-Komunità, li raġjonevolment jista' jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li waslet mingħand il-produtturi esportaturi, intgħażel kampjun ta' erba' kumpaniji, jew gruppi ta' kumpaniji relatati ("il-kumpaniji li ttieħdu għall-kampjun") li għandhom l-akbar volum ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità. F'termini ta' volum ta' esportazzjonijiet l-erba' kumpaniji li ttieħdu għall-kampjun jirrappreżentaw 79 % ta' l-esportazzjonijiet totali ta' aċidu ċitriku mir-RPĊ lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati u ma qajmu l-ebda oġġezzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU C 205, 4.9.2007, p. 14.

- (9) L-erba' produttori kollha kemm huma li tħallew barra mill-kampjun talbu marġini individwali, skond l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Kumpanija waħda biss, DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd, baġtet it-tagħrif meħtieġ fi żmien il-perjodu previst. Għaldaqstant, talba kompluta waħda biss waslet għal marġini individwali. Billi din it-talba ma tqisitx bħala waħda ta' xkiel mhux xieraq u ma kinitx se twaqqaf l-investigazzjoni milli tiġi tterminata sew fwaqtha, it-talba ntlagħhet.
- Yixing Union Biochemical Co Ltd, Yixing City, Provinċja ta' Jiangsu,
- Shanxi Ruicheng, Ruicheng County, Provinċja ta' Shanxi,
- Laiwu Taihe Biochemistry Co Ltd, Laiwu City, Provinċja ta' Shandong,
- (10) Fir-rigward ta' importaturi Komunitarji mhux relatati, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, intaġħzel kampjun fuq il-bażi ta' l-ikbar volum rappreżentattiv ta' importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku lejn il-Komunità, li jista' jkun investigat b'mod raġionevoli fiż-żmien disponibbli. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li waslet mingħand l-importaturi Komunitarji mhux relatati, intaġħzel kampjun ta' erba' kumpaniji, jew gruppi ta' kumpaniji relatati ("il-kumpaniji li ttieħdu għall-kampjun") li għandhom l-akbar volum ta' importazzjonijiet lejn il-Komunità. F'termini ta' volum ta' importazzjoni l-erba' kumpaniji li ttieħdu għall-kampjun jirrappreżentaw 36 % ta' l-importazzjonijiet totali ta' aċidu ċitriku mir-RPĊ lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati u ma qajmu l-ebda oġġezzjoni. Wieħed mill-importaturi li kien fil-kampjun ma setax jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa. It-tliet importaturi li fadal jirrappreżentaw 29 % ta' l-importazzjonijiet totali ta' aċidu ċitriku mir-RPĊ lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- Weifang Ensign Industry Co Ltd, Changle City, Provinċja ta' Shandong,
- DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd, West Wuxi, Provinċja ta' Jiangsu;
- (c) Kumpaniji relatati fir-RPĊ:
- Anhui BBKA Maanshan Biochemical Ltd, Maanshan, Provinċja ta' Anhui,
- China National Xin Liang Storage Transportation & Trading Corp, Beijing,
- DSM (China) Ltd, Shanghai,
- Shanxi Dimine International Trade, Taiyuan, Provinċja ta' Shanxi;
- (11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għad-determinazzjoni provviżorja ta' dumping, ħsara li rriżultat kif ukoll l-interess tal-Komunità u wettqet żjarat ta' verifika fuq il-post fil-kumpaniji li ġejjin:
- (d) Importaturi mhux relatati fil-Komunità:
- Azelis group, St Augustin, il-Ġermanja,
- Rewe Food Ingredients, Köln, il-Ġermanja,
- Brenntag, Mülheim/Ruhr, il-Ġermanja.
- (a) Produtturi fil-Komunità:
- Jungbunzlauer Austria AG, Vjenna, l-Awstrija,
- S.A. Citrique Belge N.V., Tienen, il-Belġju;
- (b) Il-produtturi esportaturi fir-RPĊ:
- Anhui BBKA Biochemical Co, Ltd, Bengbu City, Provinċja ta' Anhui,
- RZBC Co, Ltd, Rizhao, Provinċja ta' Shandong,
- TTCA Co., Ltd., Anqiu City, Provinċja ta' Shandong,
- (12) Il-partijiet interessati kollha, li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smigħ.
- (13) Minħabba l-ħtieġa li jiġi stabbilit valur normali għall-produtturi esportaturi li jista' ma jingħatalhomx TES, saret verifika biex jiġi stabbilit il-valur normali fuq il-bażi tad-*data* minn pajjiż ta' analoġija, f'dan il-każ il-Kanada (ara l-premessi (40) sa (44), fuq il-post tal-kumpanji li ġejjin:
- (e) Produttur fil-Kanada:
- Jungbunzlauer Canada, Port Colborne, Ontario.

3. Il-perjodu ta' investigazzjoni

- (14) L-investigazzjoni ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Ġunju 2007 ("il-perjodu ta' l-investigazzjoni" jew il-"PI"). Fir-rigward tat-tendenzi rilevanti għall-istima tal-ħsara, il-Kummissjoni analizzat id-*data* li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-30 ta' Ġunju 2007 ("il-perjodu meqjus").

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

1. Il-Prodott ikkonċernat

- (15) Il-prodott ikkonċernat huwa aċidu ċitriku (inkluż iċ-ċitrat tas-sodju), aċidifikant u regolatur tal-pH għal ħafna applikazzjonijiet bħal xarbiet, ikel, deterġenti, kosmetiċi u farmaċewtiċi. Prinċipalment huwa magħmul miz-zokkor/-ġulepp, it-tapjoka, il-qamħ jew il-glukożju (miksib miċ-ċereali) u aġenti differenti għall-fermentazzjoni mikrobika taħt l-ilma tal-karboidrati.
- (16) Il-prodott ikkonċernat jinkludi l-monoidrat ta' l-aċidu ċitriku ("MAC"), aċidu ċitriku anidrus ("AĊA") u d-deidrat taċ-ċitrat tat-trisodju ("DĊT"). Dawn it-tliet tipi jiffurmaw il-prodott ikkonċernat billi għandhom karatteristiċi kimiċi bażiċi komuni u użu li jixxiebah. It-tipi ta' prodott jaqgħu fi ħdan il-Kodiċijiet NM 2918 14 00 (CAM, CAA) u ex 2918 15 00 (TSC). Il-Kodiċi NM 2918 15 00 jinkludi wkoll imluħa oħrajn u ester, li m'humix il-prodott ikkonċernat.
- (17) L-investigazzjoni wriet li t-tipi differenti tal-prodott ikkonċernat kollha għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi u kimiċi bażiċi u bażikament jintużaw għall-istess għanijiet. Għalhekk dawn jitqiesu bħala li jikkostitwixxu prodott wieħed għall-fini ta' din il-proċedura.

2. Il-prodott simili

- (18) L-aċidu ċitriku prodott u mibjugħ fil-Komunità mill-industrija tal-Komunità u l-aċidu ċitriku prodott u mibjugħ fir-RPĊ u fil-Kanada, li għamilha ta' pajjiż ta' analoġija, instabu li essenzjalment kellhom l-istess karatteristiċi tekniċi u kimiċi u l-istess użi bażiċi prodotti fir-RPĊ u mibjugħa għall-esportazzjoni lill-Komunità. Għalhekk huma provviżorjament meqjusa li jixxiebhu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. ID-DUMPING

1. Ġenerali

- (19) Kif imsemmi fil-premessa (5) hawn fuq, kien hemm konsiderazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni għall-produtturi esportaturi fir-RPĊ fl-avviż ta' inizjazzjoni. B'kolloxx tmien gruppi ta' kumpaniji wiegħbu l-kwestjonarju tat-teħid ta' kampjuni fiż-żmien stabbilit u pprovdew it-tagħrif mitlub. Huma rrappreżentaw 96 % ta' l-importazzjonijiet totali li ġew irrappurtati mill-Eurostat. Għaldaqstant il-livell ta' kooperazzjoni jitqies għoli. Il-produtturi esportaturi kollha talbu TES u TI. Kif isemma fil-premessa (7) hawn fuq, erba' gruppi ta' kumpaniji ntgħażlu fil-

kampjun fuq il-bażi tal-volum ta' esportazzjoni tagħhom lejn il-Komunità.

2. Trattament ta' Ekonomija tas-Suq ("TES")

- (20) Skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, fl-isthar-rigiet ta' anti-dumping dwar l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ, il-valur normali għal daww il-produtturi li nstabu li qed jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku għandu jiġi ddeterminat skond il-paragrafi 1 sa 6 ta' l-imsemmi Artikolu.
- (21) Fil-qosor, u għal faċilità ta' referenza biss, il-kriterji tat-TES qed jingħataw f'forma mqassra hawn taħt:
- (1) Id-deċiżjonijiet u l-ispejjeż kummerċjali jsiru b'reazzjoni għas-sinjali tas-suq u mingħajr interferenza sinifikanti min-naħa ta' l-Istat; l-ispejjeż ta' l-inputs ewlenin sostanzjalment jirriflettu l-valuri tas-suq;
 - (2) Id-ditti għandhom sett wieħed ċar ta' rekords bażiċi tal-kontabbiltà li jiġu indipendentement i-verifikati skond l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà u jiġu applikati għall-finijiet kollha;
 - (3) Ma hemm l-ebda tgħawwiġ sinifikanti li ntiret mis-sistema preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq;
 - (4) Il-liġijiet tal-falliment u tal-proprjetà jiggarrantixxu ċ-ċertezza u l-istabbiltà legali;
 - (5) Il-konverżjonijiet tar-rati tal-kambju jitwettqu skond ir-rati tas-suq.
- (22) It-tmien kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji kollha ta' produtturi esportaturi Ċiniżi li kkoperaw f'din il-proċedura talbu t-TES skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku u wiegħbu l-formola ta' talba għal TES għall-produtturi esportaturi fl-iskadenzi mogħtija. Dawn il-gruppi kollha kienu jinkludu kemm il-produtturi tal-prodott ikkonċernat kif ukoll il-kumpaniji relatati mal-produtturi u involuti fin-negożju ta' l-aċidu ċitriku. Tabilħaqq, hija l-prassi konsistenti tal-Kummissjoni li teżamina jekk grupp ta' kumpaniji relatati, kumplessivament, jissodisfax il-kundizzjonijiet għat-TES. Il-gruppi li ġejjin kienu talbu TES:

— Anhui BBKA Biochemical Co, Ltd,

— RZBC Co, Ltd,

— TTCA Co., Ltd.,

— Yixing Union Biochemical Co Ltd,

— Shanxi Ruicheng,

— Laiwu Taihe Biochemistry Co Ltd,

- Weifang Ensign Industry Co Ltd,
- DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd.
- (23) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw imsemmija aktar 'il fuq, il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa u vverifikat l-informazzjoni mressqa fit-talba għal TES fil-bini tal-kumpaniji in kwistjoni kif tqies li kien meħtieġ.
- (24) Żewġ kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji (Laiwu Taihe u DSM Wuxi) issodisfaw il-kriterji kollha kif isemma fil-qosor fil-premessa (20) hawn fuq u setgħu jingħataw TES.
- (25) Tliet kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji (RZBC Co Ltd, TTCA Co., Ltd. u Yixing Union Biochemical) ipotekaw bosta mill-assi tagħhom biex jirċievu self. Minkejja li ipotekaw il-biċċa l-kbira mill-assi tagħhom, kienu xorta f'qagħda li jiggarrantixxu self li ngħata lil kumpaniji oħra. Bħala kumpens, RZBC, TTCA Co., Ltd. u Yixing Union Biochemical irċeview garanziji simili għas-self tagħhom mill-istess kumpaniji li għalihom għamluha ta' garanti. Il-kumpaniji użaw dawn il-garanziji biex jiksbu aktar self li jammonta għal 25 %-50 % ta' l-assi totali tagħhom. Dawn il-kumpaniji argumentaw li sistema bħal din hi applikata wkoll f'pajjiżi li għandhom ekonomija tas-suq u hi prevista b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni bankarja Ċiniża. Madankollu, l-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni wriet li l-politika bankarja normalment tkun tipprowdi self għal frazzjoni biss tal-valur ta' l-assi użati bħala garanzija u mhux għal ammont li jaqbeż dan il-valur. Barra minn hekk, is-sistema bankarja li minnha nkiseb is-self kienet taħt influwenza sostanzjali ta' l-Istat. Għalhekk, ġie konkluż li t-tliet kumpaniji msemmija hawn fuq ma ssodisfawx il-kriterju 1 kif isemma fil-qosor fil-premessa (20) hawn fuq. Għal din ir-raġuni, ma setgħux għaldaqstant jingħataw TES.
- (26) Għal żewġ kumpaniji (TTCA Co., Ltd. and Weifang Ensign), il-valur tad-dritt ta' l-użu ta' l-art u/jew assi fissi żdied b'mod sostanzjali (500 %-1 500 %) tul perjodu ta' żmien relattivament qasir, bejn dak inhar li nxtraw jew saru tal-kumpanija bħala kontribuzzjoni ta' kapital u f'data aktar 'il quddiem (bejn 1 u 5 snin aktar 'il quddiem) meta reġgħu ġew evalwati. Dan juri li l-assi rispettivi nkisbu b'valur taħt il-prezz tas-suq u dan jirrappreżenta sussidju moħbi. Iż-żewġ kumpaniji sostnew li ż-żieda ma kinitx daqshekk sostanzjali u kienet pjuttost konformi maż-żieda normalment osservata fiċ-Ċina għal assi komparabbli. Madankollu, ma ngħatat l-ebda evidenza għal dan. Minħabba l-vantaġġ li rċeview dawn il-kumpaniji b'kisba ta' assi bi prezzijiet sostanzjalment taħt il-valur tas-suq, il-konformità tal-kriterju 3 kif jidher fil-qosor fil-premessa (20) hawn fuq ma ntlaħqitx.
- (27) Kumpanija fost l-oħrajn, Anhui BBKA Biochemical Co Ltd, irċeviet somma sinifikanti ta' flus matul il-PI (qrib 10 % ta' l-assi totali tagħha jew 15 % tal-fatturat annwali tagħha). Barra minn hekk, ċerti kerrejja waslu mingħajr ħlas. Fid-dawl ta' dan u l-livell sinifikanti ta' sussidju mħallas, jitqies li l-kriterji 1 u 3 kif imsemmi fil-qosor fil-premessa (20) hawn fuq mhumiex sodisfatti. Il-kummenti tal-kumpanija f'dan ir-rigward ma kinux tali li jbiddu n-natura tas-sejbiet.
- (28) Kumpanija fost l-oħrajn, Shanxi Ruicheng, irċeviet self privat li jiswa madwar 20 % ta' l-assi. Għal dan is-self kollu, ma kienx hemm ftehim dwar kundizzjonijiet ta' ħlas lura (s'issa), u ma kienx hemm ebda akkumulju jew ħlas ta' interessi. Għalhekk, l-ispejjeż ta' kreditu tal-kumpanija kienu soġġetti għal tgħawwiġ konsiderevoli. Billi l-kumpanija ma setgħetx tippreżenta kuntratti għal dan is-self, ma jistax jiġi eskluż li kien hemm indħil mill-Istat fir-rigward ta' dan is-self, u dan ifisser li l-kriterju 1 kif imsemmi fil-qosor fil-premessa (20) hawn fuq ma ntlaħaqx. Il-kummenti tal-kumpanija f'dan ir-rigward ma kinux tali li jbiddu n-natura tas-sejbiet.
- (29) Fuq il-bażi ta' dak li ngħad aktar 'il fuq, sitta mit-tmien kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji Ċiniżi li kienu talbu TES ma setgħux juru li jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament Bażiku.
- (30) Għalhekk tqies li TES għandu jingħata lil żewġ kumpaniji (Laiwu Taihe u DSM Wuxi) u jiġi miċħud lis-sitt kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji li jifdal. Il-Kumitat Konsultattiv ġie kkonsultat u ma oġġezzjonax għal dawn konklużjonijiet.

3. It-trattament individwali ("TI")

- (31) Skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku, dazju għall-pajjiż kollu, jekk ikun hemm, huwa stabbilit għal pajjiżi li jaqgħu taħt dan l-Artikolu, ħliet f'dawk il-każi fejn il-kumpaniji jistgħu juru li jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.
- (32) Il-produtturi esportaturi kollha li talbu TES talbu wkoll TI f'każ li ma jingħatawx TES.
- (33) Mis-sitt kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji li ma ngħatawx TES, kull waħda minnhom ssodisfat il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 9(5) u ngħatat TI.

4. Il-valur normali

- (34) Il-valur normali kellu jiġi stabbilit għall-erba' kumpaniji kollha kemm huma li ntagħżlu fil-kampjun, flimkien mal-kumpanija unika li baġtet talba kompluta għal marġini individwali, kif spjegat fil-premessa (8) hawn fuq (il-"kumpaniji eżaminati").

4.1. Il-kumpaniji jew il-gruppi ta' kumpaniji li setgħu jingħataw TES

- (35) Safejn għandha x'taqşam id-determinazzjoni tal-valur normali, għal dawk il-produtturi esportaturi li setgħu jingħataw TES, il-Kummissjoni l-ewwelnett stabbiliet, skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jekk il-bejgħ domestiku tagħhom tal-prodott ikkonċernat kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' bejgħ ta' din ix-xorta kienx jirrappreżenta mill-inqas 5 % mill-volum ta' bejgħ totali ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lill-Komunità. Wahha (DSM Wuxi) mill-ħames kumpaniji eżaminati setgħet tingħata TES. Għal din il-kumpanija li setgħet tingħata TES, il-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat instab li kien rappreżentattiv.
- (36) Il-Kummissjoni sussegwentement eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip tal- prodott ikkonċernat, mibjugħ fis-suq domestiku fi kwantitajiet rappreżentattivi, setax jitqies li sar tul l-andament normali ta' kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ domestiku bi qligħ lill-klijenti indipendenti, tat-tip ta' prodott uniku esportat.
- (37) Għal DSM Wuxi, l-investigazzjoni wriet li l-bejgħ tat-tip ta' prodott uniku esportat ma sarx fl-andament normali ta' kummerċ. Billi l-bejgħ domestiku ma setax jintuża biex ikun stabbilit il-valur normali, kellu jiġi applikat metodu ieħor. F'dan ir-rigward, il-valur normali nbena skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi ta' l-ispejjeż ta' manifattura tal-kumpanija tal-prodott ikkonċernat. Fil-bini ta' valur normali skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, ammont raġjonevoli għal spejjeż ta' bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("BĠ&A") u l-profitt jiżdiedu ma' l-ispejjeż ta' manifattura.
- (38) Billi DSM Wuxi ma kellhiex bejgħ domestiku tal-prodott simili fl-andament normali ta' kummerċ, BĠ&A u l-profitt ma setgħux jiġu stabbiliti skond il-metodoloġija stabbilita fix-*chapeau* ta' l-Art. 2(6) tar-Regolament bażiku. Billi ebda produttur esportatur fil-kampjun ma ngħata TES, BĠ&A u l-profitt ukoll ma setgħux jiġu stabbiliti skond il-metodoloġija stabbilita fl-Art 2(6)(a) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, billi DSM Wuxi tbiegħ kważi esklużivament aċidu ċitriku, BĠ&A u l-profitt ukoll ma setgħux jiġu stabbiliti skond il-metodoloġija stabbilita fl-Art 2(6)(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk ittiegħet id-deċiżjoni li jiġu stabbiliti BĠ&A u l-profitt skond l-Art 2(6)(c) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, intużaw l-ammonti għal BĠ&A u l-profitt għal bejgħ domestiku tal-prodott simili stabbiliti għall-kumpanija li kkooperat fil-pajjiż ta' analoġija.
- (39) Fejn xieraq, l-ispejjeż ta' manifattura u l-ispejjeż BĠ&A kif iiverifikat intużaw fil-bini tal-valuri normali.

4.2. Il-kumpaniji jew il-gruppi ta' kumpaniji li ma setgħux jingħataw TES

- (40) Skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma ngħataw TES irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet jew tal-valur mibni f'pajjiż analogu.
- (41) Fl-avviż ta' bidu, il-Kummissjoni indikat li hija kienet qed tippredvi li tuża lill-Istati Uniti ta' l-Amerika bħala pajjiż analogu xieraq biex ikun stabbilit valur normali għar-RPĊ. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkumentaw dwar dan. Żewġ partijiet interessati oġġezzjonaw għal din il-proposta. RZBC Co ipproponiet lit-Tajlandja bħala pajjiż analogu.
- (42) Fir-rigward tat-Tajlandja, it-tagħrif disponibbli jissuġġerixxi li l-produzzjoni totali taż-żewġ produtturi Tajlandiżi huwa biss madwar 10 000 tunnellata, li minnhom 5 000 tunnellata huma esportazzjonijiet (l-aktar lejn il-Ġappun). Jekk dan il-bejgħ domestiku (medja ta' 2 500 tunnellata kull kumpanija) jitqabbel ma' l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn il-Komunità (aktar minn 50 000 tunnellata għall-akbar esportaturi), x'aktarx li ebda wieħed mill-produtturi tat-Tajlandja ma għandu bejgħ domestiku rappreżentattiv. Barra minn dan, RZBC tgħid li l-istruttura ta' l-ispejjeż tal-kumpaniji Tajlandiżi x'aktarx aktar tista' titqabbel mal-qagħda fir-RPĊ. L-argument ewlieni li jsosni dan ix-xebħ huwa, iżda, li kemm it-Tajlandja kif ukoll ir-RPĊ huma pajjiżi Ażjatiċi. ta' min jinnota li l-ispejjeż tax-xogħol tipikament jirrappreżentaw 5-10 % tal-fatturat, għalhekk bla dubju m'humiex element ewlieni fl-istruttura ta' l-ispejjeż ta' kwalunkwe produttur ta' l-aċidu ċitriku.
- (43) Tajjeb li wieħed jinnota li l-kumpaniji Tajlandiżi huma b'mod sinifikanti iżgħar mill-kumpaniji fil-pajjiżi ewlenin ta' produzzjoni (iċ-Ċina, l-UE, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Brażil). Il-produtturi Ċiniżi ewlenin huma madwar minn 10-20 darba ikbar mill-produtturi Tajlandiżi filwaqt li d-daqs tal-produttur Kanadiż u l-produtturi Ċiniżi ewlenin huwa komparabbli.
- (44) L-Istati Uniti ntgħażlet oriġinarjament bħala pajjiż ta' analoġija, u ż-żewġ kumpaniji ta' l-Istati Uniti għall-bidu qablu li jikkooperaw. Wara, iż-żewġ kumpaniji ta' l-Istati Uniti msemminja hawn fuq irtiraw il-kooperazzjoni tagħhom. L-uniku produttur fil-Kanada u ż-żewġ produtturi fil-Brażil għalhekk ġew ikkuntattjati u ntabu jikkooperaw fl-investigazzjoni. Madankollu, il-produttur uniku Kanadiż biss ikkoopera fl-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-prezzijiet fis-suq Kanadiż ta' aċidu ċitriku mibjugħ fl-andament normali ta' negozju ntużaw bħala bażi biex ikun stabbilit valur normali għat-tipi ta' prodott komparabbli tal-produtturi esportaturi li ma ngħataw TES.

5. Il-prezz ta' esportazzjoni

- (45) Il-produtturi esportaturi biegħu esportazzjonijiet lejn il-Komunità jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji kummerċjali relatati jew mhux relatati li jinsabu fi ħdan u barra mill-Komunità. Il-kumpaniji kollha jew il-gruppi ta' kumpaniji setgħu jingħataw TES jew TI
- (46) Fejn il-bejgħ mill-esportazzjoni lejn il-Komunità sar jew direttament lil klijenti indipendenti fil-Komunità jew permezz ta' kumpaniji kummerċjali mhux relatati, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu stabbiliti fuq il-bażi tal-prezzijiet effettivament imħallsa jew li għandhom jitħallsu għall-prodott ikkonċernat skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.
- (47) Fejn il-bejgħ mill-esportazzjoni lejn il-Komunità sar permezz ta' kumpaniji kummerċjali relatati li jinsabu fil-Komunità, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu stabbiliti fuq il-bażi ta' l-ewwel prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid ta' dawn in-negozjanti relatati lil klijenti indipendenti fil-Komunità, skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

6. Il-paragun

- (48) Il-valur normali u l-prezzijiet ta' esportazzjoni tqabblu fuq bażi ta' kif joħorġu mill-fabbrika u fuq l-istess livell ta' kummerċ. Biex ikun żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezzijiet ta' esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa, fil-forma ta' aġġustamenti, għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabbiltà tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.
- (49) Fuq il-bażi ta' dan, konċessjonijiet ta' trasport u spejjeż ta' assikurazzjoni, amministrazzjoni, tagħbija u spejjeż anċillari, spejjeż ta' ppakkjar, spejjeż ta' kreditu saru fejn kien applikabbli u ġustifikat.
- (50) Għall-bejgħ li sar permezz ta' importaturi relatati bbażati fil-Komunità, ġie applikat aġġustament skond l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku, fejn intwera li dawn il-kumpaniji jwettqu funzjonijiet simili għal dawk ta' importatur indipendenti. Dan l-aġġustament kien ibbażat fuq l-BG&A ta' l-importaturi flimkien ma' profitt, ibbażat fuq *data* miksuba mingħand importaturi mhux relatati fil-Komunità.

7. Il-marġnijiet ta' dumping

- (51) Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-marġnijiet ta' dumping individwali ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' paragun bejn valur normali medju differenzjat u prezz ta' esportazzjoni medju differenzjat, skond l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku. Għall-RZBC, billi dan il-grupp ta' kumpaniji jinkludi żewġ produtturi esportaturi, ġie stabbilit marġini wieħed ta' dumping bħala medja tal-marġnijiet ta' dumping taż-żewġ kumpaniji.

- (52) Għall-kumpaniji li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun u li ma ngħatawx eżami individwali, il-marġni ta' dumping ġie kkalkulat bħala medja differenzjata tal-marġnijiet stabbiliti għall-kumpaniji kollha fil-kampjun.
- (53) Minħabba l-livell għoli ta' kooperazzjoni (96 %), li jissemma fil-premessa 0 hawn fuq, ġie ffixat marġini ta' dumping għall-pajjiż kollu fuq l-istess livell bħal ta' l-ogħla marġini misjub għal kumpanija li tikkoopera.
- (54) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping provviżorju, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, huma:

Il-kumpanija	Marġni ta' dumping provviżorju
Anhui BCCA Biochemical Ltd	54,4 %
DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd	19,6 %
RZBC Co.	60,1 %
RZBC (Juxian) Co Ltd.	60,1 %
TTCA Co., Ltd.	57,3 %
Yixing Union Biochemical	56,8 %
Laiwu Taihe Biochemistry Co Ltd	57,5 %
Shanxi Ruicheng	57,5 %
Weifang Ensign Industry Co Ltd	57,5 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	60,1 %

D. ID-DANNU

1. Produzzjoni tal-Komunità u industrija tal-Komunità

- (55) Fi ħdan il-Komunità, il-prodott simili huwa mmanifaturat minn żewġ kumpaniji. Jungbunzlauer, Austria u S.A. Citrique Belge fil-Belġju (parti mill-grupp DSM, bil-kwartieri ġenerali fl-Iżvizzera). Il-kwerelant Jungbunzlauer jirrappreżenta proporzjon prinċipali tal-produzzjoni Komunitarja totali magħrufa tal-prodott simili, jiġifieri f'dan il-każ aktar minn 25 %. Iż-żewġ produtturi kkooperaw fis-sħiħ fl-investigazzjoni, iżda t-tieni produttur Ewropew ħa pożizzjoni newtrali fl-investigazzjoni.
- (56) S.A. Citrique Belge N.V. kienet għamlet xi importazzjonijiet mir-RPĊ fil-PI. Iżda, il-volumi ta' importazzjonijiet ma kinux sinifikanti (bejn 1 % u 6 % ta' produzzjoni matul il-PI - din il-medda tingħata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità), għalhekk ma tqiesx xieraq li jiġi eskluż dan il-produttur mid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

- (57) Billi ż-żewġ produtturi li kkooperaw imsemmija fil-premessa (10) hawn fuq kienu jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità matul il-PI, jitqiesu li jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u minn issa 'l quddiem se jissejħu l-“industrija tal-Komunità”.
- (58) Billi l-industrija tal-Komunità tikkonsisti biss f'żewġ produtturi, id-*data* marbuta ma' l-industrija tal-Komunità kellha tintrabat ma' indiċi jew intużaw medded biex tinżamm il-kunfidenzjalità skond l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

2. Konsum Komunitarju

- (59) Il-konsum tal-Komunità ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volumi ta' bejgħ tal-produzzjoni proprja ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità u d-*data* dwar il-volumi ta' importazzjoni tal-Komunità miksuba mill-Eurostat.
- (60) Bejn l-2004 u l-PI, is-suq tal-Komunità għall-prodott ikkonċernat u l-prodott simili żdied sewwa bi 15 %, u dan minħabba żieda fl-applikazzjonijiet ta' l-aċidu ċitriku.

	2004	2005	2006	IP
Konsum f'tunnellati	360 000-380 000	360 000-380 000	390 000-410 000	420 000-440 000
Indiċi (2004 = 100)	100	99	106	115

3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

(a) Volum ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati

- (61) Il-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn il-Komunità żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu meqjus kollu. L-importazzjonijiet fl-UE żdiedu b'37 % mill-2004 lilhawn.

Importazzjonijiet	2004	2005	2006	IP
PRĊ tunnellati	145 025	151 806	171 703	198 288
Indiċi (2004 = 100)	100	105	118	137

(b) Sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati

- (62) Is-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu sewwa b'seba' punti perċentwali matul il-perjodu kkonċernat. Fid-dettall, tela' b'żewġ punti perċentwali bejn l-2004 u l-2005, b'żewġ punti perċentwali oħra bejn l-2005 u l-2006 u bi tliet punti perċentwali matul il-PI. Fil-PI, is-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet Ċiniżi kien ta' 46 %.

(c) Il-prezzijiet

(i) L-evoluzzjoni tal-prezzijiet

- (63) Mill-2004 sa l-2005, il-prezz medju ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-RPĊ żdied bi 3 % imbagħad waqa' f'daqqa b'disa' punti perċentwali mill-2005 sa l-2006. Matul il-PI, il-prezz baqa' fil-livell baxx ta' l-2006. Globalment, il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqas bi 6 % matul il-perjodu kkonċernat.

Prezzijiet ta' unità	2004	2005	2006	IP
PRĊ (EUR/tunnellata)	588	606	551	553
Indiċi (2004 = 100)	100	103	94	94

(ii) It-twaqqiġ tal-prezzijiet

- (64) Għad-determinazzjoni ta' twaqqiġ fil-prezz, ġiet analizzata d-*data* tal-prezz li tirreferi għall-PI. Il-prezzijiet rilevanti tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità kienu prezzijiet netti wara t-tnaqqis ta' skonti u rifużjonijiet. Fejn meħtieġ, dawn il-prezzijiet kienu aġġustati għal livell *ex-fabbrika*, jiġifieri bl-esklużjoni ta' l-ispiża tal-ġarr tal-merkanzija fil-Komunità. Il-prezzijiet ta' importazzjoni tar-RPĊ tneħħewlhom ukoll l-iskontijiet u r-rifużjonijiet u ġew aġġustati, fejn kien meħtieġ, għal valur cif fuq il-fruntiera tal-Komunità b'aġġustament xieraq għad-dazji doganali (6,5 %) u l-ispejjeż *post-importazzjoni*. Dawn ta' l-aħħar kienu jinkludu aġġustament għal spejjeż ta' trattament speċjali mġarrba mill-importaturi fil-Komunità biex jinqatgħu ċerti volumi tal-prodott ikkonċernat qabel ma jsir aktar bejgħ. Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità u l-prezzijiet ta' l-importazzjoni tar-RPĊ tqabblu fl-istess livell ta' kummerċ, jiġifieri ma' konsumaturi indipendenti fi ħdan is-suq tal-Komunità. Matul il-PI, il-medja differenzjata tal-marġni ta' twaqqiġ ta' prezz ikkalkulata b'dan il-mod, espressa bħala perċentwali tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità, kienet ta' 17,42 % għar-RPĊ.

4. Is-Sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja

- (65) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami ta' l-impatt ta' l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping fuq l-industrija Komunitarja għab żieda fil-valutazzjoni tal-fatturi ekonomiċi kollha li għandhom rilevanza għall-istat ta' l-industrija Komunitarja matul il-perjodu meqjus. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, minħabba li l-analiżi tikkonċerna żewġ kumpaniji biss, ħafna mill-indikaturi huma ppreżentati taħt forma ta' indiċi jew inkella jingħataw firxiet.

(a) Produzzjoni, kapaċità u utilizzazzjoni tal-kapaċità

- (66) Il-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità żdiedet bi 5 % matul il-perjodu kkonsidrat u l-kapaċità ta' produzzjoni żdiedet ukoll bi 3 % biex tibbenefika mill-konsum miżjud. Matul il-perjodu kkonsidrat l-utilizzazzjoni tal-kapaċità żdiedet naqra bi 2 %.

	2004	2005	2006	IP
Produzzjoni f'tunnellati (firxiet)	260 000-280 000	265 000-285 000	270 000-290 000	275 000-295 000
Produzzjoni (indiċi)	100	99	102	105
Kapaċità ta' produzzjoni f'tunnellati (firxiet)	315 000-335 000	315 000-335 000	320 000-340 000	320 000-340 000
Kapaċità ta' produzzjoni (indiċi)	100	100	103	103
Utilizzazzjoni ta' kapaċità (indiċi)	100	99	99	102

(b) Volumi tal-bejgħ u s-sehem mis-suq fil-Komunità

- (67) Billi l-industrija tal-Komunità hija magħmula minn żewġ produtturi biss u s-suq tal-Komunità għall-*aċidu ċitriku* huwa fornit minn tliet postijiet/għejjun biss (l-industrija tal-Komunità, ir-RPĊ, l-Iżrael), id-*data* marbuta ma' l-*ishma tas-suq* ta' l-industrija tal-Komunità hija ppreżentata taħt format ta' indiċi biex tinżamm il-kunfidenzjalità tad-*data* li ntbagħtet b'kunfidenzjalità mill-industrija tal-Komunità, skond l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.
- (68) It-tabella ta' hawn taħt turi l-andament ta' l-industrija tal-Komunità fir-rigward tal-bejgħ tagħha lil klijenti indipendenti fil-Komunità. Il-volumi tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja lil klijenti indipendenti fil-Komunità żdiedu b'5 % mill-2004 sal-PI. Dan għandu jitqies fid-dawl ta' żieda ta' 15 % fil-konsum fil-Komunità. F'dan l-isfond, is-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità ilhu nieżel b'ritmu sostnut mill-2004 sal-PI u bħala total kien ħames punti perċentwali inqas fil-PI.

Industrija tal-Komunità	2004	2005	2006	IP
Volum ta' bejgħ (indiċi)	100	98	99	105
Sehem mis-suq (indiċi)	100	99	94	91

- (69) Il-prezzijiet ta' bejgħ ta' unità żviluppaw kif ġej:

	2004	2005	2006	IP
Prezzijiet ta' unità f'EUR (firxiet)	750-850	750-850	780-880	780-880
Prezzijiet ta' unità (indiċi)	100	100	102	103

It-tabella turi li l-prezz żdied xi f'it bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat. Huwa nnutat li l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni ta' l-aċidu ċitriku hija z-zokkor/ġulepp jew glukożju (miksib miċ-ċereali). Barra minn hekk, l-enerġija hija wkoll spiża maġġuri fil-produzzjoni ta' l-aċidu ċitriku. Il-piż totali ta' l-ispiża ta' enerġija fil-produzzjoni ta' l-aċidu ċitriku sussegwentement jammonta għal 16 % u għalhekk, f'ċirkostanzi normali, bidla sinifikanti fil-prezzijiet taż-żejt u l-gass hija mistennija jkollha impatt dirett fuq il-prezz tal-bejgħ ta' l-aċidu ċitriku.

- (70) Instab li l-prezzijiet tas-suq dinji ta' l-elementi maġġuri (zokkor/ġulepp, glukożju u enerġija) żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat, u dan wassal għal spejjeż ta' produzzjoni konsiderevolment ogħla. Din l-evoluzzjoni ma kinitx riflessa fil-prezzijiet ta' bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità billi dawn il-prezzijiet żdiedu biss bi 3 % matul l-istess perjodu. Għalhekk, biex ma titlifx klijenti, l-industrija tal-Komunità għaddietilhom biss frazzjoni żgħira ta' l-ispejjeż ogħla tagħha.

(c) *Stokk*

- (71) Iċ-ċifri ta' hawn taħt jirrappreżentaw il-volumi ta' l-istokk fi tmiem kull perjodu. Il-livell ta' stokk naqas bi 28 % biex tiġi sodisfatta d-domanda li qed tiżdied fis-suq.

	2004	2005	2006	IP
Stokks f'tunnellati (firxiet)	20 000-25 000	20 000-25 000	20 000-25 000	15 000-20 000
Stokks (indiċi)	100	98	97	72

(d) *L-investimenti u l-ħila li jinġabar kapital*

- (72) L-investimenti annwali ta' l-industrija tal-Komunità fil-produzzjoni tal-prodott simili naqsu b'mod qawwi matul il-perjodu kkunsidrat u kienu limitati fil-PI għal xogħlijiet ta' manutenzjoni biss.

	2004	2005	2006	IP
Investimenti (indiċi)	100	81	82	79

(e) *Profittabbiltà, dħul fuq l-investment u likwidità*

- (73) Fid-dawl ta' spejjeż għolja ħafna u straordinari ta' struktur mill-ġdid imġarrba minn produttur Komunitarju, ma tqiesx raġjonevoli li l-profittabbiltà tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-profit nett qabel it-taxxa. Għaldaqstant, il-profittabbiltà ta' l-industrija Komunitarja ġiet stabbilita bl-espressjoni tal-profit operattiv fuq il-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati bħala perċentwali tal-fatturat ta' dan il-bejgħ.

	2004	2005	2006	IP
Profittabilità fuq il-bejgħ tal-KE (firxa)	0 %-10 %	0 %-10 %	(- 10 %)-0 %	(- 10 %)-0 %
Profittabilità fuq il-bejgħ tal-KE (indiċi)	100	141	- 126	- 166
Redditu fuq l-investimenti totali (firxa)	(- 10 %)-0 %	0 %-10 %	(- 10 %)-0 %	(- 15 %)-(- 5 %)
Redditu fuq l-investimenti totali (indiċi)	- 100	124	- 75	- 175
Likwidità (indiċi)	100	133	70	61

- (74) Matul il-perjodu meqjus, il-profittabilità ta' l-industrija Komunitarja ddeterjorat b'mod sinifikanti. Ir-redditu fuq l-investiment totali ġie kkalkolat bl-espressjoni tal-profit operattiv tal-prodott simili bħala perċentwali tal-valur nett ta' kontabilità ta' assi fissi allokat li lill-prodott simili. Dan l-indikatur żviluppa skond il-profittabilità, u naqas sewwa matul il-perjodu meqjus. F'dak li għandu x'jaqsam mal-likwidità nstabt xejra negattiva simili, li rriżultat f'deterjorazzjoni ġenerali drammatika tal-qagħda finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità fil-PI.

(f) *L-impjeg, il-produttività u l-pagi*

- (75) L-għadd ta' impjegati ta' l-industrija Komunitarja li kienu involuti fil-prodott simili naqas b'9 % bejn l-2004 u l-PI. L-ispizaq medja tax-xogħol għal kull impjegat, naqas bi 11 %.

	2004	2005	2006	IP
Numru ta' impjegati (indiċi)	100	93	92	91
L-ispiża medja tax-xogħol għal kull ħaddiem (indiċi)	100	90	88	89
Produttività (indiċi)	100	106	112	115

- (76) L-isforzi ta' ri-strutturazzjoni biex titnaqqas l-ispiża ta' produzzjoni, ir-razzjonalizzazzjoni u t-tnaqqis fl-għadd ta' impjegati rriżultaw f'żieda fl-output għal kull ħaddiem (żieda ta' 15 % tul il-perjodu meqjus). Għalhekk, jista' jiġi konkluż li, matul il-perjodu meqjus, l-industrija Komunitarja għamlet progress sinifikanti ħafna fir-rigward ta' l-effiċjenza fl-infiq.

(g) *Id-daqs tal-marġni tad-dumping*

- (77) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-impatt fuq l-industrija Komunitarja tal-kobor tal-marġini ta' dumping attwali, fid-dawl tal-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiż kkonċernat, dan l-impatt ma jistax jitqies bħala negliġibbli.

(h) *L-irkupru minn dumping fl-imgħoddi*

- (78) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni dwar l-eżistenza ta' dumping qabel is-sitwazzjoni evalwata fil-proċedura preżenti, din il-kwistjoni titqies li hija irrelevanti.

5. Konklużjoni dwar id-dannu

- (79) Matul il-perjodu meqjus għadd ta' indikaturi ta' dannu kellhom żviluppi pożittivi li jidhru: l-industrija tal-Komunità, fi sforz biex ittejjeb l-effettività tagħha, irnexxielha żżid il-volum ta' bejgħ u produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità u l-produttività filwaqt li naqqset l-istokk u x-xogħol annwali.

- (80) Iżda, fi sfond ta' konsum li żdied, is-sehem tas-suq tagħha nxtorob b'9 % matul il-perjodu meqjus. Madankollu, l-indikaturi finanzjarji tagħha żviluppaw b'mod negattiv: il-profittabbiltà naqset bla waqfin. Id-dħul fuq l-investiment u l-qagħda tal-likwidità żviluppaw ukoll b'mod negattiv. Ir-raġuni għal dan l-iżvilupp hija li ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-materja prima kienet riflessa b'mod parzjali biss fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-prodott simili. Iż-żieda żgħira fil-prezzijiet tal-bejgħ ma kinitx biżżejjed biex l-industrija tal-Komunità żżomm il-marġini tagħha ta' profit.
- (81) Fid-dawl ta' dak li ntqal, huwa konkluż provviżorjament li l-industrija Komunitarja soffriet ħsara materjali fis-sens ta' l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

E. IL-KAWŻALITÀ

1. Introduzzjoni

- (82) Skond l-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal dumping ikkawżawx dannu lill-industrija Komunitarja sa tali punt li jkun jista' jiġi kklassifikat bħala materjali. Fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet li kienu suġġetti għal dumping, li fl-istess ħin setgħu kienu qed jagħmlu dannu lill-industrija Komunitarja, kienu eżaminati wkoll biex ikun żgurat li d-dannu possibbli kkawżat minn dawn il-fatturi l-oħra ma kienx attribwit lill-importazzjonijiet li kienu suġġetti għal dumping.

2. Effett ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

- (83) Bejn l-2004 u l-PI, iż-żieda sinifikanti fil-volum ta' l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping b'37 % u fis-sehem tas-suq Komunitarju korrispondenti, jiġifieri b'seba' punti perċentwali, kif ukoll il-qtugħ fil-prezzijiet li nstab (bejn 15 % u 21 % matul il-PI) ikkojncidew mad-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija Komunitarja, filwaqt li l-prezzijiet medji tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ naqsu b'6 %.
- (84) Għalhekk, l-effett ta' dan l-aġir ta' ipprezzar inġust ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-RPĊ kien li l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità trażżnu u li l-industrija tal-Komunità tilfet is-sehem tas-suq minħabba l-importazzjonijiet bil- prezz imwaqqa'. L-industrija tal-Komunità biex ma titlifx aktar sehem tas-suq ma setgħetx tgħaddi ż-żieda fil-prezzijiet lill-klijenti tagħha sal-punt meħtieġ biex tibqa' tagħmel profit.
- (85) Minħabba l-kojncidenza fiż-żmien li ġiet stabbilita b'mod ċar bejn, min-naħa waħda, iż-żieda fl-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping bi prezzijiet li kienu ferm irħas mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, u min-naħa l-oħra, it-tnaqqis ta' profittabbiltà u t-tiżzin ta' indikaturi oħra finanzjarji ta' l-industrija Komunitarja, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping kellhom rwol determinanti fis-sitwazzjoni ta' ħsara ta' l-industrija Komunitarja.

3. Effett ta' fatturi oħra

(a) *Importazzjonijiet li joriġinaw fpajjiżi terzi minbarra r-RPĊ*

- (86) Skond l-Eurostat, it-tielet pajjiż prinċipali minn fejn jiġi impurtat l-aċidu ċitriku huwa l-Iżrael. Iżda, is-sehem tas-suq li għandhom l-importazzjonijiet minn l-Iżrael huwa limitat u għan-niżla tul il-perjodu meqjus, minn 5 % fl-2004 sa 3 % biss matul il-PI. Barra minn hekk, il-prezzijiet medji ta' importazzjonijiet minn l-Iżrael huma fl-istess livell jekk mhux ogħla mill-prezzijiet tal-Komunità tul il-perjodu meqjus.

Prezz medju (EUR)	2004	2005	2006	IP
L-Iżrael	807	788	865	839
Indiċi (2004 = 100)	100	98	107	104

- (87) Barra l-importazzjonijiet mill-Iżrael, ma hemmx importazzjonijiet sinifikanti minn pajjiżi oħra. Fuq il-bażi tas-sejbiet fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet, jista' jiġi konkluż provviżorjament li importazzjonijiet li mhux għejjin mir-RPĊ mhumiex ta' kontribut għall-ħsara materjali li soffriet l-industrija Komunitarja.
- (b) *Żieda fl-ispejjeż tal-materja prima minħabba r-riforma tas-suq taz-zokkor ta' l-UE*
- (88) Xi partijiet interessati sostnew li kull dannu mġarrab mill-industrija tal-Komunità kien marbut maż-żieda fil-prezz taz-zokkor, li huwa użat bħala materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott simili, minħabba r-riforma tar-reġim taz-zokkor fl-UE u t-tneħħija sussegwenti tar-rifużjoni ta' produzzjoni mogħtija lill-industrija tal-kimika.
- (89) F'dan ir-rigward huwa nnutat li produttur fil-Komunità juża bħala materja prima ewlenija l-aktar il-ġulepp, li qatt ma kien suġġett għal rifużjonijiet ta' produzzjoni minkejja li formalment jaqa' taħt il-politika agrikola komuni għaz-zokkor.
- (90) L-investigazzjoni wriet li fir-rigward ta' l-użu tagħha taz-zokkor bħala materja prima, l-industrija tal-Komunità kienet tabilħaqq intitolata għal rifużjoni ta' produzzjoni skond l-organizzazzjoni tas-suq Komuni għaz-zokkor biex iżżomm il-kompetittività tagħha fis-suq dinji. Ir-rifużjonijiet ta' produzzjoni kienu jikkorrispondu mad-differenza bejn il-prezz ta' intervent taz-zokkor ta' l-UE wara li jitnaqqas il-prezz taz-zokkor fis-suq dinji miżjud ma' l-ammont standard li jikkorrispondi ma' l-ispejjeż ta' trasport għall-esportazzjoni taz-zokkor tal-Komunità. Permezz ta' dan l-industrija tal-Komunità kisbet il-provvisti tagħha ta' zokkor bi prezzijiet tas-suq dinji.
- (91) Minn Lulju 2006 din is-sistema ġiet riformata billi tnaqqas id-daqs tal-protezzjoni għas-settur taz-zokkor. Skond is-sistema l-ġdida, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor⁽¹⁾, l-ewwelnett l-industrija tal-kimika titħalla tinnegozja b'mod ħieles kwantitajiet u prezzijiet ta' zokkor industrijali mal-produtturi taz-zokkor u l-koltivaturi tal-pitrava zokkrija, jiġifieri l-metodoloġija ta' referenza ta' prezzijiet u l-kwoti f'dan is-settur ġew abbandunati. It-tieni, l-industrija tal-Komunità tista' wkoll tixtri ċerti kwantitajiet ta' zokkor industrijali fis-suq dinji mingħajr dazju. Fl-aħħarnett, jekk ma jkunx hemm zokkor disponibbli bi prezz li jikkorrispondi mal-prezz tas-suq dinji, l-industrija tal-kimika tkun intitolata li titlob l-għotja ta' rifużjoni ta' produzzjoni. Minn Lulju 2006 l-għotja ta' dawn ir-rifużjonijiet ta' produzzjoni qatt ma seħħ, minkejja li għadhom jeżistu. Dan jista' jitqies bħala indikazzjoni qawwija li kien hemm biżżejjed kwantitajiet ta' zokkor disponibbli bi prezzijiet tas-suq dinji.
- (92) Barra minn hekk, l-analiżi wriet li skond il-qsim fil-materja prima ta' l-industrija tal-Komunità użata fil-manifattura tal-prodott simili, iz-zokkor ikkostitwixxa minn 6 sa 21 % (il-firxa qed tingħata minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità) ta' l-ispiża ta' manifattura minn Jannar sa Ġunju 2006 u dan ma żdiedx matul il-PI aktar miż-żieda fil-prezzijiet tas-suq dinji għaz-zokkor.
- (93) Għalhekk, l-investigazzjoni wriet li r-riforma tas-suq taz-zokkor ma kellha ebda impatt konsiderevoli fuq il-qagħda ta' l-ispiża ta' l-industrija tal-Komunità.
- (94) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li r-riforma tas-suq taz-zokkor ma kkontribwixx għad-danni materjali mġarrba mill-industrija tal-Komunità.
- (c) *Prezzijiet ta' l-enerġija dejjem jiżdiedu*
- (95) Xi partijiet interessati sostnew li kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Komunità kien marbut maż-żieda fl-ispejjeż ta' l-enerġija.
- (96) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-produzzjoni ta' l-aċidu ċitriku għandha konsum għoli ta' enerġija fejn il-piż totali ta' l-ispiża ta' enerġija fil-produzzjoni jammonta għal 16 % (ara premessa (69) hawn fuq). L-ispiża ta' l-enerġija tabilħaqq għola relativament b'mod moderat matul il-perjodu meqjus u dan deher fl-ispiża ta' produzzjoni.
- (97) Kien x'kien il-każ, mhix iż-żieda fl-ispiża ta' enerġija bħala tali li kellha impatt negattiv fuq il-qagħda finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità, iżda in-nuqqas li daww l-ispejjeż żejda ta' enerġija jgħaddu sal-punt meħtieġ għand il-klijenti minħabba li l-prezzijiet waqgħu kawża tal-volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet bi prezz baxx.
- (98) Barra minn hekk, ġie allegat li ż-żieda fil-prezzijiet ta' l-enerġija taffettwa b'mod indirett il-produzzjoni ta' l-aċidu ċitriku billi l-industrija ta' l-aċidu ċitriku Ewropea tikkompeti ma' l-industrija tal-bijokarburanti għall-karboidrati li huwa wieħed mis-sustanzi komposti użati fil-produzzjoni ta' l-aċidu ċitriku. Billi d-domanda għall-enerġija qed tiżdied u daqstant dik għall-bijokarburanti wkoll, il-produtturi tal-bijokarburanti jkun fuq qagħda li jħallsu aktar għal dawn il-karboidrati (jiġifieri zokkor u l-ġulepp residwu, il-glukożju). Dan jgħolli l-ispiża ta' dawn il-karboidrati għall-industrija tal-Komunità. Iżda, kif uriet l-analiżi ta' l-ispiża ta' manifattura ta' l-industrija tal-Komunità, ara l-premessi (69) u (92) hawn fuq, ma kienx hemm żieda fl-ispiża ta' manifattura għaz-zokkor jew ġulepp li ma kinitx marbuta maż-żieda ġenerali taz-zokkor fis-suq dinji. Għaldaqstant, ebda impatt dirett ta' l-industrija tal-bijokarburanti fuq il-produtturi ta' l-aċidu ċitriku ma seta' jiġi stabbilit. Dan l-argument huwa għalhekk irrifjutat.

(¹) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p.1)

(99) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li l-konsegwenzi taż-żieda fl-ispejjeż ta' l-enerġija ma kkontribwewx għad-danni materjali mġarrba mill-industrija tal-Komunità.

(d) *Kartell ta' prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità*

(100) Xi partijiet interessati sostnew li t-telf fis-sehem tas-suq għall-produtturi Ewropej kien tort tagħhom stess minħabba l-kartell ta' l-aċidu ċitriku (1991-1995) li fih ħadu sehem kemm il-kwerelant kif ukoll il-produttur Ewropew l-ieħor, taħt is-sjieda preċedenti. Huma jsostnu li minħabba l-prassi anti-kompetittiva, il-prezz tal-bejgħ kien għoli b'mod artifiċjali u ppermetta lill-produtturi Ċiniżi jidħlu fis-suq. Analiżi ta' l-istatistika turi li l-mewġa l-kbira fl-importazzjonijiet ta' l-aċidu ċitriku Ċiniż seħet bejn l-1998 u 1999 (64 %) u anki iktar bejn l-2002 u l-2004 (137 %), bosta snin wara li kien spiċċa l-kartell.

(101) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li l-konsegwenzi tal-prassi anti-kompetittiva li fiha ħadet sehem l-industrija tal-Komunità ma kkontribwewx għad-danni materjali mġarrba mill-industrija tal-Komunità.

(e) *Iċ-ċaqliq fil-kambju*

(102) Xi partijiet interessati sostnew li d-devalwazzjoni tad-dollaru Amerikan ma' l-euro kienet favorevoli għall-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku fil-Komunità Ewropea.

(103) Bejn l-2004 u tmiem il-PI, id-dollaru Amerikan tilef 6,1 % tal-valur tiegħu ma' l-Euro. La l-iżvilupp tal-prezz ta' l-industrija Komunitarja lanqas il-volumi ta' importazzjoni mill-pajjiż kkonċernat jew minn pajjiżi terzi oħra ma jirriflettu d-devalwazzjoni tad-dollaru Amerikan ma' l-euro.

(104) Għalhekk id-devalwazzjoni tad-dollaru Amerikan ma' l-euro trid titqies bħala negliġibbli u ma tistax titqies bħala kawża prinċipali tat-telf tas-sehem tas-suq ta' l-industrija Komunitarja.

(105) Barra dan, ta' min jiftakar li l-investigazzjoni għandha teżamina jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping (f'termini ta' prezzijiet u volumi) għamlux ħsara materjali lill-industrija Komunitarja jew jekk ħsara materjali bħal din saritx minħabba fatturi oħra. F'dan ir-rigward, għal dak li għandu x'jaqşam mal-prezzijiet, l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku jiddikjara li huwa meħtieġ li turi li l-livell tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni-

jiet li huma l-oġġett ta' dumping joħloq ħsara. Dan għalhekk jirreferi sempliċement għad-differenza bejn il-livelli tal-prezzijiet, u għalhekk m'hemm x il-ħtieġa għall-analiżi tal-fatturi li jaffettwaw il-livell ta' dawm il-prezzijiet.

(106) Iżda, anki jekk jitqies iċ-ċaqliq fil-kambju Dollaru Amerikan/Euro bejn l-2004 u l-PI u anki jekk wieħed jassumi li l-bejgħ kollu ta' esportazzjoni lejn il-Komunità sar fl-Amerika, xorta jibqa' aktar minn 10 % ta' qtugħ fil-prezz.

(107) Għaldaqstant il-konklużjoni provviżorja kienet li l-apprezzament ta' l-Euro fir-rigward tad-Dollaru Amerikan ma kienx tali li jkser ir-rabta każwali bejn id-dannu stabbilit u l-importazzjonijiet ikkonċernati lejn l-industrija tal-Komunità u għalhekk it-talba kienet miċħuda.

4. Konklużjoni dwar il-kawżalità

(108) Bħala konklużjoni, l-analiżi ta' hawn fuq uriet li kien hemm żieda sostanzjali fil-volum u s-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat matul il-perjodu meqjus, flimkien ma' tnaqqis konsiderevoli fil-prezzijiet tagħhom ta' bejgħ u livell għoli ta' bejgħ taħt il-prezz normali matul il-PI. Din iż-żieda fis-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet bi prezz baxx ikkoïncidiet ma' waqgħafis-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità u kriżi fil-prezzijiet b'waqgħa fil-profitabbiltà.

(109) Min-naħa l-oħra, l-eżami tal-fatturi l-oħra li setgħu kienu ta' ħsara għall-industrija Komunitarja wera li ebda minnhom ma seta' kelli impatt negattiv sinifikanti.

(110) Fuq il-bażi ta' l-analiżi hawn fuq, li d-distingwiet u sseparat b'mod xieraq l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja mill-effetti ta' ħsara ta' l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, huwa konkluż provviżorjament li l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità fis-sens ta' l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

F. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

(111) Il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar id-dumping, il-ħsara u l-kawżalità, kienx hemm raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma jkunx fl-interess tal-Komunità li jiġu imposti miżuri f'dan il-każ partikolari. Għal dan l-iskop, u skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset l-impatt li x'aktarx ikollhom il-miżuri għall-partijiet kollha kkonċernati.

1. Interess ta' l-industrija Komunitarja

- (112) Kif indikat fil-premessa (10) hawn fuq, l-industrija Komunitarja hija magħmula minn żewġ kumpaniji, b'faċilitajiet ta' produzzjoni fl-Awstrija u l-Belġju, li jimpjegaw madwar 500 sa 600 persuna direttament involuti fil-produzzjoni, il-bejgħ u l-amministrazzjoni tal-prodott simili. Jekk il-miżuri jiġu imposti, huwa mistenni li t-tnaqqis tal-prezz fuq is-suq Komunitarju jiġi fi tmiem u li l-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja jibdwu jirkupraw u, b'konsegwenza ta' dan, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija Komunitarja għandha titjeb.
- (113) Min-naħa l-oħra, jekk ma jiġux imposti miżuri anti-dumping, aktarx li x-xejra negattiva fl-iżvilupp ta' l-indikaturi finanzjarji ta' l-industrija Komunitarja u partikolarment il-profittabbiltà tagħha, jissoktaw. L-industrija Komunitarja mbagħad tissokta titef is-sehem sinifikanti tagħha mis-suq għaliex ma tkunx tista' tkompli ssegwi l-prezzijiet tas-suq baxxi b'mod artifiċjali stabbiliti mill-importazzjonijiet mir-RPĊ. Għaldaqstant, ir-riżultat x'aktarx ikun tnaqqis fil-produzzjoni u l-investimenti, l-għeluq ta' ċerti kapaċitajiet ta' produzzjoni u tnaqqis ta' impjegji fil-Komunità.
- (114) F'dan ir-rigward, ta' min isemmi li mill-2004 lillhawn tliet produttori ta' l-aċidu ċitriku fil-Komunità għalqu.
- (115) Bħala konklużjoni, l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping jippermettu lill-industrija tal-Komunità li tirkupra mill-effetti dannużi tad-dumping li nstab.

2. L-interess ta' l-importaturi mhux relatati

- (116) Kif deskritt fil-premessa (9) hawn fuq, erba' importaturi fil-kampjun bagħtu tweġibiet għall-kwestjonarju u kienu jirrappreżentaw madwar 36 % ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità tal-prodott ikkonċernat matul il-PI. Wieħed mill-importaturi fil-kampjun ma kienx f'qagħda li jipprovi t-tagħrif meħtieġ. Għalhekk, il-kwestjonarju tiegħu li ntbagħat ma tqiesx. It-tliet tweġibiet l-oħra għall-kwestjonarju ġew ivverifikati fuq il-post.
- (117) Il-piż globali rrappreżentat mill-aċidu ċitriku fil-fatturat totali ta' l-attivitajiet ta' dawn l-importaturi kien żgħir ħafna. Fuq bażi medja, madwar 1 % ta' dawn l-attivitajiet ta' l-importaturi jistgħu jintrabtu ma' importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku mir-RPĊ, u dan xorta waħda jitqies impor-

tanti biex il-firxa ta' prodotti tagħhom tkun kompluta. Ċerti importaturi jixtru l-prodott investigat mhux biss mir-RPĊ iżda wkoll minn sorsi oħra fil-Komunità u barra, inkluż mill-industrija Komunitarja. Il-marġni ta' profitt medju miksub mill-importaturi fil-kampjun fil-kummerċ tagħhom ta' l-aċidu ċitriku, huwa madwar 4,4 %.

- (118) L-importaturi fil-Komunità ma jaqblux ma' l-impożizzjoni tal-miżuri. L-importaturi li kkoopearaw sostenw li l-impożizzjoni ta' miżuri tista' tagħmel ħsara serja lill-attività tagħhom, għaliex ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żieda fil-prezz lill-utenti. F'dan ir-rigward, l-impożizzjoni ta' dazju anti-dumping fuq importazzjonijiet mir-RPĊ aktarx twassal għal korrezzjoni 'l fuq tal-prezzijiet tas-suq. L-effett tad-dazji x'aktarx jitlef mis-saħħa tiegħu fir-riżultat ġenerali ta' l-importaturi billi l-aċidu ċitriku jirrappreżenta biss parti żgħira mill-fatturat totali tagħhom. Il-bejgħ bi prezzijiet aktar baxxi li baqa' jseħħ wara aġġustament tal-prezzijiet cif fuq il-fruntiera Komunitarja minħabba spejjeż ta' wara l-importazzjoni wkoll jissuġġerixxi li hemm lok għal żieda fil-prezz. Għalhekk ma jstax jiġi eskluż li l-importaturi jistgħu jgħaddu parti mid-dazji lill-klijenti tagħhom fl-industrija ta' l-ikel u x-xorb. Ikun xi jkun il-każ, minħabba l-piż limitat ta' bejgħ ta' dan il-prodott fl-attivitajiet ta' l-importaturi, u l-marġni ta' profitt attwalment miksub kemm globalment kif ukoll minħabba l-bejgħ tagħhom ta' l-aċidu ċitriku biss, huwa mistenni li d-dazju kif stabbilit provviżorjament mhux se jaffettwa s-sitwazzjoni finanzjarja ta' dawn l-operaturi ekonomiċi b'mod sinifikanti.
- (119) Barra minn hekk, ġie sostnut li jekk jiġu imposti dazji, dan jista' jwassal għal qagħda ta' suq duwopolistika fis-suq tal-Komunità, u tiġi eskluża l-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi. Xi partijiet interessati qajmu tħassib dwar kemm il-produttori Ewropej jistgħux jissodisfaw id-domanda fl-Ewropa li dejjem tiżdied. Din l-investigazzjoni wriet li, anki kieku operat bil-kapaċità kollha tagħha, l-industrija tal-Komunità kienet tkun f'qagħda li tissodisfa biss 75 % tad-domanda Ewropea matul il-PI. F'dan ir-rigward, ta' min jenfazizza li d-dazji anti-dumping ma għandhomx ikollhom l-effett li jwaqqfu l-importazzjonijiet kollha, iżda li jerġgħu jgħibu qagħda ta' kompetizzjoni ġusta. Flimkien ma' l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi bħall-Iżrael, qed jiġi konkluż provviżorjament li dan jiżgura provvista suffiċjenti li tissodisfa id-domanda tal-Komunità. Madankollu, il-livell ta' importazzjonijiet Ċiniżi se jiġi eżaminat mill-qrib wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji biex tiġi analizzata l-qagħda tal-provvista fis-suq ta' l-UE.
- (120) Minkejja li l-importaturi/distributori huma kontra l-impożizzjoni ta' miżuri, jista' jiġi konkluż fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli li kwalunkwe vantaġġ li jistgħu jiksbu jekk ma jiġux imposti miżuri anti-dumping ikun ferm inqas mill-interess ta' l-industrija Komunitarja billi l-effett ta' prassi inġusta u dannuża mir-RPĊ jiġi newtralizzat.

3. Interess ta' l-utenti

- (121) Għaxar utenti mlew kwestjonarju ta' l-utenti. It-tweġibiet ma kinux kompluti u għalhekk ma setgħux jiġu inklużi kompletament fl-analiżi, għalhekk jidher ċar li l-aċidu ċitriku jintuża f'ħafna applikazzjonijiet differenti iżda fi kwantitajiet żgħar. Għalhekk, l-impatt ta' kull dazju anti-dumping ma jkunx sinifikanti għall-ispiża totali tagħhom ta' produzzjoni. Utent wieħed biss fost dawk li kkooperaw wera li l-impożizzjoni ta' xi miżuri jkollha impatt kbir fuq in-negozju tiegħu mingħajr ma saħħa aktar dan l-argument.
- (122) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni ġenerali, il-qagħda ta' l-utenti fil-Komunità x'aktarx li għalhekk mhux se tkun affettwata b'mod sostanzjali mill-miżuri proposti.

4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità

- (123) L-effetti ta' l-impożizzjoni ta' miżuri mistennija li jippermettu lill-industrija tal-Komunità li tikseb mill-ġdid il-bejgħ u l-ishma tas-suq mitlufa kif ukoll li ttejjeb il-profitabilità tagħha. Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ta' deterjorament ta' l-industrija tal-Komunità, hemm riskju reali li, fin-nuqqas ta' miżuri, l-industrija tal-Komunità jista' jkollha tagħlaq il-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħha u tagħti s-sensji lill-ħaddiema. B'mod ġenerali, l-utenti fil-Komunità jibbenefikaw ukoll mill-impożizzjoni ta' miżuri, fis-sens li l-provvista ta' volumi suffiċjenti ta' aċidu ċitriku ma tkunx fil-periklu filwaqt li ż-żieda ġenerali fil-prezz tax-xiri ta' l-aċidu ċitriku tkun moderata. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa provviżorjament konkluż li ma jeżistux raġunijiet konvinċenti biex ma jiġux imposti miżuri fil-każ preżenti minħabba raġunijiet ta' interess Komunitarju.

G. PROPOSTA GĦALL-MIŻURI PROVIŻORJI ANTI-DUMPING

- (124) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu dwar id-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Komunità, għandhom jiġu imposti miżuri provviżorji biex tiġi evitata aktar ħsara lill-industrija tal-Komunità mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

1. Livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara

- (125) Il-livell tal-miżuri anti-dumping provviżorji għandu jkun biżżejjed biex tkun eliminata l-ħsara lill-industrija Komunitarja kkawżata mill-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping, mingħajr ma jinqabżu l-marġnijiet tad-dumping misjuba. Meta jiġi kkalkulat l-ammont ta'

dazju meħtieġ biex jitneħħew l-effetti dannużi tad-dumping, tqies li kwalunkwe miżura għandha tħalli lill-industrija Komunitarja tagħmel profitt qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet bi prezz ta' dumping. F'dan ir-rigward, ġiet applikata mira ta' profitt ta' 9 %, fuq il-bażi tal-profitt li sar qabel iż-żieda kbira fl-importazzjonijiet Ċiniżi ta' aċidu ċitriku.

2. Miżuri provviżorji

- (126) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawnhekk u skond l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, qiegħed jitqies li għandu jiġi impost dazju provviżorju anti-dumping fil-livell l-aktar baxx li nstab tal-marġini tad-dumping u tal-ħsara, skond ir-regola ta' inqas dazju, li huwa l-marġini ta' dannu li nstab fil-każijiet kollha.
- (127) Il-livell ta' kooperazzjoni kienu għoli ħafna, għalhekk instab xieraq li d-dazju għall-kumpaniji li fadal, li ma kkooperawx fl-investigazzjoni, jiġi stabbilit fil-livell ta' l-ogħla dazju li għandu jiġi impost fuq il-kumpaniji li kkooperaw fl-investigazzjoni. Għaldaqstant, id-dazju residwu ġie stabbilit għar-rata ta' 49,3 %.
- (128) Bħala konsegwenza, id-dazji provviżorji ta' anti-dumping għandhom ikunu kif ġej:

Esportaturi fil-kampjun	Dazju anti-dumping propost
Anhui BBKA Biochemical Ltd Co Ltd	42,2 %
DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd	13,2 %
RZBC Co	43,2 %
RZBC (Juxian) Co Ltd	43,2 %
TTCA Co., Ltd.	49,3 %
Yixing Union Biochemical	38,8 %
Laiwu Taihe Biochemistry Co Ltd	43,2 %
Shanxi Ruicheng	43,2 %
Weifang Ensign Industry Co Ltd	43,2 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	49,3 %

- (129) Il-miżuri ta' anti-dumping ta' hawn fuq huma stabbiliti b'mod provviżorju taħt sura ta' dazji ad valorem. Minħabba li l-kapaċità ta' produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tista' ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq tal-Komunità (ara premessa 119), il-livell ta' importazzjonijiet mir-RPĊ wara l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji se jiġi eżaminat mill-qrib. Jekk jidher li hemm xi diffikultajiet fil-provvista ta' l-aċidu ċitriku fis-suq tal-Komunità, titqies l-applikazzjoni ta' forma alternattiva ta' miżuri.

3. Dispożizzjoni Finali

- (130) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi ffixxat perjodu li fih il-partijiet interessati li għamlu lilhom infushom magħrufa fil-limitu taż-żmien speċifikat fl-avviż ta' ftuġ ikunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta. Barra minn hekk, wieħed għandu jgħid li s-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji magħmula għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huma provviżorji u jistgħu jerġgħu jittqiesu għall-finijiet ta' kull miżura definittiva.
- (131) Ir-rati tad-dazju ta' anti-dumping individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-investigazzjoni attwali. Għalhekk, jirriflettu l-qagħda misjuba matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (bil-maqlub tad-dazju komuni għall-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha") huma għalhekk esklużivament applikabbli għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fir-RPĊ u li jiġu prodotti minn dawn il-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Prodotti importati li

huma mmanifatturati minn kwalunkwe kumpanija oħra li ma tissemmix speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament b'isimha u bl-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma dik imsemmija speċifikament, ma jistgħux igawdu minn din ir-rata u għandhom ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju li tapplika għall-pajjiż kollu.

- (132) Kwalunkwe talba għall-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' dazju ta' anti-dumping għal kumpaniji individwali (eż. wara bdil fl-isem ta' l-entità jew wara li jiġu stabbiliti entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni bit-tagħrif kollu rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u ma' dak ta' l-esportazzjoni u li jkunu assoċjati, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew ma' dik il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u ta' bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jiġi għalhekk emendat billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenefikaw minn dazji individwali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju provviżorju ta' anti-dumping huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku u taċ-ċitrat tat-trisodju li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2918 14 00 u ex 2918 15 00 (Kodiċi TARIC 2918 15 00 10) u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata ta' dazju anti-dumping provviżorja applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji mniżżla hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Il-kumpanija	Dazju anti-dumping (%)	Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC
Anhui BBKA Biochemical Co Ltd - N° 73, Fengyuandadao Road, Bengbu City 233010, Provinċja ta' Anhui, ir-RPĊ	42,2	A874
DSM Citric Acid (Wuxi) Ltd - West Side of Jincheng Bridge, Wuxi 214024, Provinċja ta' Jiangsu, ir-RPĊ	13,2	A875
RZBC Co Ltd - N° 9 Xinghai West Road, Rizhao, Provinċja ta' Shandong, ir-RPĊ	43,2	A876
RZBC (Juxian) Co Ltd, West Wing, Chenyang North Road, Provinċja ta' Ju County Shandong, ir-RPĊ	43,2	A877
TTCA Co., Ltd. – West, Wenhe Bridge North, Anqiu City, Provinċja ta' Shandong, ir-RPĊ	49,3	A878
Yixing Union Biochemical Co Ltd – Industry Zone Yixing City 214203, Provinċja ta' Jiangsu, ir-RPĊ	38,8	A879
Laiwu Taihe Biochemistry Co Ltd, ir-RPĊ	43,2	A880
Shanxi Ruicheng Yellow River Chemicals Co Ltd, ir-RPĊ	43,2	A881
Weifang Ensign Industry Co Ltd, ir-RPĊ	43,2	A882
Il-kumpaniji l-oħra kollha	49,3	A999

3. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-komunità tal-prodott imsemmi f'paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-proviżjoni ta' garanzija, ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.
4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali fis-seħħ.

Artikolu 2

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu rikjesta għall-iżvelar tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni.

Skond l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkummentaw dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membri tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 489/2008**tat-2 ta' Ġunju 2008****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 806/2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tal-majjal**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 806/2007 tal-Kummissjoni⁽²⁾ fetaħ ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tal-majjal.
- (2) B'segwitu għal xi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti fil-kuntest tal-kwoti li jgħibu n-numri tas-serje 09.4038 u 09.4074, u bil-għan ta' applikazzjoni uniformi, jeħtieġ li ssir kjarifika għad-deżinjazzjoni tal-merkanzija koperta bin-numri tas-serje msemmija.
- (3) Jeħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 806/2007 jiġi emendat skond dan.

- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-laħam tal-majjal,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 806/2007, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, fost il-prodotti koperti bil-kodiċi tan-NM ex 0203 19 55 u ex 0203 29 55 tal-kwoti li jgħibu n-numri tas-serje 09.4038 (il-grupp G2) u 09.4074 (il-gruppi G7) ta' l-Anness I hemm: il-prieżet u l-partijiet ta' prieżet."

*L-Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Luxembourg, 2 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2). Ir-Regolament (KEE) Nru 2759/75 se jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) b'bidu mill-1 ta' Lulju 2008.

⁽²⁾ ĠU L 181, 11.7.2007, p. 3.

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Diċembru 2007

dwar l-ghajjnuna statali C 51/06 (ex N 748/06) li l-Polonja implimentat għal Arcelor Huta Warszawa

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6077)

(Il-verżjoni bil-Pollakk biss hija awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/406/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 8 tat-Trattat ta' Adeżjoni dwar ir-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar Pollakka⁽¹⁾,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jibagħtu l-kummenti⁽²⁾ tagħhom skond id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

I. PROCĊEDURA

(1) Fl-2002 għe ppreżentat pjan ta' ristrutturar (imsemmi wkoll bħala l-pjan individwali tan-negozju) lill-awtoritajiet Pollakki minn Arcelor Huta Warszawa (aktar 'il quddiem imsemmija "AHW"), li dak iż-żmien kienet

għadha Huta L.W. Sp. z o.o. (aktar 'il quddiem imsemmija "HLW"). Il-pjan għe rivedut f'Marzu 2003 (aktar 'il quddiem imsemmi "l-IBP ta' l-2003").

(2) Il-proċess ta' ristrutturar ta' l-azzar fil-Polonja beda f'Ġunju 1998, meta l-Polonja ppreżentat l-ewwel Programm ta' Ristrutturar għall-Industrija tal-Ħadid u ta' l-Azzar lill-Komunità sabiex tikkonforma ma' l-Artikolu 8(4) tal-Protokoll 2 tal-Ftehim ta' l-Ewropa mal-Polonja (aktar 'il quddiem imsemmi l-Artikolu 8(4)), li jippermetti, b'mod eċċezzjonali, li l-ghajjnuna Statali tingħata għar-ristrutturar fis-settur tal-prodotti ta' l-azzar matul l-ewwel ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

(3) Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Polonja approva l-Programm ta' Ristrutturar u Żvilupp għall-Industrija tal-Ħadid u ta' l-Azzar Pollakka sa l-2006 u, fuq din il-bażi, fil-25 ta' Marzu 2003 adotta l-Programm Nazzjonali ta' Ristrutturar finali tiegħu (aktar 'il quddiem imsemmi "NRP" – (*National Restructuring Programme*)) Dan il-pjan essenzjalment jippermetti għajjnuna Statali sa PLN 3.387 biljun (EUR 846 miljun)⁽³⁾ li tingħata lill-industrija ta' l-azzar Pollakka għar-ristrutturar fil-perjodu mill-1997 sa l-2006.

(4) L-NRP għe sottomess lill-Kummissjoni, li vvalutat fil-25 ta' Marzu 2003 u, fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, għamlet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill biex jiġi estiż il-moratorju (li inizjalment kien jiskadi fil-1997)

(1) ĠU L 236, 23.9.2003, p. 948.

(2) ĠU C 35, 17.2.2007, p. 41.

(3) Bl-assunzjoni li EUR 1 = PLN 4.

għall-għoti ta' għajna Statali lis-settur ta' l-azzar Pollakk taħt il-Ftehim ta' l-Ewropa sa l-aħħar ta' l-2003, bil-kondizzjoni li l-benefiċjarji jiksbu l-vijabbiltà sa l-2006. Il-proposta ġiet approvata mill-Kunsill f'Julju 2003⁽⁴⁾.

- (5) L-UE għalhekk ippermettiet lill-Polonja, b'deroga mir-regoli ta' l-UE,⁽⁵⁾ li tagħti għajna għar-ristrutturar lill-industrija ta' l-azzar. Dan għe finalment stabbilit fil-Protokoll Nru 8 għall-Att ta' Adeżjoni, dwar ir-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar Pollakka (aktar 'il quddiem imsemmi "Protokoll Nru 8")⁽⁶⁾. Dan jikkonferma l-approvazzjoni ta' għajna Statali ta' mhux aktar minn PLN 3.387 biljun mogħtija lit-tmien kumpaniji indikati, inkluża HLW, sa l-aħħar ta' l-2003, sakemm ir-ristrutturar jitlestha mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006⁽⁷⁾. L-NRP jalloka PLN 322 miljun ta' għajna għar-ristrutturar lill-HLW (ara tabella 8), li huwa kkonfermata f'aktar dettall fl-IPB ta' l-2003 u li se tiġi implimentata skond punt 9 (a) u (h) tal-Protokoll Nru 8.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-kondizzjonijiet tiegħu, il-Protokoll Nru 8 jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ. *Inter alia* l-Polonja kellha tipprovdi rapporti bi-annwali tal-monitoraġġ, u twettqu evalwazzjonijiet indipendenti minn konsulent indipendenti fl-2004, l-2005 u l-2006. Ir-rapporti tal-Kumpaniji għall-HLW/AHW s'issa għew ippreżentati fi Frar 2004, f'April 2005, f'Mejju 2006 u f'Ġunju 2007. Għew diskussi ma' l-awtoritajiet Pollakki u l-benefiċjarji u approvati mis-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Pollakki.
- (7) L-IBP ta' l-HLW għe emendat fl-2005 mill-AHW (aktar 'il quddiem imsemmi "2005 IBP") u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni mfitxija skond punt 10 tal-Protokoll Nru 8.
- (8) Bl-ittra datata 6 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni infurmat lill-Polonja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċe-

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Julju 2003, ĠU L 199, 7.8.2003, p. 17. Cf. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ C-20/04, (ĠU L 366, 21.12.2006, p. 1, punti 23 et seq).

⁽⁵⁾ Cf. *Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-għajna għas-Salvataġġ u għar-Ristrutturar u l-għajna għaż-żarmar għas-settur ta' l-azzar*, ĠU C 70, 19.3.2002, p. 21, li jipprojbixxi l-għajna għar-ristrutturar għall-industrija ta' l-azzar.

⁽⁶⁾ Ara in-nota 1 ta' qiegħ il-paġna.

⁽⁷⁾ Skond l-aħħar rapport tal-monitoraġġ ta' Ġunju 2007, għe żborżat PLN 2.727 biljun ta' għajna. Mit-tmien benefiċjarji, tliet kumpaniji, jiġifieri Technologie Buczec (cf. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 fil-każ C23/06, li għada ma għietx ippubblikata), Huta Andrzej u Huta Batory fil-frattemp marru fil-likwidazzjoni, filwaqt li erba' kumpaniji, jiġifieri Polskie Huty Stali S.A (issa Mittal Steel Poland ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ N 186/05, *Bidla fl-IBP tal-MSP*), Huta Bankowa, Huta Labędy u Huta Pokój, reġġu saru vijabbli.

dura stabbilita fl-Artikolu 88(2) KE fir-rigward ta' użu ħażin potenzjali ta' l-għajna.

- (9) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinbeda l-proċedura għet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*⁽⁸⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom fuq l-għajna.
- (10) Il-Polonja wiegħbet bl-ittra tat-2 ta' Marzu 2007. Fid-19 ta' Marzu 2007 il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti mill-benefiċjarja AHW, li hija għaddiet flimkien ma' mistoqsijiet lill-awtoritajiet Pollakki. Wara laqgħa ma' l-awtoritajiet Pollakki u mal-benefiċjarja f'Marzu 2007, mistoqsijiet ulterjuri ntbagħtu lill-Polonja fit-2 t'April 2007 u fis-6 t'Awissu 2007. Il-Polonja wiegħbet fl-4 ta' Ġunju 2007 u fl-1 t'Ottubru 2007.
- (11) Imbagħad, fit-18 t'Ottubru 2007 is-servizzi tal-Kummissjoni infurmwaw lill-Polonja dwar il-valutazzjoni preliminari tagħha tal-każ u, wara skambji oħra bejn l-awtoritajiet Pollakki u l-Kummissjoni, fis-16 ta' Novembru 2007 l-awtoritajiet Pollakki indikaw li l-kumpanija kellha l-intenzjoni li tħallas lura l-għajna, "bla ħsara għas-sitwazzjoni legali".
- (12) L-awtoritajiet Pollakki kkonfermaw fittra tat-22 ta' Novembru 2007 li fl-20 ta' Novembru 2007 AHW kienet ħallset EUR 2 089 768 f'kont ibblukkat favur il-Ministeru tal-Finanzi Pollakk. Taħt il-kondizzjonijiet tal-ftehim, ħadd m'għandu jkollu aċċess għall-flus fil-kont sakemm din id-Deċiżjoni tiġi adottata. Fid-data ta' l-adozzjoni tagħha l-Ministeru jirċievi l-ammont flimkien ma' l-interessi li jkunu nġemgħu sa l-20 ta' Novembru 2007. Jekk id-deċiżjoni ma tkunx maħruġa sa l-aħħar ta' Frar 2008, il-flus jerrġgħu lura għand AHW.

II. DESKRIZZJONI DETTALJATA TA' L-GĦAJNUNA

- (13) AHW hija produttur ta' l-azzar Pollakk li jipproduċi azzar likwidu u prodotti twal, speċjalment azzar ta' kwalità u speċjali (profili sezżjonali h'ief u tqal).
- (14) Fl-1991 il-maġġoranza ta' l-ishma fl-HLW għew meħuda mill-produttur ta' l-azzar Taljan Lucchini u mibjugħa fl-2005 lil Arcelor, li nġhaqdet ma' Mittal Steel fl-2006⁽⁹⁾.

⁽⁸⁾ Ara in-nota 2 ta' qiegħ il-paġna.

⁽⁹⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni *Mittal /Arcelor* tat-2 ta' Ġunju 2006, każ Nru COMP/M.4137.

1. Il-programm ta' ristrutturar ta' l-IPB ta' l-2003

- (15) Il-Kummissjoni tifhem li l-HLW kienet qiegħda tiffaċċja restrizzjonijiet finanzjarji serji fil-ħin ta' l-adozzjoni tal-pjan tan-negozju. Ma kinitx qiegħda tieħu ebda flus addizzjonali mill-kumpanija parent tagħha Lucchini, li kienet, skond il-Polonja, fi kriżi finanzjarja profonda, u ma setgħetx tbiegħ l-assi ta' valur tagħha stess minħabba problemi regolatorji. Għalhekk, bejn l-1997 u l-2003 il-kumpanija kienet nieqsa ħafna mill-flus kontanti, li kien rifless fil-pjan ta' ristrutturar ⁽¹⁰⁾.
- (16) Sabiex terġa ssir vijabbli, l-IPB ta' l-2003 ta' l-HLW għalhekk stabbilixxa bosta kompiti prinċipali ta' ristrutturar (fpunt 3.2) li fosthom l-aktar importanti kienu:
- (a) "Ristrutturar ta' l-assi u ristrutturar finanzjarju sabiex jinkisbu fondi għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm, tiġi żgurata l-likwidità finanzjarja u jitnaqqsu l-ispejjeż finanzjarji;
- (b) Implimentazzjoni ta' l-investimenti sabiex tittejjeb aktar il-kwalità u t-taħlita tal-prodotti manifatturati

u tiżied il-kompetittività ta' l-intrapriża, tnaqqis ta' l-ispiża [...];

(ċ) Aktar titjib ta' l-istandards tal-protezzjoni ambjentali".

(a) *L-investimenti*

- (17) L-IPB ta' l-2003 (punt 3.3) iddikjara l-istrategġija industrijali tiegħu bħala "li jkun hemm fokus fuq it-titjib gradwali tat-taħlita tal-prodotti tiegħu permezz ta' tnaqqis sinifikanti tal-produzzjoni ta' sbarri u bċejeċ (tat-tip *merchant*) u l-iżvilupp tal-produzzjoni b'fokus fuq l-azzar ta' l-ispeċjalità u ta' l-inġinerija". Għal dan il-għan, l-HLW stenniet "... li twettaq programm ta' investimenti gradwali floqsma li ġejjin ta' l-impjant: il-magna ta' l-irrumblar medja, il-ħanut tal-forġa, magna ta' l-estrusjoni, il-qasam ta' l-ikkastjar ta' l-ingotti", filwaqt li l-magna ta' l-istrrippi dojq kellha tiżżarma.
- (18) Sabiex titwettaq l-istrategġija t'hawn fuq, il-kumpanija ppjanat programm ta' investiment ta' [bejn PLN 150 miljun u PLN 220 miljun] (*) li kien indikat fl-IPB ta' l-2003 kif ġej:

Tabella 1

Investimenti ppjanati tal-produzzjoni ta' l-azzar (= tabella 21 ta' l-IPB ta' l-2003)

FPLN 000	2002	2003	2004	2005	2006	Totali
Ħanut ta' l-Azzar					[...]	[...]
Magni ta' l-irrumblar fisshana	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[appross. 95 %]
Ġenerali	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Il-magna ta' l-estrusjoni	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Totali	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[PLN 150-220 miljuni]

- (19) Kif indikat fpunt 4.4 ta' l-IPB ta' l-2003, l-investimenti ffukaw fuq l-immodernizzar tal-magni ta' l-irrumblar fisshana (ara tabella 22 ta' l-IPB ta' l-2003). Dan kien jikkomprensi l-immodernizzar tal-magna tas-sezzjonijiet medji, kif ukoll is-sostituzzjoni tal-fran ta' tisħin mill-ġdid tal-magna tat-tqattiegħ ta' l-ingotti u l-magna tas-sezzjonijiet tqal. Il-ħin ta' l-implimentazzjoni ta' l-investimenti ġie indikat fit-tabella 23 ta' l-IPB ta' l-2003, li kienet tindika li l-investimenti kienu se jibdeu kważi kollha fl-2002.

(b) *Ir-ristrutturar ta' l-impjiegi*

- (20) Taħt l-IPB ta' l-2003 (punt 4.11), il-kumpanija ppjanat li tnaqqas in-numru ta' l-impjegati tagħha minn 1 249 għal

850. L-IPB ta' l-2005 issa jiddikjara li l-forza tax-xogħol se titnaqqas għal 700 impjegat. L-IPB ta' l-2003 alloka PLN 4,03 miljun għar-ristrutturar ta' l-impjiegi, li minnhom PLN 1,5 miljun kellhom jiġu sostnuti minn għajnuuna Statali maħsuba b'mod speċjali, PLN 1,17 miljun mill-programme PHARE u PLN 1,34 miljun mill-kumpanija ⁽¹¹⁾.

⁽¹⁰⁾ Ara s-sottomissjoni ta' l-informazzjoni tal-Polonja ta' l-4 ta' Ġunju 2007, punti 19, 30, 55.

(*) Partijiet minn dan it-test ġew moħbija sabiex ma tinkixifx informazzjoni kunfidenzjali. Dawn ġew indikati b'linja tikek f'parentesi kwadri. Il-programm ta' investiment totali jammonta għal bejn PLN 150 miljun u PLN 220 miljun. Sabiex id-deċizzjoni tkun iżjed faċli li tiġi miġfuma, aktar informazzjoni finanzjarja kunfidenzjali tingħata bħala perċentwali approssimattiv ta' l-ammont ta' PLN 150-220 miljun (PLN 150-220 miljun jittieħed bħala 100 %).

⁽¹¹⁾ L-IPB ta' l-2003, p. 66, tabella 35.

(ċ) *Ir-ristrutturar finanzjarju*

- (21) L-IPB ta' l-2003 ipprova wkoll għar-ristrutturar finanzjarju u għar-ristrutturar ta' l-assi, skond il-pjan (punt 3.2), ikkonċernat: "ħlas lura ta' self fuq perjodu qasir u l-bejgħ ta' assi mhux meħtieġa li mhumiex konnessi mal-produzzjoni."
- (22) L-IPB ta' l-2003 (punt 4.7) ipprova għar-ristrutturar tad-dejn ta' PLN 513 369 miljun (skond il-karta tal-bilanċ dan kien it-total ta' dejn fuq perjodu twil u fuq perjodu qasir). Kien intenzjonat li dan jiġi ffinanzjat minn profitti u ristrutturar ta' l-assi tal-ġejjieni. Dħul ta' PLN 363 miljun kienu mistennija minn dan ta' l-aħħar fl-2004 u l-2005, li PLN 60 miljun minnhom kellhom ikopru djun ġodda.
- (23) Fid-dettall, il-Kummissjoni tifhem li l-IPB ta' l-2003 speċifika l-miżuri li ġejjin għar-ristrutturar finanzjarju: l-ewwel, id-dejn pubbliku ġie rrinunzjat li rriżulta f'għajjuna ta' PLN 21,5 miljun (ara 4.12.2); it-tieni, l-HLW kienet qiegħda, mill-2000, twestaq xi ristrutturar ta' l-assi li kien għadu għaddej billi tbiegħ assi mhux produttivi, u dan kellu jiġġenera fondi biex jiġi ffinanzjat il-programm ta' investment.
- (24) Ir-ristrutturar ta' l-assi jrid jidher fl-isfond li l-assi ta' l-HLW kienu diġà kienu s-suġġett ta' tranżazzjoni finanzjarja deskritta mill-HLW bħala "tranżazzjoni ta' bejgħ u kiri lura" ("*sale and lease-back transaction*"). Fl-2000 il-kumpanija kienet kisbet self ta' PLN 250 miljun bażikament ikkollateralizzat b'ipoteka fuq l-art u bini li jappartjenu lill-kumpanija. Dan kien jikkonċerna assi produttivi u mhux produttivi. Il-ħlas lura kellu jseħħ f'żewġ ħlasijiet kull sena sa l-2010. It-tranżazzjoni kienet meħtieġa minħabba li l-HLW kienet teħtieġ il-flus kontanti imma ma setgħetx tbiegħ l-assi mhux produttivi tagħha immedjatament. Dan kellu jsir matul is-snin li ġejjin u jirriżulta f'ġenerazzjoni ta' flus kontanti u t-tnaqqis ta' l-ispejjeż finanzjarji.
- (25) Skond l-IPB ta' l-2003, ir-ristrutturar ta' l-assi kellu jikkonċerna l-assi mhux produttivi (punt 4.7 u 4.8). Apparentement fl-aħħar ta' l-2001 l-ewwel parti (53 ettari) mill-100 ettari nbiegħu. Madankollu l-bejgħ ta' assi mhux produttivi oħra ddewwem minħabba li AKR (*Agencja Kapitałowo Rozliczeniowa S.A.* – kumpanija li l-azzjonisti tagħha huma l-Aġenzija ta' l-Iżvilupp ta' l-Industrija u t-Teżor ta' l-Istat) kellha xi diffikultajiet biex tirregola l-istatus legali tal-parti ta' l-art li ma kinitx konnessa mal-produzzjoni.
- (26) Billi ma kienux disponibbli fondi mill-bejgħ ta' l-art, kien previst kreditu temporanju garantit mill-Istat ta' PLN 300

miljun. Il-kreditu kellu jintuża għall-investimenti u biex ikopri djun fuq perjodu qasir (total ta' PLN 219 miljun). Barraminnekk, PLN 53 miljun ġew allokati biex jinġiebu 'l quddiem investimenti oriġinarjament ippjanati għal wara l-2006 (dawn il-219 + 53 miljun jammontaw, flimkien ma' 10 % spejjeż ta' l-iffinanzjar (jiġifieri 27 miljun), għal 299 miljun). Konsegwentement, mill-fondi totali ta' [PLN 150-220 miljun] ippjanati għall-investimenti, mill-inqas PLN [...] miljun (jiġifieri PLN [...] miljun – PLN 53 miljun) għandhom jiġu inklużi fil-PLN 219 miljun. L-ammont rimanenti ta' PLN [...] miljun (PLN 219 miljun – PLN [...] miljun) iridu għalhekk ikunu l-ispejjeż tar-ristrutturar finanzjarju fuq perjodu qasir.

(d) *Ir-ristrutturar ambjentali*

- (27) L-IPB ta' l-2003 (punt 4.9) kien jinkludi wkoll programm separat ta' investment relatat ma' l-ambjent li kien jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' sistema ta' amministrazzjoni ambjentali skond ISO 14001 (PLN 0,5 miljun), numru ta' investimenti taħt l-umbrella ta' proġett ta' riklamazzjoni ta' l-art bi spejjeż ta' PLN 50 miljun u mmodernizzar tad-dipartiment ta' l-inġinerija ta' l-elettriku (li għalihom ma kienu allokati l-ebda fondi). Il-miżuri kellhom jibdeu fl-2002.
- (28) L-investigazzjoni indikat li wħud imma mhux il-miżuri kollha indikati fl-IPB ta' l-2003 ġew implimentati skond l-iskeda ta' żmien. B'mod partikolari, il-kostruzzjoni ta' impjant ta' l-ipproċessar tal-fdalijiet kienet posposta għall-2007-2008, u ma kinitx bdiet sas-sajf 2007. Barraminnekk il-kostruzzjoni ta' impjant ta' l-ipproċessar ta' l-iskart kienet abbandunata billi l-ipproċessar ta' l-iskart huwa amministrat minn subkuntrattur, ⁽¹²⁾ li hija soluzzjoni aktar effiċjenti fl-infiq.
- (29) Madankollu, l-investigazzjoni kkonfermat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Polonja li l-ispejjeż għar-ristrutturar ambjentali ma kellhomx jitħallsu taħt il-pjan ta' ristrutturar, imma kellhom jiġu koperti minn fondi tagħha, bħal dħul mir-ristrutturar ta' l-assi.

(e) *L-iffinanzjar tar-ristrutturar*

- (30) L-IPB ta' l-2003 (4.12) jidentifika nuqqas fl-iffinanzjar ta' PLN 300 miljun (ara wkoll id-dikjarazzjoni tal-likwidità, punt 5.1.). Billi ma nġhatat l-ebda indikazzjoni tal-kuntrarju, jista' jittqies li dan kien l-uniku ffinanzjar meħtieġ.

⁽¹²⁾ Ara r-rapport ta' l-ESC għall-2006 ta' Lulju 2007.

- (31) Punt 4.12 jindika li r-ristrutturar kien jeħtieġ iffinanzjar ta' PLN 113,6 miljun fl-2002 u PLN 105,3 miljun fl-2003, kif ukoll il-PLN 21,9 miljun spejjeż ta' ffinanzjar tas-self ta' dawn il-fondi. Barraminnekk, PLN 53 miljun addizzjonali ġew allokati biex jinġiebu 'l quddiem l-investimenti. Madankollu, m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' għaliex l-iffinanzjar kien meħtieġ eżattament.
- (32) Wara l-2003 l-ebda ffinanzjar ieħor ma deher li kien meħtieġ. Filfatt fl-IPB ta' l-2005 tagħha l-AHW, meta tiddekrivi l-IPB ta' l-2003 tikkonferma "L[...] Programm ta' Ristrutturar assuma li serje ta' azzjonijiet ta' karattru strateġiku u operazzjonali kienu se jittieħdu, li b'riżultat tagħhom kien mistenni titjib sinifikanti fil-profittabbiltà ta' l-attivitajiet, u b'riżultat, likwidità finanzjarja. Il-Programm ta' Ristrutturar aċċetta li fatturi ta' likwidità finanzjarja se jitjiebu b'mod gradwali, mis-sena 2003".
- (f) *Konklużjoni dwar l-isforzi ta' ristrutturar taħt l-IPB ta' l-2003*
- (33) Ir-ristrutturar ipprovdut fl-IPB li għalih kien meħtieġ sostenn straordinarju jinkludi investiment (PLN [150-220] miljun, inkluż il-PLN 53 miljun ta' investimenti miġjuba 'l quddiem), ristrutturar ta' l-impjiegi (PLN 4,03 miljun), xi rinunzi ta' dejn pubbliku (PLN 21,5 miljun), xi ristrutturar finanzjarju (PLN 81,5 miljun) u xi spejjeż ta' ffinanzjar għas-self (PLN 27,1 miljun), ilkoll jammontaw għal PLN 324,63 miljun.
- (34) Ir-ristrutturar kellu jiġi ffinanzjat prinċipalment minn self garantit mill-Istat, li kien intenzjonat li jissodisfa nuqqas ta' ffinanzjar li rriżulta mid-dewmien ta' parti mir-ristrutturar ta' l-assi. Għalhekk, sabiex il-kumpanija tkun tista' twestaq ristrutturar finanzjarju u investimenti fl-2002/2003 u possibbilment ukoll fl-2004, il-kumpanija nġhatat il-kreditu temporanju garantit mit-Teżor ta' l-Istat. Il-proġett ta' ristrutturar kien għalhekk konness b'mod ċar ma' skeda taż-żmien.
- (35) Madankollu, ir-ristrutturar ta' l-assi ma kienx indikat fl-IPB ta' l-2003 li jwassal għal spejjeż ta' ristrutturar. Kien, pjuttost, eżerċizzju kontinwu, indipendenti mill-pjan ta' ristrutturar sostnut mill-ġajnuna Statali u ma jeħtieġx b'mod ċar l-ebda ffinanzjar Statali addizzjonali. Ukoll xi miżuri li mhumiex marbuta direttament mar-restawr tal-vijabbiltà, bħall-miżuri ambjentali, ġew iffinanzjati permezz tar-ristrutturar ta' l-assi u kienu, kif imtenni mill-Polonja, għalhekk segwiti barra mir-ristrutturar.
- (36) Filfatt, l-uniku raġuni għaliex ir-ristrutturar ta' l-assi huwa msemmi huwa minħabba li kellu jiġġenera finanzjament permezz tal-bejgħ ta' l-assi mhux produttivi. Madankollu, il-ħlas lura tat-tranżazzjoni tal-bejgħ u kiri lura ma jissemmiex.
- (37) Mill-PLN 322 miljun ġajnuna (ikkalkulati bħala għotja ekwivalenti netta) aċċettati oriġinarjament fl-NRP, l-AHW kisbet l-ġajnuna murija fit-tabella mehmuża sottomessa mill-Polonja:

2. L-ġajnuna statali

Tabella 2

L-ġajnuna statali approvata u rċevuta fl-2002 u l-2003 (*)

	NRP (f' 000 PLN)	L-ġajnuna statali miksuba (f' 000 PLN)	Id-differenza (f' 000 PLN)
Totali 2002-2003	321 878 000	203 946 000	117 932 000

(*) Iċ-ċifri jikkorrispondu għal tabella 36 ta' l-IPB ta' l-2003. Iċ-ċifri aġġornati skond ir-Rapporti ta' Monitoraġġ Pollakki u indipendenti ta' Ġunju 2007, b'EUR 1 meqjusa daqs PLN 3.95.

- (38) L-ġajnuna nġhatat għal tliet skopijiet differenti:
- (a) PLN 0,33 miljun għar-ristrutturar ta' l-impjiegi (1,5 miljun kienu ġew ippjanati oriġinarjament),
- (b) PLN 20,56 miljun għal rinunzi ta' dejn (21,5 miljun kienu ġew ippjanati oriġinarjament), li ntużaw għal titjib ġenerali tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija.

- (ċ) Garanzija ta' self ta' PLN 183,2 miljun (EUR 46,3 miljun; PLN 299 miljun kienu ġew ippjanati oriġinarjament, u approvati mill-Kummissjoni).
- (39) Is-self sostnut mill-garanzija Statali ngħata lill-HLW minn Bank Pekao S.A. fuq il-bażi ta' ftehim bejn l-HLW u l-bank ta' l-10 ta' Diċembru 2003. Il-ftehim ta' self jindika li s-self irid jitħallas lura ħames snin wara l-iffirmar tal-ftehim, jiġifieri sa l-10 ta' Diċembru 2008.
- (40) L-AHW kien applika għall-garanzija f'Awissu 2003. Kienet ingħatat b'deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-31 ta' Diċembru 2003 u kienet tikkonċerna valur nominali ta' EUR 46,3 miljun, flimkien ma' l-interessi u spejjeż assoċjati oħra sa EUR 58,3 miljun. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri rikonoxxiet li l-HLW kien se jkollha bżonn l-għajnuna l-ewwel sabiex tiffinanzja l-investimenti relatati mal-magna ta' l-irrumblar bis-sħana u l-ispejjeż tax-xiri tal-proprjetà taħt ftehim ta' bejgħ u kiri lura, u ordnat li din tintuża għal dan l-iskop. Fid-dettall:
- (a) parti mis-self kien intenzjonat għal ammont sa EUR 14 600 000 biex jiġu ffinanzjati l-investimenti tal-produzzjoni, investment konness mal-magna ta' l-irrumblar (medju) u l-immodernizzar tal-magna ta' l-irrumblar (gaġeġ). Madankollu, bejn it-30 ta' Settembru 2004 u t-28 ta' Frar 2005 EUR 2 854 355 biss ġew użati fi 8 pagamenti. Il-ħlas lura seħħ fis-16 ta' Settembru 2005.
- (b) il-parti l-oħra, għal ammont sa EUR 31 430 000, li bihom il-kumpanija riedet tħallas il-parti li kien baqa' tal-ftehim ta' bejgħ u kiri lura, kienet intenzjonata għar-ristrutturar tad-dejn bix-xiri mill-ġdid tal-proprjetà tal-produzzjoni (art u bini). Mill-24 ta' Awwissu 2004, il-kumpanija użat EUR 31 245 684, u ħallsithom lura fis-16 ta' Settembru 2005. Skond l-awtoritajiet Pollakki u l-benefiċjarja, is-self intuża biex jitħallas il-ftehim ta' bejgħ u kiri lura ta' l-2000.
- (41) B'kollox, il-kumpanija indikat li kienet ħallset interessi li jammontaw għal EUR 1 132 788,35, li kienet ħallset f'porzjonijiet. Għal dan il-għan tqies li l-ewwel porzjon ta' interessi, imħallas fit-30 ta' Diċembru 2004, għandu jiġi allokat għall-porzjonijiet rispettivi tas-self użati, filwaqt li minn dak il-punt 'il quddiem, l-ammonti ta' interessi setgħu jiġu distribwiti bejn it-totali rispettivi. L-awtoritajiet Pollakki sottomettew li dan wassal għall-qsim li ġej tal-ħlasijiet ta' l-interessi:

Tabella 3

l-interessi mħallsa

Data, interessi mħallsa	Total ta' l-interessi	L-interessi fuq il-parti tas-self użata għall-ħlas lura tal-ftehim ta' bejgħ u kiri lura	L-interessi fuq il-parti tas-self użata għall-investment
30 ta' Diċembru 2004	371 931	EUR 363 880	EUR 8 051
30 ta' Ġunju 2005	EUR 536 522	EUR 491 612	EUR 44 910
16 ta' Settembru 2005	EUR 224 336	EUR 205 557	EUR 18 778
	EUR 1 132 788	EUR 1 061 050	EUR 71 738

- (42) L-AHW kellha wkoll l-elementi ta' nfiq li ġejjin konnessi mas-self garantit:
- (a) miżata ta' preparazzjoni ta' EUR 270 000;
- (b) miżata tat-Teżor Statali biex tingħata l-garanzija tas-self ta' EUR 583 300, imħallsa fit-30 ta' April 2004 (1 % ta' l-ammont totali tal-garanzija ta' EUR 58 330 000, indipendenti mid-daqs tas-self mogħti attwalment);
- (ċ) spejjeż sostnuti mill-bank għall-kuntratt ta' self u mġhoddija lill-AHW: EUR 55 947.

- (43) L-applikazzjoni għal self ta' l-2003 ta' l-HLW tindika wkoll li t-tnaqqis tas-self (fir-rigward ta' l-ammont approvat taħt l-IPB ta' l-2003) kien ibbażat fuq l-inizjattiva ta' l-HLW stess minħabba li kienet diġà nnegozjat is-self. Madankollu, l-HLW irriżervat id-dritt li tapplika għall-ghajjnuna li kien baqa' taħt il-limitu ta' PLN 75 miljun, imma qatt m'għamlet hekk.

3. L-implimentazzjoni ta' l-IPB ta' l-2003

- (44) Mhux kontestat li l-IPB ta' l-2003 kien implimentat parzjalment biss. Bejn l-2002 u l-2004 l-HLW nefqet biss PLN 58,7 miljun fuq ir-ristrutturar. PLN [approssimattivament 25 % ta' l-ammont ta' investiment totali muri f'Tabella 1] miljun biss intefaq mill-PLN [...] miljun għall-investiment fl-immodernizzar tal-magna ta' l-irrumblar bis-sħana previst għall-2002 sa l-2004. L-investimenti kienu jikkonċernaw biss l-immodernizzar tal-magna tas-sezzjonijiet medji, filwaqt li ma saru l-ebda investimenti fil-fran ta' tisħin mill-ġdid tal-magna tat-tqattiegħ ta' l-ingotti jew il-magna tas-sezzjonijiet tqal. Barraminnekk, inqas minn nofs miljun minn PLN [...] miljun ġie investit fl-impjant ta' l-azzar u PLN [...] miljun f'investimenti ġenerali oħra (għad-dettalji ara l-kolonni għall-2002, l-2003 u l-2004 fit-tabella 4 aktar 'l isfel).
- (45) Il-Kummissjoni ma ġietx ipprovduta bi kwalunkwe informazzjoni dwar jekk twestaqx ristrutturar finanzjarju. Madankollu, mill-IPB ta' l-2005 il-Kummissjoni tara li d-dejn ta' l-HLW fit-30.6.2005 kien kważi l-istess bħal dak ta' l-HLW fl-aħħar ta' l-2001 (ara punt 1.8 ta' l-IPB ta' l-2005). Barraminnekk, l-HLW kienet kapaċi tikseb riżultat operattiv pożittiv diġà fl-2004. Għalhekk, il-Kummissjoni tassumi li l-kumpanija kisbet ir-ristrutturar finanzjarju fuq perjodu qasir ipplanat tagħha.
- (46) Ir-rapporti tal-konsulent indipendenti responsabbli mill-monitoraġġ jikkonfermaw li l-HLW ma kinitx vijabbli fl-2004, fl-aħħar ta' l-2004 jew fl-aħħar ta' l-2005. Madankollu, l-AHW kienet vijabbli fl-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar (fl-aħħar ta' l-2006).
- (47) Mhux kontestat li l-vijabbiltà fl-aħħar ta' l-2006 huwa dovut għal numru ta' fatturi, li ġejjin, barra mill-immodernizzar parzjali tal-magna ta' l-irrumblar, fuq kollox mill-*boom* fis-settur ta' l-azzar, li kellu impatt pożittiv ħafna fuq id-dħul tal-kumpanija. Barraminnekk, bl-akkwist ta' l-HLW minn Arcelor, investitur b'saħħtu, il-problemi ta' likwidità ta' l-HLW kollha sparixxew. Madankollu, il-kumpanija ma kinitx kapaċi tissostanzja d-dikjarazzjoni ġenerali tagħha li l-użu attwali tal-garanzija għall-iskopijiet ta' ffinanzjar mill-ġdid kienet kawża tal-ksib ta' vijabbiltà tal-kumpanija.

4. Il-bidliet fl-IPB ta' l-2003

- (48) Fl-2005, id-dħul ta' sid ġdid irriżulta f'bidla konsiderevoli fl-istrategġja ta' l-investiment. Minflok immodernizzar tal-magni ta' l-irrumblar bis-sħana eżistenti, l-AHW issa tippjana li tibni magna ta' l-irrumblar ġdida b'kapaċità li tipproduċi prodotti twal għal applikazzjonijiet tal-kostruzzjoni. Apparentement il-magna se tuża b'cejjeċ kwadri ta' 160 mm CC bħala materja prima u l-firxa ta' produzzjoni tagħha se tkun virgi ta' rinforz ta' azzar bil-karbonju, virgi tondi u ċatti, sezzjonijiet ħfief u sezzjonijiet kwadri u trasversali. Il-Polonja tispjega li dan l-adattament huwa rispons għall-iżvilupp tas-suq tal-kostruzzjoni, li għalih huwa previst tkabbir sostanzjali għal bosta snin fiż-żona ta' Varsavja, li jista' jagħti lill-AHW vantaġġ ta' min ikun ħa l-ewwel inizjattiva minħabba l-lokalizzazzjoni tagħha f'Varsavja.
- (49) Il-magna l-ġdida se tkun operattiva b'mod sħiħ sa nofs l-2008 u se tissostitwixxi l-magni ta' l-irrumblar bis-sħana eżistenti, li fiha PLN [approssimattivament 25 % ta' l-ammont totali ta' l-investiment muri f'Tabella 1] miljun diġà ġie investit fl-immodernizzar. L-ispiża totali tal-programm ta' investiment hija mqassra fit-tabella li ġejja:

Tabella 4

L-ispejjeż għall-programm ta' investiment ġdid fl-IPB ta' l-2005

FPLN 000	2002 (*)	2003 (*)	2004 (*)	2005	2006	Total
Il-ħanut ta' l-azzar	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Il-magni ta' l-irrumblar bis-sħana	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[approssimattivament 120 % ta' l-ammont totali ta' investiment muri f'tabella 1]
Ġenerali	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Total	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[approssimattivament 140 % ta' l-ammont totali ta' investiment muri f'tabella 1]

(*) investimenti diġà implimentati taħt l-IPB ta' l-2003.

- (50) Għalhekk l-ispejjeż totali ta' investiment issa se jkunu ta' PLN [approssimattivament 140 % ta' l-ammont totali ta' investiment muri f'Tabella 1] miljun, li minnhom huwa pplanat li jiġu allokatu PLN [approssimattivament 120 % ta' l-ammont totali ta' investiment muri f'Tabella 1] għall-magna ta' l-irrumblar bis-sħana, b'hekk PLN [...] miljun aktar minn kemm kien immirat oriġinarjament għall-investiment. Madankollu, dawn l-ispejjeż jinkludu PLN [...] miljun għall-magna tas-sezzjonijiet medji diġà kompluta. Jekk dawn jitnaqqsu mill-PLN [...] miljun, l-ispiża tal-magna ta' l-irrumblar il-ġdida tammonta għal PLN [inqas minn 200] miljun.

5. L-iżvilupp tal-kapaċità

- (51) L-iżvilupp tal-kapaċità ta' l-AHW hija illustrata fit-tabella li ġejja:

Tabella 5

Il-kapaċità massima ta' produzzjoni kull sena feluf ta' tunnelli

Produzzjoni	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	Rimarki
Azzar likwidu	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[appross. 100 % tal-kapaċità totali tal-magna]	[idem]	L-ebda bidliet
Prodotti ċatti	20	20	20	20	0	0	0	Stipulati mill-Protokoll Nru 8
Vireg tal-wajer tal-magna ta' l-irrumblar	180	180	180	180	180	0	0	Stipulati mill-Protokoll Nru 8
Vireg tal-profilu sezzjonali ħfief tat-tip <i>merchant</i> tal-magna ta' l-irrumblar	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[appross. 40 %]	0	Strateġija ġdida (*)
Profili sezzjonali twal u tqal tal-magna ta' l-irrumblar	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[appross. 60 %]	0	Strateġija ġdida (*)
Profili kkastjati tal-magna ta' l-irrumblar	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]	0	Strateġija ġdida (*)
Strippi rrumblati minghajn sħana	30	0	0	0	0	0	0	Stipulati mill-Protokoll Nru 8
Il-magna ta' l-irrumblar il-ġdida	0	0	0	0	0	[...]	[Appross. 70 %]	Strateġija ġdida (mhux ipprovdata fil-Protokoll Nru 8)

(*) Il-Protokoll Nru 8 ma jipprovdiex għal dan it-tnaqqis tal-kapaċità

(52) Wara li l-magna ta' l-irrumblar il-ġdida tkun operattiva b'mod sħiħ fl-2008, il-magna ta' l-irrumblar il-qadima se tiżżarma. Fl-ebda punt qabel l-2007 il-produzzjoni totali tal-kumpanija ma qabżet il-kapaċità massima ta' [...] tunnelli. Għalhekk il-modifikazzjoni tal-programm ta' investiment se tirriżulta fi tnaqqis addizzjonali tal-kapaċità tal-kumpanija b'[...] tunnelli.

III. IR-RAĠUNIJET GĦALL-BIDU TAL-PROCĊEDURA

(53) Fl-ittra tagħha tas-6 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni indikat li l-pjan ta' ristrutturar ta' l-AHW ma kienx ġie implimentat u ddikjarat li hija kellha l-intenzjoni li tinvestiga jekk dan kienx jikkostitwixxi użu ħażin ta' l-ghajjnuna għar-ristrutturar mogħtija. B'mod partikolari l-Kummissjoni indikat li ammont kbir ta' l-ghajjnuna ma kinitx ġiet użata b'mod xieraq.

(54) Barraminnekk, il-Kummissjoni ddubitat jekk setgħetx taċċetta l-pjan tan-negozju aġġornat taħt punt 10 tal-Protokoll Nru 8, billi dan jikkonċerna investiment ġdid li jista' jkun utli imma mhux meħtieġ għar-ristrutturar tal-kumpanija.

IV. KUMMENTI MILL-POLONJA

(55) L-awtoritajiet Pollakki insistew li l-AHW użat il-garanzija Statali skond it-termini u l-kondizzjonijiet li taħthom kienet mogħtija u spjegaw illi

(a) l-ewwel nett, il-ħlas lura tat-tranżazzjoni ta' bejgħ u kiri lura kien relatat ma' l-investimenti, li kienu deskritti biss bħala miżura ġenerali ħafna, mingħajr l-ebda investiment ma jġu speċifikati fid-dettall.

(b) it-tieni nett kien parti mir-ristrutturar finanzjarju billi l-ammont ta' l-ispejjeż tar-ristrutturar kien ta' PLN 857 miljun, billi huma jqiesu t-telf u d-dejn ukoll bħala spejjeż tar-ristrutturar. Il-Polonja tindika li dawn jikkonsistu f'telf ta' PLN 150 miljun għas-snin 2002 u 2003, indikati fil-karta tal-bilanċ prevista (p. 79, l-IPB ta' l-2003). Barraminnekk il-kumpanija kellha wkoll dejn fuq perjodu twil u fuq perjodu qasir ta' PLN 513,4 miljun. L-ispejjeż addizzjonali ġejjin mir-ristrutturar ta' l-impjegji u ta' l-investimenti (PLN 190,5 miljun).

(ċ) it-tielet nett it-tranżazzjoni kienet parti mir-ristrutturar ta' l-assi li kien ipprovdut fil-pjan ta' ristrutturar. Il-kumpanija għalhekk iddeċidiet "li tissostitwixxi l-ftehim ta' kiri lura b'self finanzjarju li jqum inqas" sabiex tnaqqas "l-effetti negattivi tagħha fuq il-likwidità minn dejn finanzjarju eżistenti". Il-Polonja indikat li dan kien urġenti billi l-HLW kienet f'punt ta' eżawrimment tar-riżorsi finanzjarji tagħha".

(56) L-awtoritajiet Pollakki jiddikjaraw ukoll li t-tranżazzjoni ta' bejgħ u kiri lura kkontribwixxiet ukoll għal vijabbiltà tal-kumpanija imma ma jissostanzjawx dan.

(57) L-awtoritajiet Pollakki jikkonfermaw li ż-żmien ta' l-ghajjnuna kien kruċjali. Filfatt huma jiddikjaraw li "kien hemm bżonn għal ghajjnuna Statali biss fl-2003/2004" meta kien hemm essenzjalment nuqqas finanzjarju ⁽¹³⁾.

(58) L-awtoritajiet Pollakki jtennu li l-AHW ħallset lura l-ghajjnuna. Il-garanzija Statali kellha tkun biss supplementari għall-kollaterali l-oħra għas-self. Filfatt kollaterali f'forma ta' ipoteka fuq l-art u fuq l-assi fissi kollha nġhatat lill-bank, kif ukoll seba' kambjali. Barraminnekk, il-Polonja ssottomettiet dettalji dwar strumenti ta' ffinanzjar oħra varji li l-HLW kienet qiegħda tuża wkoll f'dak iż-żmien u konsegwentement targumenta li l-HLW setgħet tikseb il-finanzjament fis-suq mingħajr il-garanzija.

(59) L-awtoritajiet Pollakki jfakkru li Arcelor ma kinitx se tixtri l-kumpanija kieku ma kinitx ċerta li l-HLW kienet "intitolata għall-ghajjnuna Statali li kienet irċeviet għall-proċess ta' ristrutturar".

(60) L-awtoritajiet Pollakki jissottolinjaw li l-modifikazzjoni tal-pjan se tirriżulta fi programm ta' investiment usa' minn dak previst fil-pjan oriġinali u li l-investiment kollu kien kommess irrevokabbilment sa l-aħħar ta' l-2006 (jiġifieri sa l-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar). L-awtoritajiet Pollakki huma għalhekk ta' l-opinjoni li l-ghajjnuna m'għandhiex titqies li ntużat ħażin u l-modifikazzjoni proposta tal-pjan għandha titqies li hija kompatibbli mar-regoli tal-Komunità.

⁽¹³⁾ L-ittra ta' l-4 ta' Ġunju 2007, punt 20.

- (61) L-awtoritajiet Pollakki jindikaw li l-investment previst fl-IPB ta' l-2005, jiġifieri s-sostituzzjoni tal-magna medja, kien ilu li ġie diskuss sa mill-1997. Madankollu mill-1997 sa l-2003 il-kumpanija ma kellhiex biżżejjed likwidità biex tiffinanzja dan l-investment. Huwa biss meta Arcelor ħadet il-kumpanija li biżżejjed fondi kien disponibbli għall-finanzjament⁽¹⁴⁾. Barraminnekk il-Polonja targumenta li l-firxa tal-prodotti kienet definita b'mod wiesa' biss fl-IPB ta' l-2003 u dak li ġie definit ma kienx ottimali biex jissodisfa l-istruttura tad-domanda mibdula fis-suq Pollakk, li kienet teħtieġ adattament tal-firxa tal-prodotti.
- (62) L-awtoritajiet Pollakki jargumentaw li l-emendi fl-IPB ta' l-2005 m'għandhom l-ebda impatt negattiv fuq il-Protokoll Nru 8. Il-pjan il-ġdid huwa meħtieġ biex tinkiseb "vijabbiltà dejjiema". Il-vijabbiltà attwali fl-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar kien dovut biss għas-suq pożittiv u s-sitwazzjoni tal-prezz/dħul/spiża. F'dan is-sens huwa ddikjarat li t-teknoloġija l-ġdida ma kinitx se tiggarrantixxi li l-kumpanija tkun kompetittiva fuq perjodu twil, u kien meħtieġ li tiġi sostitwita bi proċess kontinwu ta' kkastjar ta' l-istat l-aktar avvanzat.
- (63) L-awtoritajiet Pollakki jissuġġerixxu li anke jekk l-għaj-nuna miksuba kienet meqjusa għaj-nuna operattiva addizzjonali, għandha titqies ibbilanċjata bil-miżuri ta' kumpens, jiġifieri t-tnaqqis addizzjonali tal-kapaċità tal-kumpanija wara li ġiet modifikata l-istrateġija. L-awtoritajiet Pollakki jikkonfermaw ukoll li l-HLW ma wettqitx l-investimenti tagħha kollha minħabba li r-ristrutturar ta' l-assi tagħha ġie mdewwem.
- (64) Il-Polonja infurmat ukoll lill-Kummissjoni bir-rata ta' l-interessi mitluba għas-self kif indikat aktar 'il fuq f'punt 41 u l-ispejjeż l-oħra mitluba fir-rigward tas-self u l-garanzija kif indikat f'punt 42.

V. KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI

- (65) Il-benefiċjarja ssottomettiet kummenti fuq il-bidu tal-proċedura u sussegwentement inżammet infurmata dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Pollakki.
- (66) L-AHW targumenta li parti kbira mill-għaj-nuna ntużat biex jergġhu jinxtraw xi assi mikrija sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż finanzjarji. Barraminnekk, billi l-investimenti

kienu jikkonċernaw il-proprjeta' mikrija, ix-xiri lura tagħha setgħet titqies bħala parti mir-ristrutturar.

- (67) Il-benefiċjarja targumenta wkoll li l-garanzija nġhatat qabel l-adeżjoni tal-Polonja fl-Unjoni Ewropea (ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri kienet adottata f'Diċembru 2003), u kien għalhekk il-gvern Pollakk li kellu jiddetermina l-iskop ta' l-għaj-nuna. Barraminnekk, il-kumpanija tindika li wżat l-għaj-nuna eżatt skond id-deċiżjoni li tat il-garanzija.
- (68) L-AHW tenniet li l-pjan il-ġdid għandu jservi l-oġġettiv tal-pjan l-antik u l-bidla ta' strateġija hija meħtieġa għall-vijabbiltà fuq perjodu twil tal-kumpanija.

VI. VALUTAZZJONI

1. Il-liġi applikabbli

- (69) Punt 1 tal-Protokoll Nru 8 jipprovdi li "minkejja l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, l-għaj-nuna Statali mogħ-tija mill-Polonja għal skopijiet ta' ristrutturar lil partijiet speċifikati ta' l-industrija ta' l-azzar Pollakka għandha titqies kompatibbli mas-suq komuni" jekk, *inter alia*, jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll.
- (70) Il-moratorju għall-għoti ta' għaj-nuna għar-ristrutturar lill-industrija ta' l-azzar Pollakka taħt il-Ftehim ta' l-Ewropa ġie estiż mill-Kunsill sa l-adeżjoni tal-Polonja fl-Unjoni Ewropea. Dan l-arranġament ġie rrikonoxxut fil-Protokoll Nru 8 bħala parti mill-adeżjoni tal-Polonja fl-Unjoni Ewropea. Sabiex jinkiseb dan l-oġġettiv, il-Protokoll ikopri perjodu ta' żmien li jestendi minn qabel u wara l-adeżjoni. B'mod aktar preċiż, jawtorizza ammont limitat ta' għaj-nuna għar-ristrutturar għas-snin mill-1997 sa l-2003 u jipprojbixxi kwalunkwe għaj-nuna Statali oħra lill-industrija ta' l-azzar Pollakka għal skopijiet ta' ristrutturar bejn l-1997 u l-2006. F'dan ir-rigward huwa differenti b'mod ċar minn dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat ta' Adeżjoni bħall-mekkaniżmu interim stabbilit fl-Anness IV (l-"proċedura ta' għaj-nuna eżistenti"), li jikkonċerna biss l-għaj-nuna Statali mogħ-tija qabel l-adeżjoni sakemm tkun "għadha tapplika wara" d-data ta' l-adeżjoni. Il-Protokoll Nru 8 jista' għalhekk jitqies bħala *lex specialis* li, għall-kwistjonijiet li jkopri, jissostitwixxi kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' l-Att ta' Adeżjoni⁽¹⁵⁾.
- (71) Konsegwentement, filwaqt li l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE normalment ma japplikawx għal għaj-nuna mogħ-tija qabel l-adeżjoni u li ma tkunx għadha tapplika wara l-adeżjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 8 jestendu l-monitoraġġ ta' l-għaj-nuna Statali taħt it-Trattat tal-KE għal kwalunkwe għaj-nuna mogħ-tija għar-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar Pollakka bejn l-1997 u l-2006.

⁽¹⁴⁾ L-awtoritajiet Pollakki jikkonfermaw li l-infiq kapitali meħtieġ għall-adattament relatat ma' kkastjar kontinwu u l-estensjoni tal-firxa tal-prodotti huwa oġġla, imma jargumentaw li huwa kumpensat minn żewġ fatturi: l-ewwel nett, it-trasferiment ta' investment għall-konstruzzjoni ta' magna ta' sostituzzjoni għandu jirriżulta f'iffrankar konsiderevoli mill-ispiża sa € 85 miljun u, it-tieni nett, għandu jkun hemm iffrankar ta' l-enerġija u tat-tħaddim aktar tard.

⁽¹⁵⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-5.7.2005 fil-każ C 20/04 Huta Czesochowa (ĠU L 366, 21.12.2006, p. 1).

(72) Id-deċizzjoni tista' tittieħed taħt l-Artikolu 88 (2) KE wara l-adeżjoni tal-Polonja minħabba li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Protokoll Nru 8, ir-regoli u l-prinċipji normali għandhom japplikaw. Konsegwentement ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 (aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Proċedurali")⁽¹⁶⁾ japplika wkoll.

2. Użu ħażin ta' l-ghajjnuna

(73) Punt 18 (a) tal-Protokoll Nru 8 jagħti lill-Kummissjoni l-poter li tieħu "passi xierqa li jeħtieġu kwalunkwe kumpanija kkonċernata li tirrimborża kwalunkwe għajjnuna mogħtija bi ksur tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll [...] jekk il-monitoraġġ tar-ristrutturar juri li ma jkunux ġew issodisfati l-impenni għall-arranġamenti tranżizzjonali f'dan il-Protokoll".

(74) Wara l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Polonja ma kinitx kapaċi twieġeb għad-dubji tagħha dwar użu ħażin ta' l-ghajjnuna għar-ristrutturar. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanija ma implimentatx b'mod xieraq il-pjan ta' ristrutturar tagħha kif stipulat b'mod espliċitu f'punt 9 (a) u (h) tal-Protokoll Nru 8. Il-Kummissjoni tosserva li, mir-riżorsi finanzjarji disponibbli (madwar EUR 34 miljun), parti insinifikanti biss intużat għall-investimenti ta' ffinanzjar skond l-IPB ta' l-2003, filwaqt li l-bqija, jiġifieri EUR 31,2 miljun, intużaw għal skopijiet mhux indikati fil-pjan.

(75) Biex tasal għall-konklużjoni tagħha, il-Kummissjoni l-ewwel iwwalutat x'tip ta' miżuri kienu pplanati fl-IBP oriġinali, imbagħad jekk il-miżuri li ġew segwiti mill-kumpanija kienux b'xi mod mhux kompatibbli mas-suq komuni, u imbagħad l-effett tan-nuqqas ta' kompatibbiltà ta' l-ghajjnuna wżata ħażin fl-isfond tal-pjan globali, qabel ma kkusidrat l-ammont ta' għajjnuna. Il-kwistjoni ta' jekk il-pjan il-ġdid jistax jibdel din il-konklużjoni hija diskussa fil-kapitolu li ġej (3).

(a) *L-ambitu tar-ristrutturar stabbilit fil-pjan ta' investment oriġinali*

(76) Il-Kummissjoni l-ewwel tikkjarifika l-ambitu ta' l-IPB ta' l-2003 u jekk il-ħlas tal-ftehim tal-bejgħ u kiri lura ta' l-assi produttivi, li għalih l-ghajjnuna għar-ristrutturar kienet użata prinċipalment, kienux kopert mill-IPB ta' l-2003.

(77) Kif iddikjarat aktar 'il fuq f'punt 34), il-kompitu prinċipali tal-pjan ta' ristrutturar kien li jiggarrantixxi l-eżekuzzjoni

ta' ċerti miżuri meħtieġa biex l-HLW jirrestawra l-vijabbiltà f'ħin f'waqtu. Dan kien jikkonċerna prinċipalment ristrutturar ta' l-investimenti u ristrutturar finanzjarju. L-enfasi tal-pjan kien fuq li l-kumpanija tkun kapaċi ttristruktura fl-2002 u l-2003.

(78) L-ewwel nett, taħt l-IPB ta' l-2003 l-HLW kellha tinvesti PLN [150-220] miljun. Madankollu, kemm il-benefiċjarja u l-awtoritajiet Pollakki jidheru li qed jiddeduċu li l-akkwist ta' l-assi produttivi jista' jitqies bħala parti mill-programm ta' investment. Il-Polonja targumenta li l-investimenti ġew deskritti bħala miżura ġenerali ħafna, mingħajr ma ġew speċifikati kwalunkwe mill-investimenti fid-dettall. Barraminnekk il-benefiċjarja targumenta li x-xiri kien meħtieġ għall-proċess ta' ristrutturar "billi l-impjant ma setgħax jiġi mħaddem matul ir-ristrutturar mingħajr dawn il-faċilitajiet".

(79) Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta dawn l-argumenti. Huwa evidenti li l-IPB ta' l-2003 identifika l-investimenti taħt punt 4.4. f'termini ta' spejjeż (tabella 21 ta' l-IPB ta' l-2003, murija f'tabella 1 f'punt 18) aktar 'il fuq, oġġett (tabella 22 ta' l-IPB ta' l-2003) u ħin (tabella 23 ta' l-IPB ta' l-2003). Ma kienx hemm lok għal kwalunkwe ħlas tal-ftehim ta' bejgħ u kiri lura tal-assi produttivi. Filfatt, dan it-tentattiv juri minflok li la l-awtoritajiet Pollakki u lanqas il-benefiċjarja ma raw kwalunkwe ġustifikazzjoni plawżibbli għall-ħlas tal-ftehim ta' bejgħ u kiri. Kieku dan kien jiġi inkluż fil-pjan.

(80) It-tieni nett, l-IPB ta' l-2003 jipprevedi ristrutturar finanzjarju limitat. Fis-sottomissjonijiet li għamlu aktar tard l-awtoritajiet Pollakki ddikjaraw li l-ammont tax-xiri lura ta' l-assi produttivi għandu jiġi inkluż fir-ristrutturar finanzjarju⁽¹⁷⁾. Huma jargumentaw li r-ristrutturar finanzjarju kien ikopri wkoll telf eżistenti ta' PLN 150 miljun u l-iskedar mill-ġdid tad-dejn ta' PLN 513 miljun u għalhekk jaslu għal total ta' spejjeż ta' ristrutturar ta' madwar PLN 858 miljun.

(81) Madankollu, l-Kummissjoni ma tistax taċċetta li t-telf eżistenti ta' PLN 150 miljun u l-iskedar mill-ġdid tad-dejn ta' PLN 513 miljun huma spejjeż ta' ristrutturar. Kif indikat f'punt 22), il-Kummissjoni ma tikkontestax li punt 4.7 ta' l-IPB ta' l-2003 isemmi li "l-kumpanija għandha l-intenzjoni li ttristruktura d-dejn ta' PLN 513 miljun". Madankollu, mhuwiex indikat li dan huwa neċessarjament parti mill-kompiti ta' ristrutturar. Filfatt, punt 3.2 elenka biss il-"ħlas lura ta' self fuq perjodu qasir u l-bejgħ ta' assi mhux meħtieġa mhux konnessi mal-produzzjoni" bħala kompitu ta' ristrutturar.

⁽¹⁶⁾ ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

⁽¹⁷⁾ L-ittra ta' l-4 ta' Ġunju 2007, punt 24.

- (82) Barraminhekk, huwa wkoll mhux normali li jitqiesu t-tipi kollha ta' telf sempliċement bħala spejjeż tar-ristrutturar kif tiddikjara l-Polonja. Dejn fil-karta tal-bilanċ mhuwiex neċċessarjament ekwivalenti għal spejjeż tar-ristrutturar, billi d-dejn bħala tali jiffirma parti mill-operazzjonijiet normali tan-negozju. Huwa veru li dejn eċċessiv jista' jirriżulta f'diffikultajiet imma mbagħad ir-ristrutturar irid jidentifika miżuri speċifiċi bħal injezzjonijiet ta' kapital jew self jew ftehim ta' skedar mill-ġdid biex jittratta d-dejn. Il-pjan ma jinkludix kwalunkwe waħda minn dawn il-miżuri għar-ristrutturar finanzjarju (punt 4.7, il-ħames paragrafu).
- (83) Filfatt, l-IPB ta' l-2003 jindika f'punt 4.7 li PLN 363 miljun biss kienu meħtieġa biex jiġi ffinanzjat ir-ristrutturar. Dan huwa inqas mid-dejn totali eżistenti ta' PLN 513 miljun. Barraminhekk, il-PLN 60 miljun imsemmija f'punt 4.7 jidhru li jirrelataw ma' kapital għall-operat futur. Għalhekk, PLN 300 miljun l-aktar kellu jmur għar-ristrutturar (ara aktar 'il fuq punt 30)).
- (84) Madankollu, l-użu ta' PLN 300 miljun huwa kkjarifikat f'punt 4.12.1 ta' l-IPB ta' l-2003 li jikkonċerna l-ispejjeż u s-sorsi tal-programm. Dan il-punt jispjega li kopertura finanzjarja totali ta' PLN 219 miljun kienet meħtieġa għall-2002-2003. Billi din kellha wkoll tkopri l-investimenti, kif indikat aktar 'il fuq f'punt 26), il-fondi li jibqgħu għar-ristrutturar finanzjarju kienu biss ta' PLN [...] miljun.
- (85) Il-PLN 81,5 miljun lanqas kienu jkopru l-ammont biex jitħallas il-ftehim ta' bejgħ u kiri lura. Punt 3.2. indika b'mod ċar li r-ristrutturar finanzjarju kien se jikkonċerna biss id-dejn fuq perjodu qasir. Għalhekk, ir-ristrutturar finanzjarju inkluż fil-pjan kien limitat għal PLN 81,5 miljun, li ma kienx, madankollu, jikkonċerna l-ħlas tal-ftehim ta' bejgħ u kiri lura, li, billi kellu jitħallas lura matul is-snin sa l-2010, kien b'mod ċar dejn fuq perjodu twil. Għalhekk il-ħlas tal-ftehim ta' bejgħ u kiri lura jista' wkoll ma jitqiesx bħala parti mir-ristrutturar finanzjarju li għandu jiġi supplimentat bl-ghajjnuna.
- (86) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Pollakki jidhru li jaċċettaw li l-ħlas tat-tranżazzjonijiet ta' bejgħ u kiri lura ma kienx parti mir-ristrutturar ta' l-assi, billi ma jargumentawx li dan huwa l-każ. Madankollu, huma indirettament jirreferu għar-ristrutturar ta' l-assi meta jsemmu passaggj mill-parti dwar ir-ristrutturar ta' l-assi: "il-bejgħ t'hawn fuq se jippermetti lil Huta L. W. li tħallas lura parti mis-self tagħha u żżomm il-likwidità finanzjarja" (punt 64 ta' l-ittra ta' l-4 ta' Ġunju).
- (87) Madankollu, l-awtoritajiet Pollakki jonqsu milli jaċċettaw li m'huwa ddikjarat imkien li d-dejn kollu mill-bejgħ u kiri lura għandu jiġi skedat mill-ġdid, filwaqt li l-pjan jindika f'bosta punti li l-iskedar mill-ġdid jikkonċerna biss l-assi mhux produttivi. Dan huwa mtenni darbtejn fl-istess kapitolu li minnu l-kwotazzjonijiet t'hawn fuq ta' l-awtoritajiet Pollakki ttieħdet. Filfatt, huwa stabbilit b'mod ċar hemmhekk li ċertu dejn taħt il-ftehim ta' bejgħ u kiri lura, jiġifieri dak li jikkonċerna assi mhux produttivi (ara punt 4.12.1 ta' l-IPB ta' l-2003), għandu jkun suġġett għar-ristrutturar ta' l-assi. Dan jikkonċerna l-hekk imsejja proġetti tal-100-ettaru u 88-ettari. L-iskop ta' dan ir-ristrutturar ta' l-assi kien li jiġu lliberati l-flus sabiex isiru l-investimenti. Dan kien inaqqas simultanjament l-ispiża finanzjarja tad-dejn. Madankollu, ma tingħata l-ebda indikazzjonijiet li l-ftehim ta' bejgħ u kiri lura kollu għandu jitħallas qabel ma kien skedat sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż finanzjarji. Minflok ir-ristrutturar ta' l-assi jimmira biss li "jnaqqas" l-ispejjeż finanzjarji, mhux li jeliminahom.
- (88) Fl-aħħar nett, bir-restrizzjonijiet finanzjarji ta' l-HLW, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni għaliex l-HLW kellha timmira li tixtri l-assi produttivi tagħha meta l-ħlas lura kien dovut għal aktar tard. Filfatt, ma kien indikat bl-ebda mod li l-kuntratt ta' kera kien se jkun ostaklu għar-ristrutturar. B'mod partikolari, punt 4.12 ta' l-IPB ta' l-2003 ma jsostniex dan, billi jindika biss li bil-bejgħ ta' xi assi, li kienu identifikati preċedement bħala daww mhux produttivi, l-HLW kienet se tkun kapaċi tnaqqas l-ispejjeż tal-kuntratt tal-kera. Dan huwa loġiku, billi kellhom jinbiegħu l-assi sabiex jitħallas lura (parzjalment) is-self u għalhekk jitnaqqsu l-interessi li l-HLW jkollha tħallas fuq is-self. Madankollu, dan ma jirrelata bl-ebda mod max-xiri lura ta' l-assi produttivi, li ma setgħax jiġġenera kwalunkwe flus billi dawn l-assi kienu se jinżammu mill-kumpanija.
- (89) Ix-xiri lura ta' l-assi produttivi ma kienx għalhekk ipprovdut fl-IPB ta' l-2003. Għalhekk, l-HLW użat l-ghajjnuna għal skop li ma kienx kopert mill-pjan ta' ristrutturatur li kien il-bażi għall-awtorizzazzjonijiet ta' l-ghajjnuna. Dan ifisser li l-ghajjnuna kienet użata bi ksur ta' l-NRP u d-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjonijiet, jiġifieri l-Protokoll Nru 8. Taħt l-Artikolu 1(g) tar-Regolament Proċedurali, dan jista' jitqies użu ħażin, billi dan huwa definit bħala użu ta' l-ghajjnuna bi ksur tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjonijiet ta' l-ghajjnuna Statali⁽¹⁸⁾.
- (b) *In-nuqqas ta' kompatibbiltà ta' l-ghajjnuna użata ħażin*
- (90) Wara li ġie stabbilit li l-ghajjnuna Statali miksuba ma kinitx użata skond il-pjan, jeħtieġ li jiġi ddimostrat li din l-ghajjnuna użata ħażin hija wkoll mhux kompatibbli mas-suq komuni.

⁽¹⁸⁾ L-użu ħażin, madankollu, ma jikkontestax jekk benefiċjarja kinitx oriġinarjament intitolata li tirċievi l-ghajjnuna, imma jikkonkludi biss li l-ghajjnuna kienet użata bi ksur tad-deċiżjonijiet li tatha.

- (91) F'termini formali, dan jista' diġà jiġi konkluż mill-fatt li, l-ewwel nett, il-kumpanija ma wżatx l-ghajjnuna skond il-pjan, li, taħt il-Protokoll Nru 8, hija obbligata li timplimenta b'mod xieraq u, it-tieni nett, li kwalunkwe ghajjnuna Statali oħra barra l-IBP, l-NRP u l-Protokoll Nru 8 hija mhux kompatibbli mas-suq komuni taħt punt 18 tal-Protokoll Nru 8.
- (92) Barraminnekk, il-Kummissjoni tinnotta li ma kinitx se tkun kapaċi li tqies l-użu attwali kompatibbli mas-suq komuni, minkejja l-fatt li l-AHW irrestawrat il-vijabbiltà tagħha. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tixtieq tikkjarifika li, għalkemm il-benefiċjarja tiddubita li l-vijabbiltà attwali tal-benefiċjarja hija biżżejjed, għandu jitqies li l-fehim tagħha ta' vijabbiltà huwa differenti mill-mod li l-vijabbiltà kienet predefinita fl-Anness 3 tal-Protokoll Nru 8. Dan il-fehim kif miftihem taħt il-Protokoll Nru 8, kien immonitorjat miż-żewġ partijiet kontraenti u ma jistax jiġi mibdul b'mod retroattiv minn benefiċjarja.
- (93) Madankollu, il-Kummissjoni tenni l-ewwel nett li l-kompatibbiltà ma ssegwiex sempliċement mill-fatt li l-HLW irrestawrat il-vijabbiltà fl-2006. Filfatt, ir-restawrazzjoni tal-vijabbiltà mhijiex biżżejjed waħedha biex tirrendi proġett ta' ristrutturar kompatibbli mas-suq komuni. Barraminnekk, għandu jiġi żgurat li r-restawrazzjoni tal-vijabbiltà tinkiseb bl-ammont minimu ta' ghajjnuna Statali meħtieġ għar-ristrutturar u li l-miżuri ta' kumpens jiġu implimentati. Il-Kummissjoni tfakkar li dawn il-kondizzjonijiet huma ddikjarati fl-Artikolu 8(4) tal-Ftehim ta' l-Ewropa, li għalih issir referenza f'punt 1 tal-Protokoll Nru 8. B'mod partikolari l-kunċett li l-ghajjnuna Statali tkun il-minimu meħtieġ jimplika li l-ghajjnuna m'għandhiex tintuża biex tiffinanzja investiment jew miżura li mhijiex essenzjali għar-ristrutturar ⁽¹⁹⁾.
- (94) It-tieni nett, il-Kummissjoni tfakkar li l-pjan, jiġifieri l-kompiti ta' ristrutturar u l-miżuri biex jiġu ffinanzjati, għandhom, minn perspettiva *ex ante*, jiżguraw li l-vijabbiltà tinkiseb. Filfatt, l-IPB ta' l-2003 poġġa enfasi speċjali fuq l-investimenti u fuq li jinġiebu 'l quddiem l-investimenti fl-użu tiegħu ta' l-ghajjnuna Statali. Il-pjan jindika li l-investimenti kellhom jinġiebu 'l quddiem għall-2003 grazzi għas-self temporanju. Barraminnekk, huwa indikat li r-ristrutturar ta' l-assi kien mistenni li jseħħ
- fl-2004 u l-2005, li kien ovvjament tard wisq għall-implimentazzjoni tal-programm ta' investiment. Għalhekk is-self kien ipprovdut biex jimtela n-nuqqas finanzjarju. Filfatt, l-introduzzjoni tal-pjan itteni li "l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturar skond l-iskeda adottata u l-kontinwazzjoni ta' l-intrapriża se jeħtieġ u self temporanju meħtieġ". B'konklużjoni, is-self temporanju kien meqjus bħala meħtieġ sabiex jinġiebu l-investimenti 'l quddiem skond skeda speċifika.
- (95) Il-fatt li l-HLW m'għażlitx li tħallas il-ftehim ta' bejgħ u kiri ta' l-assi produttivi u li ma tagħmilx l-investimenti filħin għalhekk jindika li, minn perspettiva *ex ante*, l-azzjoni ta' l-HLW ipperikolat il-possibiltajiet tagħha li tirrestawra l-vijabbiltà. Filfatt, l-awtoritajiet Pollakki ma kkomunikaw l-ebda raġuni għaliex f'Awissu 2003, meta l-HLW applikat għall-garanzija, is-sitwazzjoni kellha tinbidel, billi kienu għaddew biss ħames xhur wara l-aħħar aġġornament tal-pjan f'Marzu 2003. Dan it-tip ta' użu ta' l-ghajjnuna kien għalhekk mhux implimentazzjoni tal-pjan imma minflok, meta jitqies il-fatt li l-investimenti kienu marbuta għal skeda ta' żmien, ostakolar ta' l-implimentazzjoni xierqa tal-pjan. Għalhekk, mill-perspettiva *ex ante*, il-kumpanija pperikolat b'mod ċar il-vijabbiltà, minkejja l-fatt li aktar tard irrestawratha.
- (96) Huwa veru li r-riżorsi finanzjarji huma funġibbli, u l-fatt li l-ghajjnuna Statali ma ntużatx skond il-pjan jista' jimplika li l-pjan ta' ristrutturar seta' jiġi ffinanzjat b'mezzi oħra, li kienu pplanati oriġinarjament li jintużaw għal skopijiet oħra, li għalihom qiegħda bhaliisa tintuża l-ghajjnuna. Madankollu, din it-tip ta' argumentazzjoni mhijiex aċċettabbli fil-każ ta' proġett ta' ristrutturar, fejn il-mezzi finanzjarji tal-kumpanija għandhom jintużaw għall-orjentazzjoni mill-ġdid tal-kumpanija u, minħabba d-diffikultajiet tal-kumpanija, l-ebda fondi żejda m'għandhom ikunu disponibbli għal proġetti barra mill-pjan. Għalhekk, l-użu tal-fondi mis-self garantit mill-Istat biex jitħallas is-self għall-assi produttivi huwa fattur kawżali fit-tnaqqis ta' l-attivajiet ta' ristrutturar xi mkien ieħor, b'mod partikolari l-implimentazzjoni filħin ta' l-investimenti t'hawn fuq.
- (97) Barraminnekk, il-Kummissjoni ma tarax ir-rilevanza ta' l-argument imressaq 'l quddiem mill-awtoritajiet Pollakki u l-benefiċjarja b'effett li fl-2003 il-kumpanija kienet f'diffikultajiet finanzjarji tali li ma kinitx kapaċi tagħmel kwalunkwe investiment. Dan huwa minħabba li l-Kummissjoni tonqos milli tara għaliex kumpanija f'dik it-tip ta' sitwazzjoni tagħżel il-ħlas lura ta' dejn fuq perjodu twil minflok miżuri oħra li kienu identifikati bħala meħtieġ biex tiġi rrestawrata l-vijabbiltà.

⁽¹⁹⁾ Dan il-prinċipju komuni diġà ġie mtenni. Huwa stabbilit f'punt 45 tal-linji gwida tas-salvataġġ u ristrutturar u kkonfermat fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni fil-Każ C31/2001 *Schmitz-Gotha*, ĠU L 77, 24.3.2003, p. 41, fejn il-Kummissjoni rrifjutat l-akkwist ta' subkunttrattur, li kien meqjus bħala utli, imma mhux strettament meħtieġ għar-ristrutturar. Dan kien ikkonfermat fil-Każ T-17/03 *Schmitz-Gotha* [2006] ECR II-1139.

- (98) Fl-aħħar nett, huwa wkoll mhux rilevanti li l-kumpanija qiegħda issa toffri li tirkupra l-investimenti li rrinunzjat għalihom fl-2004, minħabba li l-implimentazzjoni kienet marbuta ma' skeda ta' żmien partikolari, li kienet meqjusa l-uniku mod biex tiġi rrestawrata l-vijabbiltà sa l-aħħar ta' l-2006. Dan il-ksur huwa definit u wkoll ma jstax jiġi mibdul b'bidla fl-IBP. Dan huwa hekk minkejja l-fatt li l-IPB ta' l-2005 jipprovdni għal investimenti addizzjonali, billi dawn ma jstgħux isewwu l-użu ħażin.
- (99) It-tielet nett, anke jekk l-HLW assumiet f'Awissu 2003 li l-investimenti ma kienux għadhom meħtieġa biex tiġi rrestawrata l-vijabbiltà, dan jimplika li l-HLW kienet indikat spejjeż tar-ristrutturar eċċessivament għolja fl-IPB ta' l-2003 u li l-ġhajjnuna li ġiet irċevuta ma kinitx meħtieġa għar-ristrutturar. Madankollu, il-Kummissjoni taħseb li huwa improbabbli li l-kumpanija bidlet ħsiebha biss 5 xhur wara li l-IPB ta' l-2003 kien ġie konkluż (f'Marzu 2003) meta, f'Awissu 2003, hija applikat għall-garanzija u indikat li l-parti prinċipali kienet tridha biex tħallas is-self fuq l-assi produttivi. Sabiex tissostanzja din it-tip ta' sejba, il-kumpanija kellha mbagħad fi kwalunkwe każ tindika dan il-fatt lill-Kummissjoni fil-ħin dovut, li m'għamlithiex.
- (100) Madankollu, anke jekk l-investimenti ma kinux meħtieġa, li jiġu diretti mill-ġdid il-fondi biex jitħallas il-bejgħ u kiri lura ta' l-assi produttivi ma jidhirx li kien ġustifikabbli bħala spejjeż tar-ristrutturar. Filfatt, l-iffinanzjar biex jitħallas il-ftehim ta' bejgħ u kiri lura ta' l-assi produttivi kien irranġat, u seta' tħallas wara l-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar. Jista' jkun veru li rriżulta f'pizizzjiet finanzjarji, imma dawn kienu apparentement meqjusa fil-projezzjonijiet finanzjarji ta' l-IPB ta' l-2003. Billi l-assi ma setgħux jinbiegħu, l-uniku effett tal-ħlas lura kien għalhekk tnaqqis ta' l-ispejjeż finanzjarji, li kien jagħti lill-HLW likwidità addizzjonali. Dan ifisser li l-HLW kisbet flus addizzjonali, li jstgħu jitqiesu għajjnuna operattiva, li setgħet tirriżulta wkoll f'miżuri li jinvolvu tgħawwiġ eċċessiv tas-suq. Għalhekk il-Kummissjoni ma tarax kif dawn it-tip ta' miżuri setgħu jiġu awtorizzati kieku ġew notifikati lill-Kummissjoni. Għalhekk ukoll, jekk l-investimenti ma kinux realment meħtieġa, l-użu attwali ta' l-ġhajjnuna jitqies ukoll mhux kompatibbli mas-suq komuni.
- (101) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma tikkontestax l-argument tal-benefiċjarja li l-garanzija ntużat skond id-deċizzjoni tal-gvern u li l-gvern kien kompetenti li jiddetermina l-iskop ta' l-ġhajjnuna. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li dan huwa mingħajr effett fuq il-kompatibbiltà tal-garanzija, li għandha tiġi ddeterminata skond il-Protokoll Nru 8 u l-IPB ta' l-2003, li ma jinkludux għajjnuna għall-iskop appovat mill-gvern fid-deċizzjoni ta' l-għotja.
- (102) Fl-isfond ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi li l-ġhajjnuna ntużat b'mod mhux kompatibbli mal-punti 9 u 18 tal-Protokoll Nru 8. Hija għalhekk mhux kompatibbli mas-suq komuni.
- (ċ) *L-effett tan-nuqqas ta' kompatibbiltà ta' l-ġhajjnuna użata ħażin fuq il-pjan ta' ristrutturar kollu*
- (103) Fl-aħħar nett, l-effett tan-nuqqas ta' kompatibbiltà ta' l-użu ħażin għandu jiġi ddeterminat.
- (104) Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tixtieq li l-ewwel tinnota li l-investigazzjoni preżenti ma sabitx li xi spejjeż ta' ristrutturar kienu saru inutili, imma li partijiet tal-fondi ta' l-Istat kienu ġew użati ħażin. Jista' jkun veru li xi investimenti setgħu jiġu kkanċellati – idealment wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Dan ifisser li l-ispejjeż ta' ristrutturar attwali kienu aktar baxxi u l-proporzjon rilevanti ta' l-ġhajjnuna kellu jiġi rkuprat; approċċ li l-Kummissjoni aċċettat f'każijiet ta' ristrutturar ta' l-azzar preċedenti⁽²⁰⁾. Madankollu, fil-każ preżenti mhux biss xi spejjeż ta' ristrutturar saru inutili imma, kif diskuss aktar 'il fuq imma, il-problema hija li l-finanzjament kollu ta' parti mir-ristrutturar (jiġifieri l-EUR 31,2 miljun) tilef l-oġġett tiegħu, billi mill-perspettiva *ex ante* s-self temporanju kien użat kważi kollu b'mod li ma kienx konformi ma' l-IBP u pperikola r-restawrazzjoni tal-vijabbiltà jew, mill-perspettiva taż-żmien meta l-bidla ġrat, ipprovdna lill-kumpanija bi flus żejda, li jridu jintraddu lura. Barraminnekk, dan it-tip ta' użu ħażin ma jstax jiġi rranġat b'mod retroattiv, mill-kumpanija li timplimenta l-investment aktar tard, billi l-fondi ngħataw sabiex jippermettu l-finanzjament ta' investimenti u ristrutturar finanzjarju f'punt partikolari ta' żmien. Dan l-inċentiv għall-ġhajjnuna kien diġà skadut fl-2005. Filfatt, kieku r-ristrutturar kien irranġat aktar tard, l-ebda għajjnuna, b'mod partikolari lanqas is-self temporanju garantit mill-Istat, ma kienet tkun meħtieġa. Għalhekk l-użu ħażin jikkonċerna l-fondi kollha pprovduti taħt is-self temporanju li kienu wżati għall-bejgħ u kiri lura ta' l-assi produttivi.
- (105) Il-Kummissjoni hija wkoll konxja li eċċess ta' riżorsi fl-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar hija normali u li kumpanija m'għandhiex tiġi kkastigata talli tikseb riżultati aħjar minn dawk mistennija *ex ante*. Madankollu, dan għandu jwassal għal riżultati aħjar tan-negożju, li jippermettu lill-kumpanija f'ti aktar marġni biex tantiċipa l-ħlas lura tad-dejn, per eżempju. Dan ma jfissirx li l-kumpanija tista' tagħti direzzjoni mill-ġdid kważi lill-ġhajjnuna kollha għal skopijiet mhux indikati fil-pjan tan-negożju.

⁽²⁰⁾ Id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni tat-13.9.2006 fil-każ N 350a/2006 MSO, (ĠU C 280, 18.11.2006, p. 4, punt 48).

- (106) It-tieni nett, għandu jiġi mfakkar li l-kumpanija rċeviet ukoll bosta miżuri ta' għajjnuna Statali oħra, bħar-rinunzja ta' dejn u parti mis-self garantit użat biex jiġu ffinanzjati l-investimenti. Dawn il-miżuri ġew implimentati skond il-pjan u għenu biex tinkiseb il-vijabbiltà għall-kumpanija.
- (107) Madankollu, jista' jiġi assunt li r-ristrutturar kollu għandu jitqies li falla, minħabba li l-pjan kien implimentat parzjalment biss u, minn perspettiva *ex ante*, implimentazzjoni sħiħa biss tal-pjan ta' ristrutturar kienet tiżgura li l-vijabbiltà tiġi rrestawrata. Madankollu, f'dan il-kuntest jista' jkun rilevanti li l-kumpanija rrestawrat il-vijabbiltà⁽²¹⁾. Dan huwa l-każ mill-inqas sakemm il-kumpanija ma kisbitx kwalunkwe eċċess ta' għajjnuna li ma kienx meħtieġ biex tiġi rrestawrata l-vijabbiltà. Fi kliem ieħor jekk dan il-vantaġġ jiġi rkuprat jerġa jirrestawra s-sitwazzjoni *ex ante*, jiġifieri tagħmel tajjeb talli ġiet irċevuta għajjnuna eċċessiva. F'dan il-każ il-miżuri li jibqa', li ġew implimentati skond il-pjan, jistgħu filfatt ikunu kkontribwew għar-restawrazzjoni tal-vijabbiltà. Huma jistgħu għalhekk, sakemm l-għajjnuna eċċessiva rċevuta tiġi rkuprata, jitqiesu kompatibbli.
- (108) Għalhekk, billi l-miżuri li jibqa' żguraw li tiġi rrestawrata l-vijabbiltà bl-għajjnuna minima meħtieġa, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-ammont li nġhata direzzjoni mill-ġdid tas-self garantit biss, u mhux l-ammont kollu ta' l-għajjnuna għar-ristrutturar, kien użat ħażin, u li l-miżuri l-oħra taħt l-IPB ta' l-2003 jibqgħu kompatibbli.
- (d) *L-element ta' għajjnuna tal-parti wżata ħażin tas-self garantit*
- (109) Fl-aħħar nett, l-element ta' għajjnuna tas-self garantit mill-Istat ta' EUR 31 245 684 irid jiġi ddeterminat. Bi prinċipju l-intensità ta' l-għajjnuna ta' garanzija tista' tkun sa 100 %⁽²²⁾.
- (110) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi madankollu li l-garanzija bħala forma ta' għajjnuna kellha f'dan il-każ effett ta'
- tgħawwiġ limitat billi s-self li għalih l-HLW kisbet il-garanzija kien imħallas lura wara sena minn Arcelor. Għalhekk, il-Kummissjoni tqies li sabiex jiġi rkuprat il-vantaġġ kollu rċevut mill-kumpanija huwa meħtieġ li jiġi rkuprat biss is-sussidju fuq l-interessi mogħti mill-garanzija għall-perjodu meta l-flus imsellfa kien għad-dispożizzjoni tal-kumpanija. Barraminnekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kumpanija xorta kelli xi possibiltajiet li tikseb finanzjament u kienet kapaċi tipprovdi sigurtà deċenti. Dan huwa kkonfermat fil-kuntratt ta' garanzija, li kien jeħtieġ sigurtà.
- (111) Skond il-prattika kostanti tal-Kummissjoni, is-sussidju ta' l-interessi jkun ekwivalenti għad-differenza bejn l-interessi li kien ikollhom jitħallsu skond it-termini tas-suq u l-interessi mħallsa attwalment mill-kumpanija. L-interessi tas-suq f'dan il-każ ikunu kkalkulati fuq il-bażi tar-rata ta' referenza fil-ħin meta l-flus kien disponibbli (f'Awissu 2004) flimkien ma' 400 punt bażi, billi l-HLW ma kinitx vijabbli fl-2004 (ara aktar 'il fuq punt 46)), imma kienet kumpanija f'diffikultà⁽²³⁾. Il-prattika tal-Kummissjoni stabbilita ma tippermettix li tinżel taħt l-400 punt bażi⁽²⁴⁾. Madankollu ma hija meħtieġa l-ebda żieda oħra billi l-kumpanija pprovdiet garanzija u s-settur ta' l-azzar kien sejjer tajjeb fl-2004.
- (112) Billi s-self ma kienx ipprovdut f'PLN imma f'Euro, il-Kummissjoni qiegħda tapplika r-rata ta' referenza għaż-Żona Euro, jiġifieri 4.43 %. F'dan il-kuntest għandu jiġi mfakkar li l-benefiċċju miksub attwalment għandu jiġi valutat billi jiġu kkomparati l-kondizzjonijiet miksuba mill-kumpanija u l-kondizzjonijiet li kienu jinkisbu taħt kondizzjonijiet tas-suq (mingħajr il-garanzija ta' l-Istat). Hija Prattika normali tas-suq li jiġu ddeterminati l-interessi tal-kreditu fuq il-bażi tar-rata ta' referenza (normalment ir-rata ta' referenza interbankarja rilevanti) għall-munita tas-somma prinċipali, minħabba li ċ-ċaqliq tal-valur tal-flus huwa relatat ma' l-ekonomija li fiha munita partikolari tintuża. Għalhekk, fil-każ ta' self denominat bl-Euro r-rata ta' referenza applikata minn kreditur ta' l-ekonomija tas-suq għandha wkoll tkun dik użata għal kreditu denominat bl-Euro, minkejja li s-self kien ingħata fil-Polonja.
- ⁽²¹⁾ Il-Kummissjoni tiddetermina li kumpanija tkun f'diffikultà skond il-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Għajjnuna Statali għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-kumpaniji f'diffikultà, ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2. Barraminnekk kumpanija hija wkoll meqjusa li tkun f'diffikultà meta tkun fil-perjodu ta' ristrutturar tagħha u qiegħdha ssegwi pjan ta' ristrutturar, li huwa l-każ hawnhekk. Għall-400 punti bażi cf. id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2.3.2005 fil-każ C 43/2001, *Chemische Werke Piesteritz*, ĠU L 296, 12.11.2005, p. 19, punti 107-108; u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-24.1.2007 fil-każ C 38/2005, *Biria*, ĠU L 183, 13.7.2007, p. 27, punti 83 *et seq.*
- ⁽²²⁾ In-Notifika tal-Kummissjoni dwar il-metodu ta' l-iffissar tar-rati ta' referenza u ta' tnaqqis, ĠU C 273, 09.09.1997, p. 3. Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12.9.2007 biex tiftaħ proċeduri fil-każ NN 45/2007 (C 38/2007), *Arbel Fauvet Rail*, ĠU C 249, 24.10.2007, p. 17, punt 15.
- ⁽²³⁾ In-Notifika tal-Kummissjoni dwar il-metodu ta' l-iffissar tar-rati ta' referenza u ta' tnaqqis, ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3.

(113) Għalhekk, l-interessi kellhom ikunu ta' 8.43 % p.a., jiġifieri kellu jammonta għal EUR 2 807 206. Dan jeħtieġ li jiġi kkomparat ma' l-ispejjeż li l-kumpanija kellha attwalment. Dawn jikkonsistu fl-interessi ta' EUR 1 061 050 flimkien ma' xi *premiums* għall-garanzija (kif indikat f'punt 42) (a) u (b)), li, skond il-prattika tal-Kummissjoni, iridu jitqiesu meta jiġi kkalkulat l-ammont ta' l-għajjnuna ta' garanzija ⁽²⁵⁾.

(114) L-ispiża tal-garanzija għandha titqassam fuq l-ammont totali tal-garanzija u relatata ma' l-għajjnuna wżata ħażin flimkien ma' l-interessi koperti mill-garanzija. Dan huwa minħabba li l-użu limitat tal-parti garantita tas-self għal investimenti kienet deċiżjoni tan-negozju li ma kinitx għadha ttieħdet meta s-self garantit kien irranġat bħala self ta' € 46 miljun flimkien ma' l-interessi għal ħames snin. B'mod ieħor is-self garantit kien se jiġi rranġat b'mod differenti. Għalhekk diviżjoni pro rata għandha ssir billi jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-miżata relatata ma' l-ammont attwali garantit u wżat ħażin. Barraminnekk, għall-istess raġunijiet il-miżata għandha tiġi kkalkulata pro rata għaż-żmien użat attwalment firrigward tal-garanzija għall-perjodu totali ta' ħames snin, billi l-garanzija kienet teoretikament ammortizzata f'dak il-perjodu. Jekk tkun itterminata qabel, din hija reviżjoni ta' deċiżjoni tan-negozju li hija indipendenti mill-arranġament preċedenti.

(115) Dan ifisser li l-Kummissjoni taċċetta tnaqqis ta' l-ispejjeż għall-miżata tat-Teżor ta' l-Istat u l-miżata ta' preparazzjoni kif indikat aktar 'il fuq f'punt 42), imma fuq il-bażi ta' kalkolazzjoni pro rata, ibbażata fuq a) il-proporzjon ta' l-ammont garantit attwalment (32.3 (=31.24 + 1.06 (s-somma prinċipali flimkien ma' l-interessi mħallsa attwalment)) għall-ammont totali tal-garanzija (EUR 58 330 000)) u b) il-proporzjon ta' l-użu attwali għall-użu intenzjonat għal 5 snin (jiġifieri 388 ġranet minn 1 826 ġurnata potenzjali).

(116) Madankollu, fir-rigward ta' miżati għas-self indikati aktar 'il fuq f'punt 42) (c), il-Kummissjoni ma tqisx dawn bħala spejjeż li jistgħu jitnaqqsu mill-vantaġġ, billi kwalunkwe self fuq termini tas-suq irid jinvolvi wkoll spejjeż simili, li setgħu possibbilment ikunu anke ogħla.

(117) Dan iwassal għall-kalkolazzjoni li ġejja, meqjusa l-interessi komposti fuq il-benefiċċju mill-24 t'Awissu 2004 sal-ħlas lura, b'rata ta' l-irkupru ta' 7.62 % p.a.:

(EUR)	
L-ammont totali ffinanzjat	31 245 684,00
L-interessi xierqa meħtieġa mill-24.8.2004 sas-16.9.2005	2 807 206
L-interessi mħallsa attwalment mill-HLW fuq is-self garantit	1 061 050
Il-miżata ta' preparazzjoni għall-garanzija, pro rata fuq il-garanzija totali u l-perjodu tas-self	31 792
Il-Miżata tat-Teżor ta' l-Istat, pro rata fuq il-garanzija totali u l-perjodu tas-self	68 683
L-ispejjeż totali għas-self garantit imħallsa attwalment	1 161 525
Id-differenza ta' l-interessi (=benefiċċju)	1 645 682
Flimkien ma' l-interessi komposti bir-rata ta' l-irkupru mill-24.8.2004 sa l-20.11.2007	444 086
Pagabbli fl-20.11.2007	2 089 768

(e) Konklużjoni

(118) Fil-qosor: il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ħlas tal-ftehim ta' bejgħ u kiri lura għall-assi produttivi ma kienx previst fl-IPB ta' l-2003 u poġġa r-restawrazzjoni ta' vijabbiltà friskju, mill-inqas fiż-żmien meta l-għajjnuna kienet meħtieġa. Madankollu, billi l-kumpanija xorta rrestawrat l-vijabbiltà, l-użu ħażin ta' l-għajjnuna ma jaffetwax il-kompatibbiltà ta' l-għajjnuna li tibqa'. Barraminnekk billi l-garanzija ġiet terminata u s-self diġà ġie mħallas lura, is-sussidju ta' l-interessi biss li minnu l-HLW ibbenefikat fil-perjodu meta l-flus kienu disponibbli (jiġifieri mit-trasferiment tal-flus għall-ħlas lura) jeħtieġ li jiġi rkuprat issa. Dan is-sussidju ta' l-interessi jammonta għal EUR 1 645 682.

3. Bidla fil-pjan

(119) Il-Polonja talbet lill-Kummissjoni biex taċċetta IBP aġġornat taħt punt 10 tal-Protokoll Nru 8.

(120) Il-Kummissjoni ttrattat każijiet simili fil-passat u kkjarifikat li: "Ftehim mill-Kummissjoni għal bidla ta' IBP irid ikun ibbażat fuq il-konsiderazzjoni li m'hemm l-ebda problema ta' kompatibbiltà tal-bidla ma' l-oġettivi tal-Protokoll Nru 8. Dan huwa l-każ fejn iċ-ċifri prinċipali indikati

⁽²⁵⁾ In-Notifika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajjnuna Statali f'forma ta' garanziji, (ĠU C 71, 11.3.2000, p. 14, punt 3.2).

fil-Protokoll dwar l-ghajjnuna Statali, il-kapaċità u ż-żmien jibqgħu mhux mibdula u l-proporzjonalità ta' l-ghajjnuna Statali kif stipulate fil-Protokoll tibqa' fis-seħħ mingħajr ma jiġi kkontestat l-oġġettiv tal-vijabbiltà." (28)

(121) Il-Kummissjoni kkjarifikat fid-deċiżjoni tal-ftuħ li f'dan il-każ il-bidliet ma kinux jikkonċernaw la żieda ta' l-ammont totali ta' l-ghajjnuna Statali u lanqas żieda tal-kapaċità ta' produzzjoni (27) ġewwa l-perjodu ta' ristrutturatur, imma li l-IBP revizjonat prinċipalment kien jimplika bidla sinifikanti fl-istrateġija ta' l-investment tal-kumpanija, li l-ghajjnuna Statali pprovduta dehret li għet abbużata bħala għajjnuna operattiva u l-ebda għajjnuna Statali oħra ma kienet meħtieġa biex jiġu kkompletati l-investimenti (ara punti 54 u 56). Essenzjalment, l-investigazzjoni kkonfermat li dawn id-dubji ma ġewx spjegati, billi l-ghajjnuna għet filfatt użata ħażin, kif konkluż aktar 'il fuq, u mhijiex kompatibbli mas-suq komuni.

(122) L-IPB ta' l-2005 ma jirranġax dan id-difett, jiġifieri l-eċċess ta' l-ghajjnuna Statali, u għalhekk ma jstax jiġi approvat f'dik il-forma. B'mod partikolari, il-fatt li l-AHW fil-frattemp reġgħet qajmet il-programm ta' investment mhux biżżejjed biex jirranġax d-difett. Kif diskuss aktar 'il fuq, dan kien ikun hekk anke kieku l-kumpanija wettqet biss l-investimenti indikati fil-pjan ta' ristrutturatur. Huwa ċar li l-programm ta' investment il-ġdid se jiġi implimentat fi stadju ħafna aktar tard minn kif kien previst oriġinarjament fil-pjan. Huwa wkoll ċar li l-ghajjnuna oriġinali kienet ipprovduta biex tiżgura konformità ma' l-iskeda tal-programm ta' ristrutturatur. Għalhekk l-ghajjnuna kienet relatata ma' l-iskop ta' l-inċitament ta' l-HLW li tagħmel dawn l-investimenti b'mod skedat u fil-ħin fl-2003 u l-2004. Filfatt, kieku l-iskeda ta' ristrutturatur kienet imdewma *ex ante* għall-2004 u l-2005, l-ebda self temporanju u għalhekk l-ebda għajjnuna ma kienet tkun meħtieġa.

(123) Minkejja l-użu ħażin, il-Kummissjoni tinnota li jekk l-ghajjnuna użata ħażin tiġi rkuprata, hija tista' taċċetta l-pjan ġdid residwali. Fid-deċiżjoni li tibda l-proċedura l-Kummissjoni tinnota li kienet lesta taċċetta l-istrateġija tan-negozju l-ġdida minn perspettiva industrijali, billi taċċetta li l-investment il-ġdid ikun ta' benefiċċju għall-prestazzjoni ekonomika futura tal-kumpanija u jista' jkollu effetti pożittivi oħra fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali u t-tnaqqis ta' l-ispiża.

(124) Fi kwalunkwe każ il-Kummissjoni tinnota li l-emenda tal-pjan ma teħtieġ kwalunkwe għajjnuna addizzjonali imma

hija kompletament ifffinanzjata mill-fondi ta' l-investitur. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni biex toġġezzjona għall-programm aġġornat, anke jekk hemm bidla fl-istrateġija. (28)

VII. KONLUŻJONI

(125) Fil-qosor, il-Kummissjoni tikkonkludi li, skond punti 9 u 18 tal-Protokoll Nru 8, il-garanzija għas-self ta' EUR 31,2 miljun għet użata ħażin u ntużat b'mod mhux kompatibbli mill-HLW. Meqjus li l-garanzija ta' l-Istat għet itterminata u s-self ġie mħallas lura, li jfisser li kien hemm vantaġġ għall-HLW ekwivalenti għal sussidju ta' l-interessi ta' EUR 1 645 682, dan il-vantaġġ għandu jiġi rrimborżat. Billi fl-20 ta' Novembru 2007 l-AHW volontarjament ħallset lura fil-kont ibblukkat EUR 2 089 768, li jikkorrispondu għall-ammont li għandu jiġi rkuprat flimkien ma' l-interessi komposti, li għandhom jiġu rċevuti mill-awtoritajiet Pollakki fid-data tal-ħruġ ta' din id-deċiżjoni, l-ebda rkupru ieħor m'huwa meħtieġ.

(126) Barraminnekk, sakemm din l-ghajjnuna tiġi rrimborżata, il-Kummissjoni tista', taħt punt 10 tal-Protokoll Nru 8, tapprova l-bidla tal-pjan kif indikat fl-IPB ta' l-2005, billi din ma tinvolviex għajjnuna addizzjonali u tirrinforza l-vijabbiltà tal-kumpanija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ghajjnuna Statali ta' EUR 1 645 682 mogħtija lill-HLW/AHW mill-Polonja bi ksur ta' punt 18 tal-Protokoll Nru 8 għet użata ħażin mill-HLW/AHW u mhijiex kompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 2

Fl-isfond tal-ħlas lura ta' l-ghajjnuna wżata ħażin imsemmija fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda oġġezzjonijiet għall-emenda ta' l-AHW tal-pjan tan-negozju tagħha.

(28) Fl-interessi tal-kompletezza, il-Kummissjoni tixtieq ukoll tinnota li hija żżomm l-opinjoni tagħha li s-sostituzzjoni ma kinitx inkluda diġà fl-IPB ta' l-2003. L-IBP jiddikjara b'mod ċar li l-HLW riedet "tiffoka fuq it-titjib gradwali tal-firxa tal-prodott tagħha bl-iżvilupp ta' produzzjoni li tiffoka fuq azzar speċjalizzat u ta' l-inġinerija". L-IPB ta' l-2005 jindika b'mod ċar li "sabiex tissodisfa d-domanda tassuq, sar meħtieġ li tiġi rfinuta l-istrateġija u li jiġi arrikkit il-portafoll tax-xogħolijiet ta' l-azzar b'firxa ġdida ta' prodotti ġodda". Dan jimplika li l-AHW xtaqet tissodisfa d-domanda għall-azzar tal-kostruzzjoni billi tarma magna ġdida kapaċi li tipproduċi azzar tal-kostruzzjoni u tuża l-azzar likwidu eżistenti b'mod aktar effiċjenti għal dan l-iskop. Madankollu, huwa evidenti li l-kumpanija ma kellhiex il-fondi biex tagħmel dawn l-investimenti qabel l-2003, imma setgħet biss tagħmel dan bl-ghajjnuna ta' Arcelor.

(28) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ N 186/05, *Change of IBP of MSP*, punt 41 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru N 600/04 *Change of IBP of VPFM*.

(27) Il-Kummissjoni nnutat li l-investimenti l-ġdid kien se jirriżulta fi tnaqqis tal-kapaċità minn 930 kt għal 700 000 tunnellata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Neelie KROES
Membri tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Ġunju 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2004/432/KE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet tal-monitoraġġ tar-residwi sottomessi minn pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2297)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/407/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

rilevanti għandhom għalhekk jiġu inklużi fil-lista għal dawk il-pajjiżi terzi fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 96/23/KE tistabbilixxi miżuri għall-monitoraġġ ta' sustanzi u gruppi ta' residwi elenkati fl-Anness I tagħha. Skond id-Direttiva 96/23/KE, l-inklużjoni u ż-żamma fuq il-listi tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimpurtaw annimali u prodotti primarji li joriġinaw mill-annimali koperti minn dik id-Direttiva, għandhom ikunu soġġetti għat-tressiq mill-pajjiżi terzi kkonċernati ta' pjan li jstipula l-garanziji li huma joffru fejn jidħol il-monitoraġġ tal-gruppi ta' residwi u sustanzi msemmija f'dik id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/432/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet tal-monitoraġġ tar-residwi sottomessi minn pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE⁽²⁾ telenka dawk il-pajjiżi terzi li ppreżentaw pjan tal-monitoraġġ tar-residwi, li jstipula l-garanziji offruti minnhom skond ir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva.

(3) Il-Kaledonja l-Ġdida u t-Tanzanija ppreżentaw pjanijiet għall-monitoraġġ tar-residwi lill-Kummissjoni għall-annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li bħalissa m'humiex elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE. L-evalwazzjoni ta' dawk il-pjanijiet u l-informazzjoni addizzjonali miksuba mill-Kummissjoni jipprovdu biżżejjed garanziji għall-monitoraġġ tar-residwi f'dawk il-pajjiżi terzi għall-annimali u l-prodotti kkonċernati. L-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali

(4) Il-Kosta Rika, li bħalissa mhix elenkata fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE, ressqet pjan ta' monitoraġġ tar-residwi lill-Kummissjoni fir-rigward tal-prodotti ta' l-akkwakultura. L-evalwazzjoni ta' dak il-pjan u l-informazzjoni addizzjonali miksuba mill-Kummissjoni jipprovdu biżżejjed garanziji għall-monitoraġġ tar-residwi fil-prodotti ta' l-akkwakultura f'dak il-pajjiż terz. Il-prodotti ta' l-akkwakultura għandhom għalhekk jiġu inklużi fil-lista tal-Kosta Rika fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(5) L-Afrika t'Isfel tneħħiet, fir-rigward ta' bosta annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, mill-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/432/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/105/KE⁽³⁾. Madankollu, wara li tat garanziji sostanzjali, l-Afrika t'Isfel inżammet fil-lista fir-rigward ta' l-ispeċi tal-kaċċa selvaġġi u mrobbija, inklużi n-ngħam. Filwaqt li dak il-pajjiż terz wera li l-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-2007/2008 kien qed jiġi implimentat għan-ngħam, għal darb'oħra naqas milli jagħti evidenza ta' l-implimentazzjoni tal-pjan għall-ispeċi tal-kaċċa selvaġġi u mrobbija, minbarra n-ngħam. Għalhekk, l-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali rilevanti għandhom jinteħħew mil-lista għall-Afrika t'Isfel fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(6) Spezzjoni mill-Uffiċċju Veterinarju u ta' l-Ikel fir-Repubblika tal-Moldova wriet li hemm nuqqasijiet serji fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-għasel. Il-parti rilevanti għar-Repubblika tal-Moldova għandha għalhekk titneħħa mil-lista fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni. L-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż terz ġew infurmati dwar dan.

(7) Għandu jiġi stipulat perjodu tranżizzjonali biex ikopri l-kunsinni ta' annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li ġejjin mill-Afrika t'Isfel u r-Repubblika tal-Moldova u li ntbagħtu minn dawn il-pajjiżi terzi lejn il-Komunità qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, biex ikopri ż-żmien meħtieġ għall-wasla tagħhom fil-Komunità u biex jiġi evitat kull tfixkil fil-kummerċ.

(8) Id-Deċiżjoni 2004/432/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(¹) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

(²) ĠU L 154, 30.4.2004, p. 44. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2008/222/KE (ĠU L 70, 14.3.2008, p. 17).

(³) ĠU L 38, 13.2.2008, p. 9.

- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

lejn il-Komunità qabel id-data ta' l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni preżenti.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2004/432/KE jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-emendi lill-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/432/KE mid-Deċiżjoni preżenti m'għandhomx japplikaw għal kunsinni ta' annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali mill-Afrika t'Isfel u mir-Repubblika tal-Moldova fejn l-importatur ta' tali annimali jew prodotti jkun jista' juri li dawn intbagħtu mill-Afrika t'Isfel u r-Repubblika tal-Moldova rispettivament u kienu fi triqithom

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2008.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 2 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kaprieni	Majjali	Ekwiini	Tjur	Akkwaku- tura	Ħalib	Bajd	Fenek	Speċi tal- kaċċa selvaġġi	Speċi tal- kaċċa mrobb- bija	Għasel
AD	Andorra (1)	X	X		X								
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						X						
AL	L-Albanija		X				X		X				
AN	L-Antilli Olandiżi							X (2)					
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X	X			X	X	X
BA	Il-Bożnja u l-Herzegovina						X						
BD	Il-Bangladexx						X						
BR	Il-Brażil	X			X	X	X						X
BW	Il-Botswana	X										X	
BY	Il-Belarus				X (2)		X	X	X				
BZ	Il-Beliże						X						
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CH	L-Iżviżżera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċili	X	X (4)	X		X	X	X			X		X
CN	Iċ-Ċina					X	X			X			X
CO	Il-Kolombja						X						
CR	Il-Kosta Rika						X						
CU	Kuba						X						X
EC	L-Ekwador						X						
ET	L-Etjopja												X
FK	Il-Gżejjer Falklands	X	X										
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X						

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kapriini	Majjali	Ekwiini	Tjur	Akkwaku- tura	Ħalib	Bajd	Fenek	Speċi tal- kaċċa selvaġġi	Speċi tal- kaċċa mrobb- bija	Għasel
GL	Greenland		X								X	X	
GM	Il-Gambja						X						
GT	Il-Gwatemala						X						X
HK	Hong Kong					X ⁽⁵⁾	X ⁽⁵⁾						
HN	Il-Honduras						X						
HR	Il-Kroazja	X	X	X	X ⁽⁶⁾	X	X	X	X	X	X	X	X
ID	L-Indoneżja						X						
IL	L-Iżrael					X	X	X	X				X
IN	L-Indja						X	X	X				X
IS	L-Izlanda	X	X	X	X		X	X				X ⁽²⁾	
IR	L-Iran, ir-Republika Iżlamika ta'						X						
JM	Il-Ġamajka						X						X
JP	Il-Ġappun						X						
KG	Il-Kirgistan												X
KR	Il-Korea, Republika ta'						X						
LK	Is-Sri Lanka						X						
MA	Il-Marokk						X						
ME	Il-Montenegro ⁽²⁾	X	X	X	X ⁽²⁾								X
MG	Il-Madagaskar						X						
MK	L-eks Republika Jugoslava tal-Maċedonja ⁽⁶⁾	X	X		X ⁽²⁾			X					
MU	Il-Mawrizju					X ⁽²⁾	X						
MX	Il-Messiku				X		X		X				X
MY	Il-Malażja					X ⁽²⁾	X						
MZ	Il-Możambik						X						
NA	In-Namibja	X	X								X	X	

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kapriini	Majjali	Ekwiini	Tjur	Akkwaku- tura	Ħalib	Bajd	Fenek	Speċi tal- kaċċa selvaġġi	Speċi tal- kaċċa mrob- bija	Għasel
NC	Il-Kaledonja l-Għida	X					X				X	X	X
NI	In-Nikaragwa						X						X
NZ	New Zealand	X	X		X		X	X			X	X	X
PA	Il-Panama						X						
PE	Il-Perù					X	X						
PH	Il-Filippini						X						
PN	Il-Pitcairn												X
PY	Il-Paragwaj	X											
RS	Is-Serbja ⁽⁸⁾	X	X	X	X ⁽⁹⁾	X	X	X	X		X		X
RU	Il-Federazzjoni Russa	X	X	X	X ⁽⁹⁾	X		X	X			X ⁽⁹⁾	X
SA	L-Għarabja Sawdita						X						
SC	Is-Seychelles						X						
SG	Singapor	X ⁽²⁾	X ⁽²⁾	X ⁽²⁾		X ⁽²⁾	X ⁽²⁾	X ⁽²⁾					
SM	San Marino ⁽¹⁰⁾	X		X									X
SR	Is-Surinam						X						
SV	L-El Salvador												X
SZ	Is-Swazilandja	X											
TH	It-Tajlandja					X	X						X
TN	It-Tunizija					X	X				X		
TR	It-Turkija					X	X	X					X
TW	It-Tajwan						X						X
TZ	Tanzania, Repubblika Unita tat-						X						X
UA	L-Ukraina							X	X				X
UG	L-Uganda												X
US	L-Istati Uniti	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X	X		X	X	X	X

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kaprieni	Majjali	Ekwini	Tjur	Akkwaku- tura	Ħalib	Bajd	Fenek	Speċi tal- kaċċa selvaġġi	Speċi tal- kaċċa mrobb- bija	Għasel
VE	Il-Venezwela						X						
VN	Il-Vjetnam						X						
YT	Il-Mayotte						X						
ZA	L-Afrika t' Isfel										X ⁽¹⁾	X ⁽¹⁾	
ZM	Iż-Żambja												X
ZW	Iż-Żimbabwe						X					X	

(¹) Il-pjan inizjali ta' monitoraġġ tar-residwi approvat mis-sottogrupp veterinarju KE-Andorra (skond id-Deċiżjoni Nru 2/1999 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra tat-22 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 31, 5.2.2000, p. 84)).

(²) Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima minn pajjiżi terzi oħra approvati għall-produzzjoni ta' l-ikel.

(³) Esportazzjonijiet ta' ekwini haġġin għat-tbiċċir (ammimali għall-produzzjoni ta' l-ikel biss).

(⁴) Annimali ovini biss.

(⁵) Sitwazzjoni provviżorja bi stennja għal aktar informazzjoni dwar ir-residwi.

(⁶) L-eks Repubblika Jugoslava ta l-Maċedonja; kodiċi provviżorju li bl-ebda mod ma jippreġudika n-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li bħalissa qed tiġi diskussa min-Nazzjonijiet Uniti.

(⁷) Il-Malaġġa Peninsulari (tal-Punent) biss.

(⁸) Mhux inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

(⁹) Għar-remmi mir-reġjuni ta' Murmansk u Yamalo-Nenets biss.

(¹⁰) Il-Pjan ta' Monitoraġġ approvat skond id-Deċiżjoni Nru 1/94 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni KE-San Marino tat-28 ta' Ġunju 1994 (ĠU L 238, 13.9.1994, p. 25).

(¹¹) Nġam biss"